

MT

MT

MT



IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussel 21.4.2010
KUMM(2010)172 finali
2010/0093 (NLE)

Proposta għal

DEĊIJONI TAL-KUNSILL

**dwar il-konklużjoni tal-Konvenzjoni reġjonali dwar ir-regoli preferenzjali tal-oriġini
pan-Ewro-Mediterranji**

EN

MT

MT

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

1.1. Ir-raġunijiet u l-għanijiet tal-proposta

Fil-preżent iż-żona ta' akkumulazzjoni pan-Ewro-Mediterranja tinkleudi l-Komunità Ewropea, l-Istati tal-EFTA (l-Islanda, in-Norveġja, l-Isvizzera, il-Liechtenstein), il-parteċipanti fil-Proċess ta' Barċellona (l-Alġerija, l-Eġittu, l-Iżrael, il-Ġordan, il-Libanu, il-Marokk, is-Sirja, it-Tuneżija, it-Turkija, il-Palestina) u l-Gżejjer Faroe.

Is-sistema ta' akkumulazzjoni tal-oriġini pan-Ewro-Mediterranja hija magħmula minn numru ta' ftehimiet li jiffissaw, fost affarrijiet oħrajn, dispożizzjonijiet dwar il-kummerċ ħieles imsejsin fuq netwerk ta' regoli tal-oriġini identiċi li permezz tagħhom jista' jkun hemm akkumulazzjoni dijagonali, fost il-pajjiżi taż-żona. Din iż-żona ta' akkumulazzjoni x'aktarx li se tkompli tikber biż-żmien.

Minn mindu ġiet implimentata s-sistema ta' akkumulazzjoni pan-Ewro-Mediterranja, id-diffikultajiet marbutin mal-amministrazzjoni tas-sistema attwali tal-protokolli individwali żdiedu. Kwalunkwe emenda li ssir f'protokoll li jaapplika bejn żewġ pajjiżi msieħba fiż-żona pan-Ewro-Mediterranja timplika emendi identiċi f'kull protokoll li jaapplika fi ħdan iż-żona. Għalhekk, il-Kummissjoni Ewropea nediet l-idea li tibbaża l-akkumulazzjoni dijagonali tal-oriġini fuq strument legali uniku fil-forma ta' konvenzjoni regionali dwar regoli tal-oriġini preferenzjali, minn hawn 'il-quddiem imsejħa "il-Konvenzjoni", li l-ftehimiet individwali dwar il-kummerċ ħieles li jaapplikaw bejn il-pajjiżi taż-żona jagħmlu referenza għaliha. L-idea ta' konvenzjoni bħal din kienet digħà ġiet analizzata fl-2003 iżda qatt ma ttieħdu passi biex issir xi ħaġa dwarha.

Fil-Konferenza Ministerjali Ewro-Mediterranja dwar il-Kummerċ li saret f'Lisbona f'Ottubru tal-2007, l-idea ta' konvenzjoni tqajmet mill-ġdid u l-Ministri qablu bejniethom li kellu jinbeda l-abbozzar ta' konvenzjoni unika dwar ir-regoli preferenzjali tal-oriġini għaż-żona pan-Ewro-Mediterranja sabiex tissostitwixxi n-netwerk attwali ta' protokolli dwar ir-regoli tal-oriġini. Għal dan il-fini, il-Ministri fdaw ix-xogħol tekniku li għandu jsir fidejn il-Grupp ta' Ħidma Pan-Ewro-Mediterranju.

Fl-istess okkażjoni, il-Ministri Ewro-Mediterranji tal-Kummerċ iddeċidew li jinkludu lill-parteċipanti fil-Proċess ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni (l-Albanija, il-Bosnja-Herzegovina, il-Kroazja, dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, il-Montenegro u s-Serbja, kif ukoll il-Kosovo skont ir-Riżoluzzjoni 1244/99 tal-KSNU) f'din iż-żona ta' akkumulazzjoni u fdaw lill-Grupp ta' Ħidma Pan-Ewro-Mediterranju biex jipprepara l-emendi tekniċi meħtiġa għal dan il-ġhan. L-inklużjoni ta' dawn il-pajjiżi fis-sistema ta' akkumulazzjoni pan-Ewro-Mediterranja se ssir permezz ta' din il-Konvenzjoni.

Fis-26 ta' Novembru 2009 l-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni biex tiftaħ negozjati mal-Istati tal-EFTA, mal-parteċipanti fil-Proċess ta' Barċellona, mal-parteċipanti fil-Proċess ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni u mal-Gżejjer Faroe dwar il-Konvenzjoni. Il-Kummissjoni ssodisfat id-direttivi kollha tan-negozjar:

- il-Konvenzjoni tippermetti ġestjoni aktar effettiva tas-sistema ta' akkumuluzzjoni Pan-Ewro-Mediterranja, u b'hekk tiffaċilita l-proċedura li biha jsiru emendi fir-regoli tal-oriġini.
- se jiġi stabbilit Kumitat Konġunt mill-Konvenzjoni u dan se jkollu s-setgħa li jemenda d-dispożizzjonijiet tagħha u jiddeċiedi dwar kwalunkwe adeżjoni fil-futur.
- il-Konvenzjoni tippermetti li d-dispożizzjonijiet eżistenti, li mhumiex komuni għall-partijiet kontraenti kollha tal-futur, jiġu indirizzati.
- il-Konvenzjoni hi miftuħa għall-possibbiltà ta' estensjoni fil-futur tal-ambitu ġeografiku tal-akkumulazzjoni għall-pajjiżi u t-territorji ġirien.
- id-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni jistgħu jiġu emendati b'mod unanimu fil-Kumitat Konġunt sabiex ikun hemm respons aħjar għar-realtajiet ekonomiċi.

B'konformità mal-Artikolu 17(1) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, il-Kummissjoni se tirrapreżenta lill-Unjoni fil-Kumitat Konġunt stabbilit permezz tal-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni. Meta l-Kumitat Konġunt jintalab jadotta atti li jkollhom effetti legali, partikolarmen skont l-Artikolu 4 tal-Konvenzjoni, il-pożizzjonijiet li jiġu adottati fissem l-Unjoni se jiġu stabbiliti b'konformità mal-Artikolu 218(9) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

1.2. Kuntest ġenerali

Il-Kummissjoni ħadet sehem attiv fil-proċess, mibdi fl-2007, bil-ħsieb li jitfassal l-abbozz tat-test tal-Konvenzjoni fil-qafas tal-Grupp ta' Ħidma Pan-Ewro-Mediterranju. L-abbozz aħħari ġie diskuss u ntlaħaq qbil dwaru minn dan il-Grupp fid-29 ta' Ottubru 2009.

It-test tal-Konvenzjoni ġie approvat mill-Ministri Ewro-Mediterranji tal-Kummerċ waqt il-Konferenza tagħhom li saret fid-9 ta' Diċembru 2009 fi Brussell.

1.3. Dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam tal-proposta

Il-Konvenzjoni tikkonsolida l-protokolli kollha dwar ir-regoli tal-oriġini li jinsabu fis-seħħi bejn membri tas-sistema Pan-Ewro-Mediterranja tal-akkumulazzjoni tal-oriġini.

Il-Konvenzjoni tintegħra l-protokolli kollha dwar ir-regoli tal-oriġini li jinsabu fis-seħħi bejn is-sħab li qed jipparteċipaw fil-Proċess ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni u l-pajjiżi u t-territorji taż-żona Pan-Ewro-Mediterranja.

1.4. Konsistenza mal-politiki u l-għanijiet l-oħra tal-Unjoni

Id-deċiżjoni proposta hija konsistenti mal-politika tal-Unjoni dwar il-kummerċ.

2. IL-KONSULTAZZJONI MAL-PARTIJIET INTERESSATI U L-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT

2.1. Konsultazzjoni mal-partijiet interessati

L-Istati Membri ġew ikkonsultati b'mod regolari dwar l-abbozz tal-Konvenzjoni fil-qafas tat-Taqsima tal-Oriġini tal-Kumitat tal-Kodiċi tad-Dwana.

Is-ħab Pan-Ewro-Mediterranji ġew ikkonsultati fil-qafas tal-Grupp ta' Ħidma Pan-Ewro-Mediterranju u t-test finali anness ma' din il-proposta huwa r-riżultat tad-diskussionijiet fi ħdan dan il-Grupp.

It-test tal-Konvenzjoni ġie approvat mill-Ministri Ewro-Mediterranji tal-Kummerċ waqt il-Konferenza tagħhom li saret fid-9 ta' Diċembru 2009 fi Brussell.

2.2. Ġbir u użu tal-kompetenza

Ma kien hemm bżonn l-ebda kompetenza esterna.

2.3. Valutazzjoni tal-impatt

M'hemmx bżonn ta' valutazzjoni tal-impatt.

3. ELEMENTI LEGALI TAL-PROPOSTA

3.1. L-azzjoni proposta fil-qosor

Il-konklużjoni tal-Konvenzjoni.

3.2. Bażi legali

L-Artikolu 207(4), l-ewwel subparagrafu, flimkien mal-Artikolu 218(6)(a) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

3.3. Il-prinċipju tas-sussidjarjetà

Il-proposta taqa' taħt il-kompetenza esklussiva tal-Unjoni. Il-prinċipju tas-sussidjarjetà għalhekk ma japplikax.

3.4. Il-prinċipju tal-proporzjonalità

Il-proposta hija konformi mal-prinċipju tal-proporzjonalità.

Ma hemm l-ebda piż finanzjarju jew amministrattiv ieħor.

3.5. Għażla tal-strumenti

Strument propost: Deċiżjoni tal-Kunsill

Mezzi oħra ma jkunux adegwati għar-raġuni li ġejja:

Il-Konvenzjoni trid tīgħi ffirmata f'isem l-Unjoni Ewropea.

4. IMPLIKAZZJONI GĦALL-BAĠIT

Il-proposta ma għandha l-ebda implikazzjonijiet għall-baġit tal-Unjoni.

5. TAGĦRIF ADDIZZJONALI

5.1. Klawżola ta' analiżi/reviżjoni/terminazzjoni awtomatika

Mhux applikabbli.

Proposta għal

DEĊIJONI TAL-KUNSILL

dwar il-konklużjoni tal-Konvenzjoni reġjonali dwar ir-regoli preferenzjali tal-oriġini pan-Ewro-Mediterranji

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u partikolarmen l-ewwel sottoparagrafu tal-Artikolu 207 (4), flimkien mal-Artikolu 218(6)(a) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew,

Billi:

- (1) Fis-26 ta' Novembru 2009 l-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni biex tiftaħ negozjati mal-Istati tal-EFTA, mal-parteċipanti fil-Proċess ta' Barċellona, mal-parteċipanti fil-Proċess ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni u mal-Gżejjer Faroe dwar il-Konvenzjoni, dwar ir-regoli preferenzjali tal-oriġini pan-Ewro-Mediterranji, minn hawn 'il quddiem "il-Konvenzjoni"
- (2) Fid-9 ta' Diċembru 2009 t-test tal-Konvenzjoni ġie approvat mill-Ministri Ewro-Mediterranji tal-Kummerċ waqt il-Konferenza tagħhom li saret fi Brussell.
- (3) F'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill [...]/ ta' [...], u soġġett għall-konklużjoni tiegħu f'data aktar 'il quddiem, il-Ftehim ġie ffirmat f'isem l-Unjoni Ewropea fil- [...].
- (4) Il-Konvenzjoni għandha għalhekk tiġi konkluża.

ADDOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Konvenzjoni reġjonali dwar ir-regoli preferenzjali tal-oriġini għaż-żona pan-Ewro-Mediterranja b'dan ġiet konkluża.

It-test tal-Konvenzjoni huwa meħmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill għandu jinnomina l-persuna awtorizzata biex tiddeposita l-istrument ta' aċċettazzjoni previst fl-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni f'isem l-Unjoni Ewropea

Artikolu 3

Il-Kummissjoni ser tirrappreżenta l-Unjoni fil-Kumitat Konġunt li huwa stabbilit mill-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fis-jum tal-adozzjoni tagħha. Għandha tiġi ppubblikata *fil-Ġurnal Uffiċċali tal-Unjoni Ewropea*.

Id-data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim għandha tiġi pubblikata f'*Il-Ġurnal tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussel,

*Għall-Kunsill
Il-President*

ANNESS

KONVENZJONI REĠJONALI DWAR IR-REGOLI PREFERENZJALI TAL-ORIĠINI PAN-EWRO-MEDITERRANJI

L-Unjoni Ewropea,

Ir-Repubblika tal-Islanda, ir-Renju tan-Norveġja, il-Konfederazzjoni Svizzera, il-Prinċipat tal-Liechtenstein,

Minn hawn 'il quddiem imsejħin "l-Istati tal-EFTA",

Ir-Repubblika Demokratika Popolari tal-Alġerija, ir-Repubblika Għarbija tal-Ēgittu, l-Istat tal-Iżrael, ir-Renju Ħaxemita tal-Ġordan, ir-Repubblika Libaniża, ir-Renju tal-Marokk, ir-Repubblika Għarbija Sirjana, ir-Repubblika tat-Tuneżija, l-OLP fisem l-Awtorità Palestinjana tax-Xatt tal-Punent u tal-Istrixxa ta' Gaża, ir-Repubblika tat-Turkija,

Minn hawn 'il quddiem imsejħin "il-parteċipanti fil-Proċess ta' Barċellona",

Ir-Repubblika tal-Albanija, il-Bosnja-Herzegovina, ir-Repubblika tal-Kroazja, dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, il-Montenegro, ir-Repubblika tas-Serbja, kif ukoll il-Kosovo skont ir-Riżoluzzjoni 1244/99 tal-KSNU,

Minn hawn 'il quddiem imsejħin "il-parteċipanti fil-Proċess ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni",

Ir-Renju tad-Danmarka fir-rigward il-Gżejjer Faroe,

Minn hawn 'il quddiem imsejħin "il-Gżejjer Faroe",

WARA LI KKUNSIDRAW is-sistema tal-akkumuluzzjoni tal-oriġini Pan-Ewro-Mediterranja magħmula minn netwerk ta' Ftehimiet dwar il-Kummerċ Ħieles, li tipprovd għal netwerk ta' regoli tal-oriġini identiċi li permezz tagħhom jista' jkun hemm akkumulazzjoni dijagonali,

WARA LI KKUNSIDRAW il-possibbiltà ta' estensjoni fil-ġejjieni tal-ambitu ġeografiku tal-akkumulazzjoni dijagonali għal pajjiżi u territorji ġirien,

WARA LI KKUNSIDRAW id-diffikultajiet fil-ġestjoni tan-netwerk attwali ta' protokolli bilaterali dwar ir-regoli tal-oriġini fost il-pajjiżi jew territori taż-żona Pan-Ewro-Mediterranja, ikun xieraq li s-sistemi bilaterali eżistenti dwar ir-regoli tal-oriġini jiġi trasposti f'qafas multilaterali, bla ħsara għall-prinċipji preskritti fil-ftehimiet rilevanti jew fi kwalunkwe ftehimiet bilaterali relatati oħrajn,

WARA LI KKUNSIDRAW li kwalunkwe emenda li ssir għal protokoll dwar ir-regoli tal-oriġini li jaapplika bejn żewġ pajjiżi mseħbin fiż-żona Pan-Ewro-Mediterranja timplika emendi identiċi għal kull protokoll li jaapplika fiż-żona,

WARA LI KKUNSIDRAW li r-regoli tal-oriġini sejkollhom jiġu emendati sabiex ikun hemm rispons aħjar għar-realtà ekonomika,

WARA LI KKUNSIDRAW l-idea li l-akkumulazzjoni tal-oriġini tkun ibbażata fuq strument legali uniku fil-forma ta' konvenzjoni regionali dwar regoli preferenzjali tal-oriġini, li l-

ftehimiet individwali dwar il-kummerċ ħieles li japplikaw bejn il-pajjiżi taż-żona jkunu jagħmlu referenza għalih,

WARA LI KKUNSIDRAW li, kollox ma' kollox, il-konvenzjoni reġjonali li ġejja ma twassalx għal sitwazzjoni inqas favorevoli milli kien hemm fir-relazzjoni ta' qabel bejn is-sħab fil-kummerċ ħieles li japplikaw l-akkumulazzjoni Pan-Ewropea jew Pan-Ewro-Mediterran,

WARA LI KKUNSIDRAW li l-idea ta' konvenzjoni reġjonali dwar regoli preferenzjali tal-oriġini għaż-żona Pan-Ewro-Mediterranja kisbet l-appoġġ tal-Ministri Ewro-Mediterranji matul il-laqgħa tagħhom f'Lisbona fil-21 ta' Ottubru 2007,

WARA LI KKUNSIDRAW li objettiv ewljeni ta' konvenzjoni reġjonali unika hu li wieħed jersaq lejn l-applikazzjoni ta' regoli identiċi tal-oriġini għall-fini tal-akkumulazzjoni tal-oriġini għall-prodotti kkummerċjati bejn il-Partijiet Kontraenti kollha,

IDDEĊIDEW li jikkonkludu l-Konvenzjoni seguenti:

DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

Artikolu 1

1. Din il-Konvenzjoni tippreskrivi dispożizzjonijiet dwar l-oriġini ta' prodotti kkummerċjati skont il-ftehimiet rilevanti konklużi bejn il-Partijiet Kontraenti.
2. Il-kunċett ta' 'prodotti orīginarji' u l-metodi ta' koperazzjoni amministrattiva marbutin miegħu huma preskritti fl-Appendiċi ta' ma' din il-Konvenzjoni.

L-Appendiċi I jippreskrivi regoli ġenerali għall-kunċett ta' prodotti orīginarji u l-metodi ta' koperazzjoni amministrattiva.

L-Appendiċi II jippreskrivi dispożizzjonijiet spċifici li huma applikabbi bejn ċerti Partijiet Kontraenti.

3. Dawn li ġejjin huma Partijiet Kontraenti għal din il-Konvenzjoni:
 - l-Unjoni Ewropea,
 - l-Istati tal-EFTA kif elenkti fil-Preambolu,
 - il-Gżejjer Faroe,
 - il-parteċipanti fil-Proċess ta' Barcellona kif elenkti fil-Preambolu,
 - il-parteċipanti fil-Proċess ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni kif elenkti fil-Preambolu.

Artikolu 2

Għall-fini ta' din il-Konvenzjoni, it-terminu:

- (a) "Parti Kontraenti" jfisser dawk elenkti fl-Artikolu 1 (3);

(b) "parti terza" jfisser kwalunkwe pажjiж jew territorju ݁ar li mhux Parti Kontraenti għal din il-Konvenzjoni u li mhux elenkat fl-Artikolu 1 (3);

(c) "ftehim rilevanti" jfisser ftehim li jeżisti bejn żewġ Partijiet Kontraenti jew aktar, li jagħmel referenza għal din il-Konvenzjoni.

IL-KUMITAT KONĠUNT

Artikolu 3

1. Kunitat konġunt huwa għalhekk stabbilit fejn kull Parti Kontraenti għall din il-laqgħha tkun rappresentata
2. Il-Kunitat Konġunt għandu jaġixxi b'unanimità, bla ħsara għall-Artikolu 5 (4).
3. Il-Kunitat Konġunt għandu jiltaqa' kulmeta jkun neċċesarju, imma mill-inqas darba f'sena. Kull parti Kontraentu tista' titlob biex issir laqgħa
4. Il-Kunitat Konġunt għandu jadotta r-regoli ta' proċedura tiegħu nnifsu, li għandu, inter alia, ikun fihom dispożizzjonijiet dwar is-sejħa tal-laqgħat u dwar in-nomina tal-president u l-mandat tiegħu.
5. Il-Kunitat Konġunt jista' jiddeċiedi li joħloq kwalunkwe sottokomitat jew grupp ta' ħidma li jkun jista' jassistih fil-qadi ta' dmirijietu.

Artikolu 4

1. Għandha tkun ir-responsabbiltà tal-Kunitat Konġunt li jamministra din il-Konvenzjoni u jassigura l-implementazzjoni korretta tagħha. Għal dan il-fini, għandu jkun infurmat b'mod regolari mill-Partijiet Kontraenti dwar l-esperjenzi li jkollhom fl-applikazzjoni ta' din il-Konvenzjoni. Il-Kunitat Konġunt għandu jaġħmel rakkomandazzjonijiet, u fil-każijiet li jipprovd għalihom il-paragrafu 3, għandu jieħu deċiżjonijiet.
2. Partikolarment, għandu jirrakkomanda lill-Partijiet Kontraenti:
 - (a) noti spjegattivi u linji gwida għall-applikazzjoni uniformi ta' din il-Konvenzjoni;
 - (b) kwalunkwe miżuri oħrajn li jinħtieġu għall-applikazzjoni tagħha.
3. Għandha tadotta permezz ta' deċiżjoni:
 - (a) emendi għal din il-Konvenzjoni, inkludi emendi għall-Appendiċi;
 - (b) stediniet lil partijiet terzi biex jidħlu f'din il-Konvenzjoni b'konformità mal-Artikolu 5;
 - (c) miżuri tranżitorji meħtiġin fil-każ tal-adeżżejoni ta' Partijiet Kontraenti ġodda.

Deċiżjonijiet li ssir referenza għalihom f'dan il-paragrafu għandhom jiddaħħlu fis-seħħi mill-Partijiet Kontraenti skont il-leġiżlazzjoni tagħhom stess.

4. Jekk rappreżtant ta' Parti Kontraenti fil-Kunitat Konġunt ikun aċċetta deċiżjoni dment li tkun tissodisfa r-rekwiżiti legali fundamentali, id-deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħi,

jekk ma tkun imniżżla l-ebda data fiha, fl-ewwel ġurnata tat-tieni xahar wara li t-tnejħiġi tar-riżerva tkun innotifikata.

5. Id-deċiżjonijiet tal-Kumitat Konġunt imsemmijin fil-paragrafu 3(b), li jistiednu lil parti terza biex tingħaqad ma' din il-Konvenzjoni, għandhom jintbagħtu lid-depożitarju, li għandu jikkomunikahom lill-parti terza kkonċernata, flimkien ma' test tal-Konvenzjoni li tkun fis-seħħ f'dik id-data.

6. Mid-data msemmija fil-paragrafu 5, il-parti terza kkonċernata tista' tkun irrappreżentata fil-Kumitat Konġunt, fis-Sottokumitat u fil-gruppi ta' ħidma bħala osservatur.

L-ADEŻJONI TA' PARTIJIET TERZI

Artikolu 5

1. Pajjiżi u territorji tar-reġjun minbarra dawk imsemmijin fl-Artikolu 1 paragrafu 3 jistgħu jsiru Parti Kontraenti għal din il-Konvenzjoni, dment li dak il-pajjiż jew territorju kandidat ikollu fis-seħħ ftehim dwar il-kummerċ ħieles, li jkun jipprovdi għal regoli preferenzjali tal-oriġini, ma' mill-inqas waħda mill-Partijiet Kontraenti.

2. Parti terza għandha tressaq talba bil-miktub għall-adeżjoni lid-depożitarju.

3. Id-depożitarju għandu jressaq it-talba lill-Kumitat Konġunt biex jikkunsidraha.

4. Id-depożitarju għandu fi żmien xahrejn jgħaddi lill-parti li tkun qed tressaq it-talba d-deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt sabiex tīgi mistiedna ssir Parti Kontraenti. Parti Kontraenti waħda ma tistax topponi waħedha dik id-deċiżjoni.

5. Parti terza li tkun mistiedna ssir Parti Kontraenti għal din il-Konvenzjoni għandha tagħmel dan billi tiddepożita strument ta' adeżjoni mad-depożitarju. L-imsemmijin strumenti għandu jkollhom magħħom traduzzjoni tal-Konvenzjoni fl-ilsien/ilsna tal-pajjiż jew territorju li jkun qed jingħaqad magħha.

6. L-adeżjoni għandha ssir effettiva fl-ewwel jum tat-tieni xahar wara d-depożitar tal-istrument tal-adeżjoni.

7. Id-depożitarju għandu jinnotifika lill-Partijiet Kontraenti kollha bid-data li fiha l-istrument tal-adeżjoni jkun ġie ddepożitat u d-data li fiha l-adeżjoni tkun se ssir effettiva.

8. Anki r-rakkmandazzjonijiet u d-deċiżjonijiet tal-Kumitat Konġunt imsemmijin fl-Artikolu 4(2) u (3) li jiġu adottati bejn id-datat tat-tressiq tat-talba msemmija fil-paragrafu 2 u d-data li fiha l-adeżjoni ssir effettiva għandhom jiġu kkomunikati lill-parti terza li tkun qed tingħaqad mal-Konvenzjoni, permezz tad-depożitarju.

Dikjarazzjoni li taċċetta tali atti għandha tiddaħħal fl-istrument tal-adeżjoni jew fi strument għalih li jiġi ddepożitat għand id-depożitarju fi żmien sitt xħur mill-komunikazzjoni. Jekk id-dikjarazzjoni ma tigħix iddepożitata f'dak il-perjodu, l-adeżjoni titqies bħala nulla.

MIXXELLANJU U DISPOSIZZJONIJIET FINALI

Artikolu 6

Kull Parti Kontraenti għandha tieħu miżuri xerqin biex tiżgura li d-dispożizzjonijiet ta' din il-Konvenzjoni jkunu applikati b'mod effettiv, meta wieħed iqis il-ħtieġa li jinstabu soluzzjonijiet li jiġi solus-safaw lil kulħadd għal kwalunkwe diffikultajiet li jirriżultaw mill-applikazzjoni ta' dawk id-dispożizzjonijiet.

Artikolu 7

Il-Partijiet Kontraenti għandhom iżommu lil xulxin infurmati, permezz tad-depożitarju, dwar il-miżuri li jaddottaw għall-implimentazzjoni ta' din il-Konvenzjoni.

Artikolu 8

L-Appendiċi ta' ma' din il-Konvenzjoni għandhom jiffurmaw parti integrali minnha.

Artikolu 9

Kwalunkwe Parti Kontraenti tista' tirtira minn din il-Konvenzjoni kemm-il darba tagħti avviż bil-miktub lid-depożitarju 12-il xahar qabel, li min-naħħa tiegħu għandu jinnotifika lill-Partijiet Kontraenti l-oħra kollha.

Artikolu 10

1. Din il-Konvenzjoni għandha tidħol fis-seħħħ fl-1.1.2011, fil-każ ta' dawk il-Partijiet Kontraenti li sa dakħinhar ikunu ddepożitaw l-istrumenti tal-aċċettazzjoni tagħhom għand id-depożitarju, dment li mill-inqas żewġ Partijiet Kontraenti jkunu ddepożitaw l-istrumenti ta' aċċettazzjoni tagħhom għand id-depożitarju sal-31.12.2010.
2. Jekk din il-Konvenzjoni ma tidħolx fis-seħħħ fl-1.1.2011, għandha tidħol fis-seħħħ fl-ewwel jum tat-tieni xahar wara li jsir id-depożitu tal-aħħar stument ta' aċċettazzjoni minn mill-inqas żewġ Partijiet Kontraenti.
3. Id-depożitarju għandu jinnotifika lill-Partijiet Kontraenti bid-data tad-depożitu tal-istrument ta' aċċettazzjoni ta' kull Parti Kontraenti u bid-data tad-dħul fis-seħħħ ta' din il-Konvenzjoni billi jippubblika dan it-tagħrif f'Ill-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, serje C.

Artikolu 11

Is-Segretarju Ĝeneralist tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea għandu jaġixxi bħala d-depożitarju ta' din il-Konvenzjoni.

APPENDIĊI I

ID-DEFINIZZJONI TAL-KUNċETT TA' 'PRODOTTI ORIĠINARJI' **U L-METODI TA' KOPERAZZJONI AMMINISTRATTIVA**

WERREJ

TITOLU I DISPOŻIZZJONIJET ĠENERALI

Artikolu 1 Definizzjonijiet

TITOLU II DEFINIZZJONI TAL-KUNĊETT TA' 'PRODOTTI ORIĠINARJI'

Artikolu 2 Ir-rekwiżiti ġenerali

Artikolu 3 Il-kumulazzjoni tal-oriġini

Artikolu 4 Prodotti miksuba għal kollox

Artikolu 5 Prodotti maħduma jew proċessati suffiċċientement

Artikolu 6 Xogħol jew proċessar insuffiċċenti

Artikolu 7 Unità ta' kwalifika

Artikolu 8 Aċċessorji, spare parts u għodod

Artikolu 9 Settijiet

Artikolu 10 Elementi newtrali

TITOLU III REKWIŻITI TERRITORJALI

Artikolu 11 Prinċipju ta' territorjalita

Artikolu 12 Trasport dirett

Artikolu 13 Wirjet

TITOLU IV RIFUŻJONI JEW EŻENZJONI

Artikolu 14 Projbizzjoni minn teħid lura ta', jew eżenzjoni minn, dazji doganali

TITOLU V PROVA TA' ORIĠINI

Artikolu 15 Ir-rekwiżiti ġenerali

Artikolu 16 Proċedura għall-ħruġ ta' ċertifikat ta' moviment EUR.1 jew EUR-MED

Artikolu 17 Ċertifikati ta' ċaqliq tal-EUR.1 jew EUR-MED maħruġa retrospettivament

Artikolu 18 Ħruġ tad-duplikat taċ-ċertifikat ta' moviment EUR.1 jew EUR-MED.

Artikolu 19 Ħruġ ta' ċertifikati ta' moviment EUR.1 jew EUR-MED fuq il-bażi ta' prova ta' oriġini maħruġa jew li digħi saret

Artikolu 20 Segregazzjoni tal-kontabbiltà

Artikolu 21 Kundizzjonijiet għat-tfassil ta' dikjarazzjoni tal-oriġini jew ta' dikjarazzjoni tal-oriġini EUR-MED

Artikolu 22 Esportatur approvat

Artikolu 23 Validità tal-prova ta' oriġini

Artikolu 24 Sottomissjoni ta' prova ta' oriġini

Artikolu 25 Importazzjoni rateali

Artikolu 26 Eżenzjonijiet minn prova ta' oriġini

Artikolu 27 Dokumenti ta' sostenn

Artikolu 28 Iż-żamma tal-prova tal-oriġini, tad-dikjarazzjoni tal-fornitur u tad-dokumenti ta' sostenn

Artikolu 29 Diskrepanzi u żbalji formali

Artikolu 30 Ammonti espressi f'euro

TITOLU VI ARRANĠAMENTI GĦAL KOOPERAZZJONI AMMINISTRATTIVA

Artikolu 31 Kooperazzjoni amministrattiva

Artikolu 32 Verifika ta' provi ta' oriġini

Artikolu 33 Soluzzjoni għan-nuqqas ta' qbil

Artikolu 34 Pieni

Artikolu 35 Żoni liberi

Listo ta' Annessi

Anness I: Noti ta' Introduzzjoni għal-lista fl-Anness II

Anness II: Lista ta' xogħol jew proċessar meħtieġ li jitwettaq fuq materjali mhux orīginarji sabiex il-prodott manifatturat jikseb status orīginarju Il-prodotti msemmija fil-lista jistgħu ma jkunux kollha koperti bil-Ftehim.

Anness III a: Eżempji ta' ċertifikat ta' moviment EUR.1 u applikazzjoni għal ċertifikat ta' moviment EUR.1

Anness III b: Mudelli ta' ċertifikat ta' moviment EUR-MED u ta' applikazzjoni għal ċertifikat ta' moviment EUR-MED

Anness IV a: Test tad-dikjarazzjoni tal-oriġini

Anness IV b: Test tad-dikjarazzjoni tal-oriġini EUR-MED

Anness V Lista tal-Partijiet Kontraenti li ma japplikawx id-dispożizzjonijiet dwar irrifużjoni parpjali

TITOLU I
DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

Artikolu 1

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' din il-Konvenzjoni:

- (a) 'manifattura' tfisser kwalunkwe tip ta' xogħol jew ipproċessar inkluż immuntar jew tipi speċifiċi ta' operat;
- (b) 'materjal' tfisser kwalunkwe ingredjent, materja prima, komponent jew parti, eċċ., użat fil-manifattura tal-prodott,
- (c) 'prodott' tfisser il-prodott li qiegħed jiġi mmanifatturat, anki jekk huwa maħsub għal użu aktar tard f'operat ieħor ta' manifattura;
- (d) 'oġġetti' tfisser kemm materjali kif ukoll prodotti;
- (e) 'valur doganali' tfisser il-valur kif iddeterminat skont il-Ftehim tal-1994 fuq l-implementazzjoni tal-Artikolu VII tal-Ftehim Ġenerali fuq Tariffi u Kummerċ (Ftehim tad-WTO fuq il-valutazzjoni doganali);
- (f) "il-prezz mill-fabbrika" tfisser il-prezz imħallas għall-prodott mill-fabbrika lill-manifattur fil-Parti Kontraenti li fl-impriża tagħha jkun twettaq l-aħħar xogħol jew ipproċessar, dment li l-prezz ikun jinkludi l-valur tal-materjali kollha użati, tneħħi kwalunkwe taxxi interni li jkunu, jew li jistgħu jkunu, rifużi meta l-prodott akkwistat ikun esportat;
- (g) "valur tal-materjali" tfisser il-valur doganali fil-mument tal-importazzjoni tal-materjali mhux orīginarji użati jew, jekk dan ma jkunx magħruf u ma jkunx jista' jiġi aċċertat, l-ewwel prezz li jista' jiġi aċċertat li jkun tħallas għall-materjali fil-Parti Kontraenti li tkun qed tesporta;
- (h) 'valur tal-materjali orīginarji' tfisser il-valur tat-tip ta' materjali hekk kif definiti f'(g) applikat *mutatis mutandis*;
- (i) 'valur miżjud' għandha titqies bħala l-prezz mill-fabbrika meta tneħħi minnu l-valur doganali ta' kull wieħed mill-materjali inkorporati li joriġinaw fil-Partijiet Kontraenti l-oħrajn li magħhom hija applikabbli l-akkumulazzjoni jew, fil-każijiet fejn il-valur doganali ma jkunx magħruf jew ma jkunx jista' jiġi aċċertat, l-ewwel prezz li jista' jiġi aċċertat li jkun tħallas għall-materjali fil-Parti Kontraenti li tkun qed tesporta;
- (j) 'kapitoli' u 'intestaturi' jfissru l-kapitoli u l-intestaturi (kodiċi b'erba' ċifri) użati fin-nomenklatura li tifforma d-Deskrizzjoni Armonizzata ta' Komodità u Sistema ta' Kodiċi, imsemmijin f'din il-Konvenzjoni bħala 'is-Sistema Armonizzata' jew 'is-SA';
- (k) 'ikklassifikat' tirreferi għall-klassifika ta' prodott jew materjal li jaqa' taħt intestatura partikolari;

- (l) 'konsenja' tfisser prodotti li jew intbagħtu simultanjament minn esportatur wieħed lil destinatarju wieħed inkella prodotti koperti b'dokument ta' trasport wieħed li jkopri l-ġarr tagħhom tal-merkanzija mill-esportatur għad-destinatarju jew, fin-nuqqas ta' dan it-tip ta' dokument, b'fattura waħda;
- (m) 'territorji' tinkludi ibħra territorjali.
- (n) 'l-awtoritajiet doganali tal-Parti Kontraenti' għall-Unjoni Ewropea kwalunkwe waħda mill-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea.

TITOLU II

DEFINIZZJONI TAL-KUNĊETT TA' 'PRODOTTI ORIĠINARJI'

Artikolu 2

Ir-rekwiżiti ġenerali

1. Għall-fini tal-implementazzjoni tal-Ftehim rilevanti, il-prodotti segwenti għandhom jitqiesu bħala li joriġinaw f'Parti Kontraenti meta jiġu esportati lejn Parti Kontraenti oħra:
 - (a) prodotti miksubin għal kollex fil-Parti Kontraenti skont it-tifsira tal-Artikolu 4;
 - (b) prodotti miksubin fil-Parti Kontraenti li jinkorporaw materjali li ma jkunux inkisbu għal kollex hemmhekk, sakemm materjali bħal dawn ikunu nħadmu jew ġew ipproċessati biżżejjed fil-Parti Kontraenti skont it-tifsira tal-Artikolu 5;
 - (c) oġġetti li joriġinaw miż-Żona Ekonomika Ewropea (iż-ŻEE) skont it-tifsira tal-Protokoll 4 ta' mal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea; tali oġġetti għandhom jitqiesu bħala li joriġinaw fl-Unjoni Ewropea, fl-Islanda, fil-Liechtenstein jew fin-Norveġja meta jkunu esportati rispettivament mill-Unjoni Ewropea, mill-Islanda, mil-Liechtenstein jew min-Norveġja lejn Parti Kontraenti li mhix waħda mill-Partijiet imseħbin fiż-ŻEE.
2. Id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 1(c) għandhom japplikaw biss dment li jkunu applikabbli ftehimiet dwar kummerċ ħieles bejn il-Parti Kontraenti li tkun qed timporta u l-Partijiet imseħbin fiż-ŻEE (l-Unjoni Ewropea, l-Islanda, il-Liechtenstein u n-Norveġja).

Artikolu 3

Il-kumulazzjoni tal-oriġini

1. Bla īxsara għad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 2(1), prodotti għandhom jitqiesu bħala li joriġinaw mill-Parti Kontraenti li tkun qed tesporta meta jiġu esportati lejn Parti Kontraenti oħra jekk ikunu miksubin hemmhekk, u jkunu jinkorporaw materjali li joriġinaw mill-Iswizzera (inkluż il-Liechtenstein)¹, mill-Islanda, min-Norveġja, mit-Turkija jew mill-Unjoni Ewropea, dment li x-xogħol jew l-ipproċessar imwettqin fil-Parti Kontraenti li tkun qed tesporta jkunu jmorru lil hinn mix-xogħlijiet msemmijin fl-Artikolu 6. Jekk dan ma jkunx il-każ, il-prodott miksub għandu jitqies bħala li joriġina mill-pajjiż li jkun responsabbli għall-ogħla valur ta' materjali orīginarji użati fil-manifattura fl-Alġerija.
2. Bla īxsara għad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 2(1), prodotti għandhom jitqiesu bħala li joriġinaw fil-Parti Kontraenti li tkun qed tesporta meta jkunu esportati lejn Parti Kontraenti oħra jekk tali prodotti jkunu miksubin hemmhekk, u jkunu jinkorporaw materjali li joriġinaw mill-Gżejjer Faroe jew minn kwalunkwe pajjiż li huwa parteċipant fis-sħubija Ewro-Mediterranja, imsejsa fuq id-Dikjarazzjoni ta' Barċellona li għiet adottata waqt il-Konferenza Ewro-Mediterranja li saret fis-27 u t-28 ta' Novembru 1995, ħlief it-Turkija, jew kwalunkwe

1

Il-Prinċipat tal-Leichtenstein qiegħed f'unjoni doganali mal-İzvizzera, u huwa Parti Kontraenti għall-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea.

pajjiż jew territorju ieħor, li hu Parti Kontraenti għal din il-Konvenzjoni, dment li x-xogħol jew l-ipproċessar li jitwettqu fil-Parti Kontraenti li tkun qed tesporta jkunu jmorru lil hinn mix-xogħliljet imsemmijin fl-Artikolu 6. Jekk dan ma jkunx il-każ, il-prodott miksub għandu jitqies bħala li joriġina mill-pajjiż li jkun responsabbli għall-ogħla valur ta' materjali orīginarji użati fil-manifattura fl-Alġerija.

3. Fejn ix-xogħol jew l-ipproċessar imwettqin fil-Parti Kontraenti li tkun qed tesporta ma jkunux imorru lil hinn mix-xogħliljet imsemmijin fl-Artikolu 6, il-prodott miksub għandu jitqies bħala li joriġina fil-Parti Kontraenti fil-każ biss li l-valur miżjud hemmhekk ikun ikbar mill-valur tal-materjali użati li jkunu joriġinaw fi kwalunkwe waħda mill-Partijiet Kontraenti l-oħrajn imsemmijin fil-paragrafi 1 u 2. Jekk dan ma jkunx il-każ, il-prodott miksub għandu jitqies bħala li joriġina fil-Parti Kontraenti minn fejn ikun ġie l-ogħla valur ta' materjali orīginarji użati fil-manifattura fil-Parti Kontraenti li tkun qed tesporta.

4. Prodotti, li joriġinaw mill-Partijiet Kontraenti msemmijin fil-paragrafi 1 u 2, li ma jsir l-ebda xogħol fuqhom jew ipproċessar tagħhom fil-Parti Kontraenti li tkun qed tesporta, iżommu l-oriġini tagħhom jekk jiġi esportati lejn waħda mill-Partijiet Kontraenti l-oħrajn.

5. L-akkumulazzjoni prevista f'dan l-Artikolu tista' tīgħi applikata biss sakemm:

(a) ikun applikabbi, bejn il-pajjiżi involuti fl-akkwist tal-istejtus orīginarju u l-Parti Kontraenti destinatarja, ftehim kummerċjali preferenzjali skont l-Artikolu XXIV tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (il-General Agreement on Tariffs and Trade – il-GATT);

(b) il-materjali u l-prodotti jkunu kisbu l-istejtus orīginarju bl-applikazzjoni ta' regoli tal-oriġini identiċi ma' dawk li tistipula din il-Konvenzjoni;

kif ukoll

(c) avviżi li jindikaw l-issodisfar tar-rekwiżiti meħtieġ sabiex tīgħi applikata l-akkumulazzjoni jkunu ġew ippubblikati f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea (serje C) u fil-Partijiet Kontraenti li jkunu parti għall-Ftehimiet rilevanti, skont il-proċeduri tagħhom stess.

L-akkumulazzjoni prevista f'dan l-Artikolu għandha tapplika mid-data indikata fl-avviż pubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea (serje C).

Il-Partijiet Kontraenti għandhom jipprovdu lill-Partijiet Kontraenti l-oħrajn li huma parti għall-Ftehimiet rilevanti, permezz tal-Kummissjoni Ewropea, b'dettalji dwar il-Ftehimiet, inklużi d-dati ta' meta jidħlu fis-seħħ, li jiġi applikati mal-Partijiet Kontraenti l-oħrajn imsemmijin fil-paragrafi 1 u 2.

Artikolu 4

Prodotti miksuba għal kollox

1. Is-segwenti għandhom jitqiesu bħala miksubin għal kollox f'Parti Kontraenti meta jiġi esportati lejn Parti Kontraenti oħra:

(a) prodotti minerali miksubin mill-ħamrija jew minn qiegħ il-baħar tagħha;

- (b) prodotti tal-ħxejjex maħsuda hemmekk;
- (c) (ċ) annimali ħajjin imwielda u mrobbija hemmhekk;
- (d) prodotti li ġejjin minn annimali ħajjin imrobbija hemmhekk;
- (e) prodotti akkwistati mill-kaċċa jew mis-sajd imwettqa hemmhekk;
- (f) prodotti tas-sajd mill-baħar u prodotti oħrajn meħudin mill-baħar 'il barra mill-ibħra territorjali tal-Parti Kontraenti li tkun qed tesporta, permezz tal-bastimenti tagħha;
- (g) prodotti magħmulin fuq il-vapuri tagħha li jservu bħala fabbriki esklussivament minn prodotti msemmijin f'(f);
- (h) oġġetti użati miġbura hemmhekk tajbin biss għall-irkupru ta' materji prima, inklużi tajers użati adattati biss biex jitfellilhom mill-ġdid il-wiċċ ta' barra jew għal użu bħala skart;
- (i) skart u ruttam li jirriżulta minn operazzjonijiet ta' manifattura li jseħħu hemmhekk;
- (j) prodotti estratti mill-qiegħi tal-baħar jew minn taħt il-qiegħi 'il barra mill-ibħra territorjali tagħha, dment li jkollha d-drittijiet esklużivi li tisfrutta dak il-qiegħi jew taħtu;
- (k) prodotti magħmulu esklussivament hemmhekk minn prodotti speċifikati f'(a) sa (j).

2. It-termini "il-bastimenti tagħha" u "il-vapuri tagħha li jservu bħala fabbriki" fil-paragrafu 1(f) u (g) għandhom japplikaw biss għall-bastimenti u għall-vapuri li jservu bħala fabbriki:

- (a) li huma rreġistrati jew imniżżlin fil-Parti Kontraenti li tkun qed tesporta;
- (b) li jkunu jbaħħru taħt il-bandiera tal-Parti Kontraenti li tkun qed tesporta;
- (c) li jkunu, mill-inqas sa 50 % tagħhom, proprjetà ta' ċittadini tal-Parti Kontraenti li tkun qed tesporta, jew ta' kumpanija li jkollha l-uffiċċju ewlieni tagħha fil-Parti Kontraenti li tkun qed tesporta, li l-maniġer jew il-maniġers tagħha, iċ-Chairman tal-Bord tad-Diretturi jew tal-Bord tas-Superviżjoni tagħha, u l-maġġoranza tal-membri ta' tali bordijiet ikunu ċittadini tal-Parti Kontraenti li tkun qed tesporta u li, barra minn dan, fil-każ ta' sħubiji jew ta' kumpaniji b'responsabbiltà limitata, mill-anqas nofs il-kapital tagħhom ikun proprjetà tal-Parti Kontraenti li tkun qed tesporta jew ta' korpi pubbliċi jew ċittadini tal-imsemmija Parti Kontraenti;
- (d) li l-kaptan u l-uffiċċjali tagħhom ikunu ċittadini tal-Parti Kontraenti li tkun qed tesporta;

kif ukoll

- (e) li mill-anqas 75 % tal-ekwipaġġ tagħhom ikunu ċittadini tal-Parti Kontraenti li tkun qed tesporta.

3. Għall-fini tal-paragrafu 2, meta l-Parti Kontraenti li tkun qed tesporta tkun l-Unjoni Ewropea, dan ikun ifisser Stat Membru tal-Unjoni Ewropea.

Artikolu 5

Prodotti maħduma jew proċessati suffiċjentement

1. Għall-finijiet tal-Artikolu 2, il-prodotti li mhumiex miksuba kompletament għandhom jitqiesu bħala prodotti maħduma jew proċessati suffiċjentement meta jilħqu l-kondizzjonijiet stipulati fil-lista tal-Anness II.

Il-kundizzjonijiet imsemmijin hawn fuq jindikaw ix-xogħol jew l-iproċessar li għandu jitwettaq fuq materjali li ma jkunux orīginarji użati fil-manifattura u japplikaw biss għal dawn it-tipi ta' materjali. Minn dan isegwi li jekk prodott li kiseb status ta' prodott li jorġina billi ssodisa l-kondizzjonijiet msemmija fil-lista jintuża fil-manifattura ta' prodott ieħor, il-kondizzjonijiet li japplikaw għall-prodott li jiġi inkorporat fih ma japplikawx għalihi, u l-materjali li ma jorġinawx li setgħu intużaw fil-manifattura tiegħu m'għandhomx jittieħdu in kunsiderazzjoni.

2. Minkejja l-paragrafu 1, materjali mhux orīginarji li, skont il-kundizzjonijiet stipulati fil-lista fl-Anness II, m'għandhomx jintużaw fil-manifattura ta' prodott jistgħu jintużaw xorta waħda, sakemm:

- (a) il-valur tagħhom totali ma jaqbiżx 10 % tal-prezz ekx-works tal-prodott;
- (b) ma tinqabeż l-ebda perċentwali minn dawk mogħtija fil-lista għall-valur massimu ta' materjali mhux orīginarji taħt ta' dan il-paragrafu.

Dan il-paragrafu m'għandux japplika għall-prodotti li jaqgħu taħt il-Kapitoli 50 sa 63 tas-Sistema Armonizzata.

3. Il-paragrafi 1 u 2 għandhom japplikaw bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 6.

Artikolu 6

Xogħol jew proċessar insuffiċjenti

1. Bla ħsara għall-paragrafu 2, l-operazzjonijiet li ġejjin għandhom jitqiesu bħala ħidma jew iproċessar li mhumiex biżżejjed biex jingħatalhom l-istatus ta' prodotti li jorġinaw, kemm jekk ir-rekwiżiti tal-Artikolu 5 jiġu sodisfatti u kemm jekk le:

- (a) operazzjonijiet ta' konservazzjoni li jiżguraw li l-prodotti jibqgħu f'kondizzjoni tajba matul it-trasport u l-ħażna;
- (b) ħatt u mmuntar ta' pakki;
- (c) ħasil, tindif; tneħħija ta' trab, ossidu, żejt, żebgħa, jew kisi ieħor;
- (d) mogħdija jew ippressar ta' tessuti;
- (e) operazzjonijiet sempliċi ta' żebgħa jew illustrar;
- (f) ħruġ mill-fosdqa, ibbliċjar parpjali jew totali, illustrar u gglejżjar ta' ċereali u ross;

- (g) operazzjonijiet sabiex jingħata l-kultur liz-zokkor jew sabiex jiġu ffurmati ċangaturi taz-zokkor;
- (h) tqaxxir u tneħħija tal-ġħadam tal-frott, lewż u ħaxix;
- (i) tisnin, immular u qtugħ sempliċi;
- (j) tgħarbil, skrinjar, issortjar, klassifikazzjoni, tqabbil; (inkluż il-kompożizzjoni ta' settijiet ta' oġġetti); (k)
- (k) operazzjonijiet sempliċi ta' tqegħid fi fliexken, laned, flasks, kaxxetti, kaxxex, immuntar fuq kartelli jew kartun u kull operazzjoni sempliċi ta' ppakkjar;
- (l) twaħħil jew stampar ta' marki, tikketti, logos u sinjal simili ta' distinzjoni fuq il-prodotti jew l-ippakkjar tagħhom;
- (m) taħlit sempliċi tal-prodotti, kemm jekk ikunu tal-istess tip u kemm jekk le;
- (n) it-taħlit taz-zokkor ma' kwalunkwe materjal;
- (o) armar sempliċi ta' partijiet ta' oġġetti sabiex isir oġġett sħiħ jew żarmar ta' prodott biex isir biċċiet;
- (p) tagħqid ta' tnejn jew aktar mill-operazzjonijiet spċificati f'(a) sa (n);
- (q) il-qatla tal-annimali.

2. Ix-xogħlijiet kollha li jitwettqu fil-Parti Kontraenti li tkun qed tesporta fuq prodott partikulari għandhom jitqies flimkien meta jkun qed jiġi ddeterminat jekk ix-xogħol jew l-iproċessar li jkun għadda minnhom il-prodott għandux jitqies bħal insuffiċjenti skont it-tifsira tal-paragrafu 1.

Artikolu 7

Unità ta' kwalifika

1. L-unità ta' kwalifika għall-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' din il-Konvenzjoni għandha tkun il-prodott partikolari li jitqies bħala unità bażika meta tīgi ddeterminata l-klassifika bl-użu tas-Sistema Armonizzata.

Isegwi li:

- (a) meta prodott magħmul minn grupp jew numru ta' oġġetti jkun ikklassifikat skont it-termini tas-Sistema Armonizzata taħt intestatura waħda, dan jifforma unità ta' kwalifikazzjoni kollu kemm hu;
- (b) meta konsejha tkun magħmula minn numru ta' prodotti identiċi kklassifikati taħt l-istess intestatura tas-Sistema Armonizzata, kull prodott għandu jitqies b'mod individwali fl-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' din il-Konvenzjoni.

2. Meta, skont ir-Regola Ġeneral 5 tas-Sistema Armonizzata, l-ippakkjar ikun inkluż mal-prodott għall-finijiet ta' klassifikazzjoni, għandu jkun inkluż għall-finijiet tad-determinazzjoni tal-oriġini.

Artikolu 8

Aċċessorji, spare parts u għodod

Aċċessorji, spare parts u għodod mibgħuta bħala parti minn tagħmir, makkinarju, apparat jew vettura, li huma parti mit-tagħmir normali u huma inklużi fil-prezz tiegħu jew li mhumiex b'fattura separata, għandhom jitqiesu li jiffurmaw it-total ma' dak it-tagħmir, makkinarju, apparat jew vettura konċernata.

Artikolu 9

Settijiet

Settijiet, kif imfissra fir-Regola Ġeneral 3 tas-Sistema Armonizzata, għandhom jitqiesu bħala li jorġinaw meta l-komponenti kollha jkunu jorġinaw. Madanakollu, meta s-sett huwa magħmul mill-prodotti oriġinati jew mhux oriġinati, is-sett bħala sħiħ għandu jkun meqjus bħala oriġinat, iżda l-valur tal-prodotti mhux oriġinati ma jaqbiżx 15% tal-prezz eks-works tas-sett.

Artikolu 10

Elementi newtrali

Sabiex jiġi determinat jekk prodott ikunx prodott oriġinarju jew le, ma għandux ikun hemm il-ħtieġa li jiġi determinat l-oriġini ta' dawn li ġejjin li jistgħu jintużaw fil-manifattura tiegħu:

- (a) enerġija u karburant;
- (b) impjant u apparat;
- (c) makkinarju u għoddha;
- (d) oġġetti li la jidħlu fil-kompożizzjoni finali tal-prodott u lanqas huma maħsuba li jidħlu.

TITOLU III
REKWIŻITI TERRITORJALI

Artikolu 11

Prinċipju ta' territorjalita

1. Għajr kif ipprovdut fl-Artikolu 2(1)(c), l-Artikolu 3 u l-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu, il-kundizzjonijiet għall-ksib tal-istejtus oriġinarju stipulat fit-Titolu II għandhom jiġu ssodisfati mingħajr interruzzjoni fil-Parti Kontraenti li tkun qed tesporta.
2. Ħlief kif jipprovdi l-Artikolu 3, fejn oġġetti oriġinarji esportati minn Parti Kontraenti lejn pajjiż ieħor jiġu lura, għandhom jitqiesu bħala mhux oriġinarji, ħlief jekk ikun jista' jintwera b'mod li jkun jissodisfa lilll-awtoritajiet doganali li:
 - (a) l-oġġetti li jirritornaw huma l-istess bħal dawk esportati; kif ukoll kif ukoll
 - (b) ma saritilhom l-ebda operazzjoni aktar minn dak meħtieġ sabiex ikunu ppriservati waqt li jkunu f'dak il-pajjiż jew waqt l-esportazzjoni.
3. L-akkwist tal-istejtus oriġinarju skont il-kundizzjonijiet stipulati fit-Titolu II m'għandux jiġi milqut mix-xogħol jew mill-ipproċessar li jkun seħħ barra mill-Parti Kontraenti li tkun qed tesporta fuq materjali esportati mill-Parti Kontraenti tal-aħħar u sussegwentament importati mill-ġdid hemmhekk, sakemm:
 - (a) il-materjali msemmijin ikunu miksubin kompletament fil-Parti Kontraenti li tkun qed tesporta jew ikun sarilhom xogħol jew ipproċessar lil hinn mix-xogħlilijiet imsemmijin fl-Artikolu 6 qabel ma jkunu ġew esportati;
 - kif ukoll
 - (b) jista' jintwera b'mod li jissodisfa lill-awtoritajiet doganali li:
 - i) l-oġġetti impurtati mill-ġdid ikunu nkisbu billi sar xogħol jew ipproċesar fuq il-materjali esportati; kif ukoll kif ukoll
 - ii) il-valur miżjud totali li jkun inkiseb barra mill-Parti Kontraenti li tkun qed tesporta bl-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artikolu ma jkun jaqbeż l-10% tal-prezz mill-fabrika tal-prodott aħħari li għaliex ikun qed jintalab l-istejtus oriġinarju.
4. Għall-finijiet tal-paragrafu 3, il-kundizzjonijiet għall-akkwist tal-istejtus oriġinarju stipulati fis-Titolu II m'għandhomx japplikaw għal xogħol jew ipproċessar li jkun sar barra mill-Parti Kontraenti li tkun qed tesporta. Madankollu, fejn, fil-lista li tinsab fl-Anness II, tiġi applikata regola li tistipula valur massimu għall-materjali mhux oriġinarji kollha inkorporati sabiex jiġi ddeterminat l-istejtus oriġinarju tal-prodott finali, il-valur totali tal-materjali mhux

oriġinarji inkorporati fit-territorju tal-Parti Kontraenti li tkun qed tesporta, meħud flimkien mal-valur miżjud totali akkwistat barra minn din il-Parti Kontraenti bl-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artikolu, m'għandhomx jaqbżu l-perċentwali ddikjarat.

5. Għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-paragrafi 3 u 4, ‘valur miżjud totali’ għandha tħisser l-ispejjeż kollha li jirriżultaw barra mill-Parti Kontraenti li tkun qed tesporta, inkluż il-valur tal-materjali inkorporati hemmhekk.

6. Id-dispożizzjonijiet tal-paragrafi 3 u 4 m'għandhomx jaapplikaw għal prodotti li ma jissodisfawx il-kundizzjonijiet imsemmija fl-Anness II jew li jistgħu jitqiesu li huma maħduma jew ipproċessati bizzżejjed fil-każ biss li tiġi applikata t-tolleranza ġenerali stabbilita fl-Artikolu 5(2).

7. Id-dispożizzjonijiet tal-paragrafi 3 u 4 m'għandhomx jaapplikaw għall-prodotti tal-Kapitoli minn 50 sa 63 tas-Sistema Armonizzata.

8. Kull xogħol jew ipproċessar tat-tip kopert mid-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artikolu u li jsiru barra mill-Parti Kontraenti li tkun qed tesporta għandu jsir taħt l-arranġament dwar l-ipproċessar estern, jew taħt arranġamenti simili.

Artikolu 12

Trasport dirett

1. It-trattament preferenzjali li jipprovd iġ-ġħaliġ il-Ftehim rilevanti jaapplika biss għal prodotti, li jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' din il-Konvenzjoni, li jkunu ttrasportati direttament bejn it-territorji tal-Partijiet Kontraenti li magħhom tkun applikabbi l-akkumulazzjoni skont l-Artikolu 3, jew minn ġo fihom. Madankollu, prodotti li jiffurmaw konsenja waħda jistgħu jkunu trasportati minn territorji oħrajin u, jekk ikun il-każ, ikunu trans-shipped jew maħżuna temporanjament f'tali territorji, sakemm jibqgħu taħt is-sorveljanza tal-awtoritajiet tad-dwana fil-pajjiż fejn isiru t-transitu jew il-ħażna u ma jsirux operazzjonijiet fuqhom għajr ħatt, tagħbiha jew kwalunkwe operazzjoni maħsuba sabiex tippriservhom f'kundizzjoni tajba.

Prodotti oriġinarji jistgħu jkunu ttrasportati permezz ta' katusi minn ġo territorji li ma jkunux dawk tal-Partijiet Kontraenti li jkunu qed jaġixxu bħala l-partijiet li jesportaw jew jiimportaw.

2. Għandha tiġi pprovduta evidenza, lill-awtoritajiet doganali tal-Parti Kontraenti li tkun qed timporta, li l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 1 ikunu ġew issodisfati permezz tal-produzzjoni ta':

- (a) dokument ta' trasport wieħed li jkopri l-passaġġ mill-Parti Kontraenti li tkun qed tesporta għal ġol-pajjiż tat-tranżitu; jew
- (b) Ċertifikat maħruġ mill-awtoritajiet doganali tal-pajjiż tat-tranżitu:
 - (i) li jagħti deskrizzjoni eżatta tal-prodotti;
 - (ii) li jistqarr id-dati tal-ħatt u tat-tħabija mill-ġdid tal-prodotti u, meta applikabbi, l-ismijiet tal-vapuri jew tal-mezzi l-oħrajin tat-trasport użati; kif ukoll

kif ukoll

- (iii) jiċċertifika l-kondizzjonijiet li taħthom il-prodotti kienu baqgħu fil-pajjiż tat-tranżitu; jew
- (c) (c) fin-nuqqas ta' dawn, kull dokument ieħor ta' prova.

Artikolu 13

Wirjet

1. Prodotti orīginarji, mibgħutin għall-wiri f'pajjiż apparti minn dawk imsemmijin fl-Artikolu 3 li miegħu tkun applikabbli l-akkumulazzjoni u li jinbiegħu wara l-wirja biex jiġu importati f'Parti Kontraenti għandhom fil-mument tal-importazzjoni jibbenefikaw mid-dispożizzjonijiet tal-Ftehim rilevanti dment li jintwera b'mod li jissodisfa lill-awtoritajiet doganali li:

- (a) esportatur ikun ikkonsenza dawn il-prodotti minn Parti Kontraenti għall-pajjiż li fih tkun qed issir il-wirja u li jkun esibihom hemm;
- (b) il-prodotti nbiegħu jew ingħataw b'mod ieħor minn dak l-esportatur lejn persuna f'Parti Kontraenti ieħor;
- (c) (c) il-prodotti jkunu ġew ikkunsinnati matul il-wirja jew immedjetament warajha fl-Istat fejn kienu intbagħtu għall-wirja; kif ukoll kif ukoll
- (d) il-prodotti ma kinux, minn meta kienu ġew konsenjati għall-wirja, użati għal xi skop minbarra dak ta' demostrazzjoni fil-wirja.

2. Għandha tinħareġ jew issir prova tal-oriġini skont id-dispożizzjonijiet tat-Titolu V u tiġi ppreżentata lill-awtoritajiet doganali tal-Parti Kontraenti li tkun qed timporta bil-manjiera normali. L-isem u l-indirizz tal-wirja għandhom ikunu indikati fuqha. Fejn ikun meħtieġ, tista' tinħtieġ evidenza dokumentarja addizzjonal tal-kundizzjonijiet li taħthom ġew eżibiti l-prodotti.

3. Il-paragrafu 1 għandu japplika għal kull wirja kummerċjali, industrijali, agrikola jew tas-snajja, fiera jew wirja pubblika simili li ma tkunx organizzata għal għanijiet privati fi ħwienet jew postijiet tan-neozju bl-għan tal-bejgħ ta' prodotti barranin, u li matulha l-prodotti jibqgħu taħt il-kontroll tad-dwana.

TITOLU IV
RIFUŻJONI JEW EŻENZJONI

Artikolu 14

Projbizzjoni minn teħid lura ta', jew eżenzjoni minn, dazji doganali

1. Prodotti mhux orīginarji użati fil-manifattura ta' prodotti li jorīginaw f'Parti Kontraenti li għalihom tinħareġ jew issir prova tal-oriġini skont id-dispożizzjonijiet tat-Titolu V m'għandhomx ikunu soġġetti, fil-Parti Kontraenti li tkun qed tesporta, għar-rifużjoni tad-dazji tad-dwana ta' kwalunkwe tip, jew għall-eżenzjoni minnhom.
2. Il-projbizzjoni fil-paragrafu 1 għandha tapplika għal kwalunkwe arrāngament għal rifużjoni, tnaqqis, jew nuqqas ta' pagament, parpjali jew sħiħ, tad-dazji jew ħlasijiet doganali li għandhom effett ekwivalenti, applikabbli fil-Parti Kontraenti li tkun qed tesporta għal materjali użati fil-manifattura, fejn tali rifużjoni, tnaqqis jew nuqqas ta' pagament ikunu jaapplikaw, espressament jew effettivament, meta prodotti li jkunu nkisbu mill-materjali msemmijin ikunu esportati u mhux meta jinżammu għall-użu fid-djar hemmhekk.
3. L-esportatur ta' prodotti koperti bi prova ta' oriġini għandu jkun lest li jippreżenta f'kull waqt, fuq talba mill-awtoritajiet doganali, id-dokumenti xierqa kollha li jagħtu prova li ma nkisbet l-ebda rifużjoni f'dak li għandu x'jaqsam ma' materjali li ma jorīginawx użati fil-manifattura tal-prodotti kkonċernati u li d-dazji jew id-drittijiet doganali kollha b'effett ekwivalenti applikabbli għal tali materjali fil-fatt tħallsu.
4. Id-dispożizzjonijiet tal-paragrafi 1 sa 3 għandhom jaapplikaw ukoll f'dak li għandu x'jaqsam mal-ippakkjar skont it-tifsira tal-Artikolu 7(2), aċċessorji, spare parts u għoddha skont it-tifsira tal-Artikolu 8 u prodotti f'sett skont it-tifsira tal-Artikolu 9 meta tali ogħetti ma jkunux jorīginaw.
5. Id-dispożizzjonijiet tal-paragrafi minn 1 sa 4 għandhom jaapplikaw biss f'dak li għandu x'jaqsam ma' materjali li jkunu tat-tip li jaapplika għalihom il-Ftehim rilevanti.
6. (a) Il-projbizzjoni fil-paragrafu 1 m'għandhiex tapplika fil-każ ta' kummerċ bilaterali ta' waħda mill-Partijiet Kontraenti msemmijin fl-Artikolu 3 (1) ma' waħda mill-Partijiet Kontraenti msemmijin fl-Artikolu 3 (2), minbarra l-Iżrael, il-Gżejjjer Faroe u l-pajjiżi parteċipanti fil-Proċess ta' Stabilizzazzjoni u Assoċċazzjoni, jekk dawn il-prodotti jkunu meqjusin bħala li jorīginaw fil-Parti Kontraenti li tkun qed tesporta jew f'dik li tkun qed timporta mingħajr l-applikazzjoni tal-akkumulazzjoni b'materjali li jorīginaw minn waħda mill-Partijiet Kontraenti msemmijin fl-Artikolu 3.
(b) Il-projbizzjoni fil-paragrafu 1 m'għandhiex tapplika fil-kummerċ bilaterali bejn l-Eġittu, il-Ġordan, il-Marokk u t-Tuneżija jekk il-prodotti jkunu meqjusin bħala li jorīginaw f'wieħed minn dawn il-pajjiżi mingħajr l-applikazzjoni tal-akkumulazzjoni b'materjali li jorīginaw f'waħda mill-Partijiet Kontraenti l-oħrajn imsemmijin fl-Artikolu 3.
7. Minkejja l-paragrafu 1, il-Partijiet Kontraenti li jkunu qed jesportaw jistgħu, ħlief għal prodotti li jaqgħu taħt il-Kapitoli minn 1 sa 24 tas-Sistema Armonizzata, jaapplikaw

arranġamenti għal rifużjoni ta' dazji doganali jew ħlasijiet li għandhom effett ekwivalenti, jew eżenzjoni minnhom, applikabbli għal materjali mhux oriġinarji użati fil-manifattura ta' prodotti oriġinarji, soġġett għad-dispożizzjonijiet li ġejjin:

- (a) għandha tibqa' rata ta' 4 % ta' ħlas doganali fir-rigward tal-prodotti li jaqgħu taħt il-Kapitoli minn 25 sa 49 u minn 64 sa 97 tas-Sistema Armonizzata, jew kwalunkwe rata inferjuri li tkun fis-seħħ fil-Parti Kontraenti li tkun qed tesporta;
- (b) rata ta' 8 % ta' ħlas doganali għandha tibqa' fir-rigward tal-prodotti li jaqgħu taħt il-Kapitoli minn 50 sa 63 tas-Sistema Armonizzata, jew rata inferjuri li tkun fis-seħħ fil-Parti Kontraenti li tkun qed tesporta.

Id-dispożizzjonijiet ta' dan il-paragrafu m'għandhomx jiġu applikati mill-Partijiet Kontraenti elenkti fl-Anness V ta' dan l-Appendiċi.

8. Id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 7 għandhom japplikaw sal-31 ta' Diċembru 2012 u jistgħu jiġu riveduti bi qbil komuni.

TITOLU V

PROVA TA' ORIĠINI

Artikolu 15

Ir-rekwiżiti ġenerali

1. Prodotti li joriġinaw fwaħda mill-partijiet Kontraenti għandhom, meta jiġu importati f'Parti Kontraenti oħra, igawdu mid-dispożizzjonijiet tal-Ftehimiet rilevanti malli titressaq waħda mill-provi tal-oriġini li ġejjin:
 - (a) ċertifikat ta' ċaqliq tal-EUR 1, li kampjun tiegħu jidher fl-Anness III a;
 - (b) ċertifikat ta' ċaqliq tal-EUR-MED, li kampjun tiegħu jidher fl-Anness III b;
 - (c) fil-każijiet spċifikati fl-Artikolu 21(1), dikjarazzjoni, sussegwentament imsejħa 'dikjarazzjoni tal-oriġini' jew 'id-dikjarazzjoni tal-oriġini EUR-MED' mogħtija mill-esportatur fuq fattura, irċevuta postali jew kwalunkwe dokument kummerċjali ieħor li jiddeskrivi l-prodotti kkonċernati f'dettall suffiċjenti sabiex ikunu jistgħu jiġu identifikati; it-testi tad-dikjarazzjonijiet tal-oriġini jidhru fl-Annessi IV a u b.

2. Minkejja l-paragrafu 1, prodotti oriġinarji skont it-tifsira ta' din il-Konvenzjoni għandhom, fil-każijiet spċifikati fl-Artikolu 26, jibbenefikaw mid-dispożizzjonijiet tal-Ftehimiet rilevanti mingħajr ma jkun meħtieġ li tiġi ppreżentata l-ebda waħda mill-provi tal-oriġini msemmijin fil-paragrafu 1.

Artikolu 16

Proċedura għall-ħruġ ta' ċertifikat ta' moviment EUR.1 jew EUR-MED

1. Għandu jinħareġ ċertifikat tal-moviment EUR.1 jew EUR-MED mill-awtoritajiet doganali tal-Parti Kontraenti li tkun qed tesporta fil-mument li l-applikazzjoni tkun saret bil-miktub mill-esportatur jew mir-rappreżentant awtorizzat tiegħu, bir-responsabbiltà taqa' fuq l-esportatur.
2. Għal dan l-għan l-esportatur, jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu, għandu jimla' kemm iċ-ċertifikat tal-moviment EUR 1 jew EUR-MED kif ukoll il-formola tal-applikazzjoni, li mudelli tagħhom jidhru fl-Annessi III a u b. Dawn il-formoli għandhom jimtlew fwieħed mill-ilsna li fihom ikun tfassal il-Ftehim rilevanti u skont id-dispożizzjonijiet tal-liġi nazzjonali tal-pajjiż li jkun qed jesporta. Jekk il-formoli jkunu mimljen bl-idejn, għandhom jimtlew bil-linka u bil-maħlul. Id-deskrizzjoni tal-prodotti għandha tingħata fil-kaxxa riżervata għal dan l-iskop mingħajr ma jitħallew ebda linji vojta. Meta l-kaxxa ma tiġix mimilja kompletament, għandha ssir linja orizzontali taħt l-aħħar linja tad-deskrizzjoni, bl-ispażju vojt maqtugħ.
3. L-esportatur li jkun qed jaapplika għall-ħruġ ta' ċertifikat tal-moviment EUR.1 jew EUR-MED għandu jkun lest li fi kwalunkwe waqt jippreżenta, fuq talba tal-awtoritajiet doganali tal-Parti Kontraenti li tkun qed tesporta fejn ikun maħruġ iċ-ċertifikat tal-moviment

EUR.1 jew EUR-MED, id-dokumenti xerqin kollha li jippruvaw l-istejtus orīginarju tal-prodotti kkonċernati kif ukoll l-issodisfar tar-rekwiżiti l-oħrajn ta' din il-Konvenzjoni.

4. Mingħajr ħsara għall-paragrafu 5, għandu jinħareġ, mill-awtoritajiet doganali tal-Parti Kontraenti li tkun qed tesporta, ċertifikat tal-moviment EUR.1 fil-każijiet li ġejjin:

(a) jekk il-prodotti jkunu esportati minn waħda mill-Partijiet Kontraenti msemmijin fl-Artikolu 3 (1) lejn waħda mill-Partijiet Kontraenti l-oħrajn imsemmijin fl-artikolu 3 (1) u:

- jekk il-prodotti kkonċernati jkunu jistgħu jitqiesu bħala prodotti li joriġinaw fil-Parti Kontraenti li tkun qed tesporta, fil-Parti Kontraenti li tkun qed timporta jew f'xi waħda mill-Partijiet Kontraenti l-oħrajn imsemmijin fl-Artikolu 3 (1) li magħhom l-akkumulazzjoni tkun applikabbli, mingħajr l-applikazzjoni tal-akkumulazzjoni ma' materjali li joriġinaw fwaħda mill-Partijiet Kontraenti msemmijin fl-Artikolu 3(2), u li jissodisfaw ir-rekwiżiti l-oħrajn ta' din il-Konvenzjoni, jew

- jekk il-prodotti kkonċernati jkunu jistgħu jitqiesu bħala prodotti li joriġinaw f'waħda mill-Partijiet Kontraenti msemmijin fl-Artikolu 3 (2) li magħhom l-akkumulazzjoni tkun applikabbli, mingħajr l-applikazzjoni tal-akkumulazzjoni ma' materjali li joriġinaw f'waħda mill-Partijiet Kontraenti msemmijin fl-Artikolu 3, u li jkunu jissodisfaw ir-rekwiżiti l-oħrajn ta' din il-Konvenzjoni, dment li jkunu nħarġu ċertifikat EUR-MED jew dikjarazzjoni tal-oriġini EUR-MED fil-pajjiż tal-oriġini;

(b) jekk il-prodotti jkunu esportati minn waħda mill-Partijiet Kontraenti msemmijin fl-Artikolu 3 (1) lejn waħda mill-Partijiet Kontraenti msemmijin fl-Artikolu 3 (2) jew minn waħda mill-Partijiet Kontraenti msemmijin fl-Artikolu 3 (2) lejn waħda mill-Partijiet Kontraenti msemmijin fl-Artikolu 3 (1) u

- il-prodotti kkonċernati jkunu jistgħu jitqiesu bħala prodotti li joriġinaw fil-Parti Kontraenti li tkun qed tesporta jew fil-Parti Kontraenti li tkun qed timporta, mingħajr l-applikazzjoni tal-akkumulazzjoni ma' materjali li joriġinaw minn waħda mill-Partijiet Kontraenti l-oħrajn, u li jkunu jissodisfaw ir-rekwiżiti l-oħrajn ta' din il-Konvenzjoni, jew

- il-prodotti kkonċernati jkunu jistgħu jitqiesu bħala prodotti li joriġinaw f'waħda mill-Partijiet Kontraenti l-oħrajn imsemmijin fl-Artikolu 3, li magħhom l-akkumulazzjoni tkun applikabbli, mingħajr l-applikazzjoni tal-akkumulazzjoni ma' materjali li joriġinaw f'waħda mill-Partijiet Kontraenti msemmijin fl-Artikolu 3, u li jkunu jissodisfaw ir-rekwiżiti l-oħrajn ta' din il-Konvenzjoni, dment li jkunu nħarġu ċertifikat EUR-MED jew dikjarazzjoni tal-oriġini EUR-MED fil-pajjiż tal-oriġini.

(c) jekk il-prodotti jkunu esportati minn waħda mill-Partijiet kontraenti msemmijin fl-Artikolu 3 (2) lejn waħda mill-Partijiet Kontraenti msemmijin fl-artikolu 3 (2) u

- il-prodotti kkonċernati jkunu jistgħu jitqiesu bħala prodotti li joriġinaw fil-Parti Kontraenti li tkun qed tesporta jew fil-Parti Kontraenti li tkun qed timporta, mingħajr l-applikazzjoni tal-akkumulazzjoni ma' materjali li joriġinaw minn waħda mill-Partijiet Kontraenti l-oħrajn, u li jkunu jissodisfaw ir-rekwiżiti l-oħrajn ta' din il-Konvenzjoni, jew

- il-prodotti kkonċernati jkunu jistgħu jitqiesu bħala prodotti li joriġinaw f'waħda mill-Partijiet Kontraenti l-oħrajn imsemmijin fl-Artikolu 3, li magħhom l-akkumulazzjoni tkun applikabbli, mingħajr l-applikazzjoni tal-akkumulazzjoni ma' materjali li joriġinaw f'waħda

mill-Partijiet Kontraenti msemmijin fl-Artikolu 3, u li jkunu jissodisfaw ir-rekwiżiti l-oħrajn ta' din il-Konvenzjoni, dment li jkunu nħarġu ġertifikat EUR-MED jew dikjarazzjoni tal-oriġini EUR-MED fil-pajjiż tal-oriġini.

5. Ċertifikat tal-moviment EUR-MED għandu jinħareġ mill-awtoritajiet doganali tal-Parti Kontraenti li tkun qed tesporta, jekk il-prodotti kkonċernati jkunu jistgħu jitqiesu bħala prodotti li jkunu joriġinaw fil-Parti Kontraenti li tkun qed tesporta, fil-Parti Kontraenti li tkun qed timporta jew fwaħda mill-Partijiet Kontraenti l-oħrajn imsemmijin fl-Artikolu 3 li magħhom tkun applikabbli l-akkumulazzjoni u li jkunu jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' din il-Konvenzjoni, fil-każijiet li ġejjin:

(a) jekk il-prodotti jkunu esportati minn waħda mill-Partijiet Kontraenti msemmijin fl-Artikolu 3 (1) lejn waħda mill-Partijiet Kontraenti l-oħrajn imsemmijin fl-artikolu 3 (1) u:

- l-akkumulazzjoni tkun ġiet applikata rigward materjali li jkunu joriġinaw fwaħda jew aktar mill-Partijiet Kontraenti msemmijin fl-Artikolu 3 (2), dment li jkun inħareġ ġertifikat EUR-MED jew dikjarazzjoni tal-oriġini EUR-MED fil-pajjiż tal-oriġini, jew

- il-prodotti jkunu jistgħu jintużaw fil-Parti Kontraenti li tkun qed timporta bħala materjali fil-kuntest tal-akkumulazzjoni għall-manifattura ta' prodotti għall-esportazzjoni mill-Parti Kontrenti li tkun qed timporta lejn waħda mill-Partijiet Kontraenti msemmijin fl-Artikolu 3, jew

- il-prodotti jkunu jistgħu jiġi esportati mill-ġdid mill-Parti Kontraenti li tkun qed timporta lejn waħda mill-Partijiet Kontraenti msemmijin fl-Artikolu 3 (2);

(b) jekk il-prodotti jkunu esportati minn waħda mill-Partijiet Kontraenti msemmijin fl-Artikolu 3 (1) lejn waħda mill-Partijiet Kontraenti msemmijin fl-Artikolu 3 (2) jew minn waħda mill-Partijiet Kontraenti msemmijin fl-Artikolu 3 (2) lejn waħda mill-Partijiet Kontraenti msemmijin fl-Artikolu 3 (1) u

- l-akkumulazzjoni tkun ġiet applikata rigward materjali li jkunu joriġinaw fwaħda jew aktar mill-Partijiet Kontraenti l-oħrajn imsemmijin fl-Artikolu 3, dment li jkun inħareġ ġertifikat EUR-MED jew dikjarazzjoni tal-oriġini EUR-MED fil-pajjiż tal-oriġini, jew

- il-prodotti jkunu jistgħu jintużaw fil-Parti Kontraenti li tkun qed timporta bħala materjali fil-kuntest tal-akkumulazzjoni għall-manifattura ta' prodotti għall-esportazzjoni mill-Parti Kontrenti li tkun qed timporta lejn waħda mill-Partijiet Kontraenti l-oħrajn imsemmijin fl-Artikolu 3, jew

- il-prodotti jkunu jistgħu jiġi esportati mill-ġdid mill-Parti Kontraenti li tkun qed timporta lejn waħda mill-Partijiet Kontraenti msemmijin fl-Artikolu 3.

(c) jekk il-prodotti jkunu esportati minn waħda mill-Partijiet kontraenti msemmijin fl-Artikolu 3 (2) lejn waħda mill-Partijiet Kontraenti msemmijin fl-artikolu 3 (2) u

- l-akkumulazzjoni tkun ġiet applikata rigward materjali li jkunu joriġinaw fwaħda jew aktar mill-Partijiet Kontraenti l-oħrajn imsemmijin fl-Artikolu 3 (2), dment li jkun inħareġ ġertifikat EUR-MED jew dikjarazzjoni tal-oriġini EUR-MED fil-pajjiż tal-oriġini, jew

- il-prodotti jkunu jistgħu jintużaw fil-Parti Kontraenti li tkun qed timporta bħala materjali fil-kuntest tal-akkumulazzjoni għall-manifattura ta' prodotti għall-esportazzjoni mill-Parti

Kontrenti li tkun qed timporta lejn waħda mill-Partijiet Kontraenti l-oħrajn imsemmijin fl-Artikolu 3 , jew

- il-prodotti jkunu jistgħu jiġu esportati mill-ġdid mill-Parti Kontraenti li tkun qed timporta lejn waħda mill-Partijiet Kontraenti msemmijin fl-Artikolu 3.

6. Ċertifikat ta' moviment EUR-MED għandu jkollu fih wieħed mill-istqarriji li ġejjin bl-Ingliż fil-kaxxa 7:

- jekk l-oriġini tkun inkisbet bl-applikazzjoni tal-akkumulazzjoni ma' materjali li jkunu joriġinaw fwaħda jew aktar mill-Partijiet Kontraenti:

'CUMULATION APPLIED WITH'(isem il-pajjiż(i))

- jekk l-oriġini tkun inkisbet mingħajr l-applikazzjoni tal-akkumulazzjoni ma' materjali li jkunu joriġinaw fwaħda jew aktar mill-Partijiet Kontraenti:

'NO CUMULATION APPLIED'

7. L-awtoritajiet doganali li joħorġu c-ċertifikati tal-moviment EUR.1 jew EUR-MED għandhom jieħdu kwalunkwe passi li jkunu meħtiġin sabiex jivverifikaw l-istejtus originalju tal-prodotti u li jkunu ġew issodisfati r-rekwiżiti l-oħrajn ta' din il-Konvenzjoni. Għal dan il-ġhan, għandhom ikollhom id-dritt li jitkolha kwalunkwe prova u jwettqu kwalunkwe ispezzjoni tal-kontijiet tal-esportatur jew li jagħmlu kwalunkwe kontroll ieħor meqjus xieraq. Huma għandhom jiżguraw ukoll li l-formoli msemmija fil-paragrafu 2 jimtlew kif suppost. B'mod partikolari, huma għandhom jivverifikaw jekk l-ispazju riservat għad-deskrizzjoni tal-prodotti jkunx tlesta f'tali manjiera li teskludi kull possibiltà ta' żidiet frawdolenti.

8. Id-data ta' ħruġ taċ-ċertifikat ta' moviment EUR.1 jew EUR-MED għandha tkun indikata fil-Kaxxa 11 taċ-ċertifikat.

9. Ċertifikat ta' moviment EUR.1 jew EUR-MED għandu jinħareġ mill-awtoritajiet doganali u għandu jsir disponibbli għall-esportatur hekk kif l-esportazzjoni nnifisha tkun seħħet jew ġiet żgurata.

Artikolu 17

Ċertifikati ta' ċaqliq tal-EUR.1 jew l-EUR-MED maħruġa retrospettivamente

1. Minkejja l-Artikolu 16(9), ċertifikat tal-moviment EUR. 1 jew EUR-MED jista' jinħareġ b'mod eċċeżżjonali wara l-esportazzjoni tal-prodotti li għandhom x'jaqsmu miegħu:

(a) ma kienx ġie maħruġ fil-waqt tal-esportazzjoni minħabba żbalji jew ommissjonijiet involontarji jew ċirkostanzi speċjali;

jew

(b) jintwera għas-sodisfazzjon tal-awtoritajiet doganali li nħareġ ċertifikat ta' moviment EUR.1 jew EUR-MED iżda ma ġiex aċċettat waqt l-importazzjoni minħabba raġunijiet tekniċi.

2. Minkejja l-Artikolu 16(9), jista' jinħareġ ċertifikat ta' moviment EUR-MED wara l-esportazzjoni tal-prodotti li lilhom jikkonċerna u li għalihom inħareġ ċertifikat ta' moviment EUR.1 fil-mument tal-esportazzjoni, sakemm tingħata prova għas-sodisfazzjon tal-awtoritajiet doganali li l-kondizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 16 (5) ġew ssodisfati.

3. Għall-implementazzjoni tal-paragrafi 1 u 2, l-esportatur għandu jindika fl-applikazzjoni tiegħu l-post u d-data tal-esportazzjoni tal-prodotti li għandhom x'jaqsmu maċ-ċertifikat tal-moviment EUR.1 jew EUR-MED, u jiddikjara r-raġunijiet għat-talba tiegħu.

4. L-awtoritajiet doganali jistgħu joħorġu ċertifikat ta' moviment EUR.1 jew EUR-MED retrospettivament biss wara li jkunu vverifikaw li t-tagħrif ipprovdu fl-applikazzjoni tal-esportatur jikkonforma ma' dak li jinsab fil-fajl korrispondenti.

5. Ċertifikati tal-moviment EUR.1 jew EUR-MED maħruġa retrospettivament għandhom jiġi approvati b'din il-frażi li ġejja bl-Ingliż:

"ISSUED RETROSPECTIVELY"

Iċ-ċertifikati ta' moviment EUR-MED maħruġa retrospettivament bl-applikazzjoni tal-paragrafu 2 għandhom jiġi approvati b'din il-frażi li ġejja bl-Ingliż:

'ISSUED RETROSPECTIVELY (Original EUR.1 No[data u post tal-ħruġ])'

6. L-approvazzjoni msemmija fil-paragrafu 5 għandha tiddahħhal fil-kaxxa 7 taċ-ċertifikat tal-moviment EUR.1 jew EUR-MED.

Artikolu 18

Il-ħruġ tad-duplikat taċ-ċertifikat ta' moviment EUR.1 jew EUR-MED.

1. Fil-każ ta' serq, telf jew qerda taċ-ċertifikat tal-moviment EUR.1 jew EUR-MED, l-esportatur jista' jaapplika għand l-awtoritajiet doganali li ħarġuhu għal kopja magħmula abbażi tad-dokument tal-esportazzjoni li qiegħed fil-pussess tagħhom.

2. Il-kopja maħruġa b'dan il-mod għandha tiġi ċċertifikata bil-kelma li ġejja bl-Ingliż:

DUPPLICATE'

3. L-approvazzjoni msemmija fil-paragrafu 2 għandha tiddahħhal fil-kaxxa 7 tad-duplikat taċ-ċertifikat ta' moviment EUR.1 jew EUR-MED

4. Id-duplikat, li għandu juri d-data li fiha nħareġ iċ-ċertifikat ta' moviment EUR.1 jew EUR-MED oriġinali, għandu jkollu effett minn dik id-data

Artikolu 19

Ħruġ ta' ċertifikati tal-moviment EUR.1 jew EUR-MED fuq il-bażi ta' prova ta' oriġini maħruġa jew li saret qabel

Meta prodotti oriġinarji jitqiegħdu taħt il-kontroll ta' uffiċċju doganali f'Parti Kontraenti, għandu jkun possibbli li l-prova tal-oriġini oriġinali tīgħi ssostitwita b'ċertifikat wieħed jew aktar tal-moviment EUR.1 jew EUR-MED bl-għan li dawn il-prodotti kolha jew uħud minnhom jintbgħatu x'imkien ieħor f'dik il-Parti Kontraenti. Iċ-ċertifikat/ċertifikati sostitut/sostituti tal-moviment EUR.1 jew EUR-MED għandhom jinħarġu mill-uffiċċju doganali li taħtu tqiegħdu l-kontroll tal-prodotti.

Artikolu 20

Segregazzjoni tal-kontabbiltà

1. Fil-każijiet fejn jinqalgħu spejjeż konsiderevoli jew diffikultajiet materjali għaż-żamma ta' ħażniet separati ta' materjali oriġinarji u materjali mhux oriġinarji li jkunu identiċi u interkambjabbbi, l-awtoritajiet doganali jistgħu, fuq talba bil-miktub ta' dawk konċernati, jawtorizzaw li jintuża l-metodu msejjaħ "segregazzjoni tal-kontabbiltà" (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ il- "metodu") għall-ġestjoni ta' dawn it-tipi ta' ħażniet.
2. Il-metodu għandu jkun kapaċi jiżgura li, għal perjodu speċifiku ta' referenza, in-numru ta' prodotti miksubin li jkunu jistgħu jittqiesu bħala 'oriġinarji' jkun l-istess bħal dak li kien jinkiseb li kieku kien hemm segregazzjoni fiżika tal-ħażniet.
3. L-awtoritajiet doganali jistgħu jagħmlu l-għoti tal-awtorizzazzjoni msemija fil-paragrafu 1 suġġett għal kwalunkwe kondizzjoni li titqies xierqa.
4. Il-metodu għandu jiġi applikat, u l-applikazzjoni tiegħi għandha tīgħi reġistrata, fuq il-bażi tal-prinċipji ġenerali tal-kontabbiltà applikabbi fil-pajjiż fejn il-prodott kien manifatturat.
5. Il-benefiċjarju tal-metodu jista' jagħmel provi ta' oriġini jew jaapplika għalihom, skont kif ikun il-każ, għall-kwantità ta' prodotti li jistgħu jittqiesu oriġinarji. Fuq it-talba tal-awtoritajiet tad-dwana, il-benefiċjarju għandu jipprovd stqarrija dwar kif ġew iġġestiti l-kwantitatjiet.
6. L-awtoritajiet doganali għandhom jissorveljaw l-użu li jsir mill-awtorizzazzjoni u jistgħu jirtirawha kulmeta l-benefiċjarju jagħmel użu skorrett mill-awtorizzazzjoni bi kwalunkwe mod jew jonqos milli jissodisfa kwalunkwe mill-kundizzjonijiet l-oħrajn stipulati f'din il-Konvenzjoni.

Artikolu 21

Kundizzjonijiet għat-tfassil ta' dikjarazzjoni tal-oriġini jew ta' dikjarazzjoni tal-oriġini EUR-MED

1. Kwalunkwe dikjarazzjoni tal-oriġini jew dikjarazzjoni tal-oriġini EUR-MED kif imsemmi fl-Artikolu 15(1)(c) tista' titfassal:

(a) minn esportatur approvat skont it-tifsira tal-Artikolu 22,

jew

(b) minn kull esportatur għal kull konsenja li tikkonsisti f'pakkett jew pakketti li jikkontjenu prodotti li joriġinaw li l-valur totali tagħhom ma jkunx aktar minn EUR 6 000.

2. Bla ħsara għall-paragrafu 3, dikjarazzjoni tal-oriġini tista' tīġi kkumpilata fil-każijiet li ġejjin:

(a) jekk il-prodotti jkunu esportati minn waħda mill-Partijiet Kontraenti msemmijin fl-Artikolu 3 (1) lejn waħda mill-Partijiet Kontraenti l-oħrajn imsemmijin fl-artikolu 3 (1) u:

- jekk il-prodotti kkonċernati jkunu jistgħu jitqiesu bħala prodotti li joriġinaw fil-Parti Kontraenti li tkun qed tesporta, fil-Parti Kontraenti li tkun qed timporta jew fxi waħda mill-Partijiet Kontraenti l-oħrajn imsemmijin fl-Artikolu 3 (1) li magħhom l-akkumulazzjoni tkun applikabbli, mingħajr l-applikazzjoni tal-akkumulazzjoni ma' materjali li joriġinaw f'waħda mill-Partijiet Kontraenti msemmijin fl-Artikolu 3(2), u li jissodisfaw ir-rekwiżiti l-oħrajn ta' din il-Konvenzjoni, jew

- jekk il-prodotti kkonċernati jkunu jistgħu jitqiesu bħala prodotti li joriġinaw f'waħda mill-Partijiet Kontraenti msemmijin fl-Artikolu 3 (2) li magħhom l-akkumulazzjoni tkun applikabbli, mingħajr l-applikazzjoni tal-akkumulazzjoni ma' materjali li joriġinaw f'waħda mill-Partijiet Kontraenti msemmijin fl-Artikolu 3, u li jkunu jissodisfaw ir-rekwiżiti l-oħrajn ta' din il-Konvenzjoni, dment li jkunu nħarġu ċertifikat EUR-MED jew dikjarazzjoni tal-oriġini EUR-MED fil-pajjiż tal-oriġini;

(b) jekk il-prodotti jkunu esportati minn waħda mill-Partijiet Kontraenti msemmijin fl-Artikolu 3 (1) lejn waħda mill-Partijiet Kontraenti msemmijin fl-Artikolu 3 (2) jew minn waħda mill-Partijiet Kontraenti msemmijin fl-Artikolu 3 (2) lejn waħda mill-Partijiet Kontraenti msemmijin fl-Artikolu 3 (1) u

- il-prodotti kkonċernati jkunu jistgħu jitqiesu bħala prodotti li joriġinaw fil-Parti Kontraenti li tkun qed tesporta jew fil-Parti Kontraenti li tkun qed timporta, mingħajr l-applikazzjoni tal-akkumulazzjoni ma' materjali li joriġinaw minn waħda mill-Partijiet Kontraenti l-oħrajn, u li jkunu jissodisfaw ir-rekwiżiti l-oħrajn ta' din il-Konvenzjoni, jew

- il-prodotti kkonċernati jkunu jistgħu jitqiesu bħala prodotti li joriġinaw f'waħda mill-Partijiet Kontraenti l-oħrajn imsemmijin fl-Artikolu 3, li magħhom l-akkumulazzjoni tkun applikabbli, mingħajr l-applikazzjoni tal-akkumulazzjoni ma' materjali li joriġinaw f'waħda mill-Partijiet Kontraenti msemmijin fl-Artikolu 3, u li jkunu jissodisfaw ir-rekwiżiti l-oħrajn ta' din il-Konvenzjoni, dment li jkunu nħarġu ċertifikat EUR-MED jew dikjarazzjoni tal-oriġini EUR-MED fil-pajjiż tal-oriġini.

(c) jekk il-prodotti jkunu esportati minn waħda mill-Partijiet kontraenti msemmijin fl-Artikolu 3 (2) lejn waħda mill-Partijiet Kontraenti msemmijin fl-artikolu 3 u

- il-prodotti kkonċernati jkunu jistgħu jitqiesu bħala prodotti li joriġinaw fil-Parti Kontraenti li tkun qed tesporta jew fil-Parti Kontraenti li tkun qed timporta, mingħajr l-applikazzjoni tal-akkumulazzjoni ma' materjali li joriġinaw minn waħda mill-Partijiet Kontraenti l-oħrajn, u li jkunu jissodisfaw ir-rekwiżiti l-oħrajn ta' din il-Konvenzjoni, jew

- il-prodotti kkonċernati jkunu jistgħu jitqiesu bħala prodotti li joriġinaw f'waħda mill-Partijiet Kontraenti l-oħrajn imsemmijin fl-Artikolu 3, li magħhom l-akkumulazzjoni tkun applikabbi, mingħajr l-applikazzjoni tal-akkumulazzjoni ma' materjali li joriġinaw f'waħda mill-Partijiet Kontraenti msemmijin fl-Artikolu 3, u li jkunu jissodisfaw ir-rekwiżiti l-oħrajn ta' din il-Konvenzjoni, dment li jkunu nħarġu ċertifikat EUR-MED jew dikjarazzjoni tal-oriġini EUR-MED fil-pajjiż tal-oriġini.

3. Ċertifikat tal-oriġini EUR-MED jista' jinħareġ jekk il-prodotti kkonċernati jkunu jistgħu jitqiesu bħala prodotti li jkunu joriġinaw mill-Parti Kontraenti li tkun qed tesporta, fil-Parti Kontraenti li tkun qed timporta jew f'waħda mill-Partijiet Kontraenti l-oħrajn imsemmijin fl-Artikolu 3 li magħhom tkun applikabbi l-akkumulazzjoni u li jkunu jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' din il-Konvenzjoni, fil-kažiżiet li ġejjin:

(a) jekk il-prodotti jkunu esportati minn waħda mill-Partijiet Kontraenti msemmijin fl-Artikolu 3 (1) lejn waħda mill-Partijiet Kontraenti l-oħrajn imsemmijin fl-artikolu 3 (1) u:

- l-akkumulazzjoni tkun ġiet applikata rigward materjali li jkunu joriġinaw f'waħda jew aktar mill-Partijiet Kontraenti msemmijin fl-Artikolu 3 (2), dment li jkun inħareġ ċertifikat EUR-MED jew dikjarazzjoni tal-oriġini EUR-MED fil-pajjiż tal-oriġini, jew

- il-prodotti jkunu jistgħu jintużaw fil-Parti Kontraenti li tkun qed timporta bħala materjali fil-kuntest tal-akkumulazzjoni għall-manifattura ta' prodotti għall-esportazzjoni mill-Parti Kontrenti li tkun qed timporta lejn waħda mill-Partijiet Kontraenti msemmijin fl-Artikolu 3 , jew

- il-prodotti jkunu jistgħu jiġi esportati mill-ġdid mill-Parti Kontraenti li tkun qed timporta lejn waħda mill-Partijiet Kontraenti msemmijin fl-Artikolu 3 (2);

(b) jekk il-prodotti jkunu esportati minn waħda mill-Partijiet Kontraenti msemmijin fl-Artikolu 3 (1) lejn waħda mill-Partijiet Kontraenti msemmijin fl-Artikolu 3 (2) jew minn waħda mill-Partijiet Kontraenti msemmijin fl-Artikolu 3 (2) lejn waħda mill-Partijiet Kontraenti msemmijin fl-Artikolu 3 (1) u

- l-akkumulazzjoni tkun ġiet applikata rigward materjali li jkunu joriġinaw f'waħda jew aktar mill-Partijiet Kontraenti l-oħrajn imsemmijin fl-Artikolu 3, dment li jkun inħareġ ċertifikat EUR-MED jew dikjarazzjoni tal-oriġini EUR-MED fil-pajjiż tal-oriġini, jew-{}-

- il-prodotti jkunu jistgħu jintużaw fil-Parti Kontraenti li tkun qed timporta bħala materjali fil-kuntest tal-akkumulazzjoni għall-manifattura ta' prodotti għall-esportazzjoni mill-Parti Kontrenti li tkun qed timporta lejn waħda mill-Partijiet Kontraenti l-oħrajn imsemmijin fl-Artikolu 3 (2), jew

- il-prodotti jkunu jistgħu jiġi esportati mill-ġdid mill-Parti Kontraenti li tkun qed timporta lejn waħda mill-Partijiet Kontraenti msemmijin fl-Artikolu 3.

(c) jekk il-prodotti jkunu esportati minn waħda mill-Partijiet kontraenti msemmijin fl-Artikolu 3 (2) lejn waħda mill-Partijiet Kontraenti msemmijin fl-artikolu 3 (2) u

- l-akkumulazzjoni tkun ġiet applikata rigward materjali li jkunu joriġinaw f'waħda jew aktar mill-Partijiet Kontraenti l-oħrajn imsemmijin fl-Artikolu 3, dment li jkun inħareġ ċertifikat EUR-MED jew dikjarazzjoni tal-oriġini EUR-MED fil-pajjiż tal-oriġini, jew-{}-

- il-prodotti jkunu jistgħu jintużaw fil-Parti Kontraenti li tkun qed timporta bħala materjali fil-kuntest tal-akkumulazzjoni għall-manifattura ta' prodotti għall-esportazzjoni mill-Parti Kontraenti li tkun qed timporta lejn waħda mill-Partijiet Kontraenti l-oħrajn imsemmijin fl-Artikolu 3 (2), jew

- il-prodotti jkunu jistgħu jiġu esportati mill-ġdid mill-Parti Kontraenti li tkun qed timporta lejn waħda mill-Partijiet Kontraenti msemmijin fl-Artikolu 3.

4. Dikjarazzjoni tal-oriġini EUR-MED għandha jkun fiha waħda mill-istqarrijiet li ġejjin bl-Ingliż:

- jekk l-oriġini tkun inkisbet bl-applikazzjoni tal-akkumulazzjoni ma' materjali li jkunu joriġinaw fwaħda jew aktar mill-Partijiet Kontraenti:

'CUMULATION APPLIED WITH'(isem il-pajjiż(i))

- jekk l-oriġini tkun inkisbet mingħajr l-applikazzjoni tal-akkumulazzjoni ma' materjali li jkunu joriġinaw fwaħda jew aktar mill-Partijiet Kontraenti:

'NO CUMULATION APPLIED'

5. L-esportatur li jimla dikjarazzjoni tal-oriġini jew dikjarazzjoni tal-oriġini EUR-MED għandu jkun lest jippreżenta fi kwalunkwe waqt, fuq talba tal-awtoritajiet doganali tal-Parti Kontraenti li tkun qed tesporta, id-dokumenti kolha xerqin li jagħtu prova tal-istejtus orīginarju tal-prodotti kkonċernati kif ukoll tal-issodisfar tar-rekwiżiti l-oħrajn ta' din il-Konvenzjoni.

6. Dikjarazzjoni tal-oriġini jew dikjarazzjoni tal-oriġini EUR-MED għandha timtela mill-esportatur permezz ta' ttajpjär, ittimbrar jew stampar fuq il-fattura, fuq il-karta tal-konsenza jew fuq dokument kummerċjali ieħor, id-dikjarazzjoni, li l-kliem tagħha jidher fl-Annessi IV a u b, billi juża waħda mill-verżjonijiet lingwistiċi stipulati f'dawn l-Annessi u skont id-dispożizzjonijiet tal-liġi nazzjonali tal-pajjiż li jkun qed jesporta. Jekk id-dikjarazzjoni tkun miktuba bl-idejn, din għandha tkun miktuba bil-linka fkarattri bħallkieku stampati.

7. Id-dikjarazzjonijiet tal-oriġini u d-dikjarazzjonijiet tal-oriġini EUR-MED għandu jkollhom il-firma oriġinali, bl-idejn, tal-esportatur. Madanakollu, esportatur approvat fis-sens tal-Artikolu 22 mhux mitlub jiffirma tali dikjarazzjonijiet dment li jkun forna lill-awtoritajiet doganali tal-Parti Kontraenti li tkun qed tesporta impenn bil-miktub li jaċċetta r-responsabbiltà sħiħa għal kwalunkwe dikjarazzjoni tal-oriġini li tkun tidentifikah daqslikieku kien iffirmaha bl-idejn.

8. Kwalunkwe dikjarazzjoni ta' fattura jew dikjarazzjoni ta' fattura EUR-MED tista' titfassal mill-esportatur meta l-prodotti relatati mad-dikjarazzjoni jiġu esportati, jew wara l-esportazzjoni bil-kondizzjoni li hija tiġi preżentata fil-pajjiż tal-importazzjoni mhux aktar tard minn sentejn wara l-importazzjoni tal-prodotti relatati magħha.

Artikolu 22

Esportatur approvat

1. L-awtoritajiet doganali tal-Parti Kontraenti tal-esportazzjoni jistgħu jawtorizzaw lil kwalunkwe esportatur (minn issa 'l quddiem imsejjaħ 'esportatur approvat') li jagħmel konsenji spissi ta' prodotti b'konformità mad-dispożizzjonijiet ta' din il-Konvenzjoni biex jimgħad dikjarazzjonijiet tal-oriġini jew dikjarazzjonijiet tal-oriġini EUR-MED irrispettivament mill-valur tal-prodotti kkonċernati. Esportatur li jfitter din it-tip ta' awtorizzazzjoni għandu joffri, b'tali mod li jissodisa lill-awtoritajiet doganali, il-garanziji kollha meħtieġin sabiex dawn jivverifikaw l-istejtus oriġinarju tal-prodotti kif ukoll jivverifikaw l-issodisfar tar-rekwiżiti l-oħrajn ta' din il-Konvenzjoni.
2. L-awtoritajiet tad-dwana jistgħu jagħtu l-istatus ta' esportatur approvat taħt il-kundizzjonijiet kollha li jqisu xieraq.
3. L-awtoritajiet doganali għandhom jagħtu lill-esportatur approvat numru tal-awtorizzazzjoni doganali li għandu jidher fuq id-dikjarazzjoni tal-oriġini jew fuq id-dikjarazzjoni tal-oriġini EUR-MED.
4. L-awtoritajiet tad-dwana għandhom jissorveljaw l-użu tal-awtorizzazzjoni mill-esportatur approvat.
5. L-awtoritajiet tad-dwana jistgħu jirtiraw l-awtorizzazzjoni f'kull ħin. Għandhom jagħmlu dan meta l-esportatur approvat ma jkunx għadu joffri l-garanziji msemmija fil-paragrafu 1, ma jkunx għadu jissodisa l-kondizzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 2 jew meta jkun b'xi mod ieħor jagħmel użu ħażin mill-awtorizzazzjoni.

Artikolu 23

Validità tal-prova ta' oriġini

1. Prova tal-oriġini għandha tkun valida għal erba' xħur mid-data tal-ħruġ fil-Parti Kontraenti li tkun qed tesporta, u għandha tkun ipreżentata matul il-perjodu msemmi lill-awtoritajiet doganali tal-Parti Kontraenti li tkun qed timporta.
2. Provi tal-oriġini li jkunu ppreżentati lill-awtoritajiet doganali tal-Parti Kontraenti li tkun qed timporta wara d-data finali għall-preżentazzjoni kif speċifikata fil-paragrafu 1 jistgħu jintlaqgħu bil-għan li jkun applikat trattament preferenziali, meta n-nuqqas li jkunu ppreżentati dawn id-dokumenti sad-data finali ffissata jkun seħħi minħabba ċirkustanzi eċċeżżjoni.
3. F'każijiet oħrajn ta' preżentazzjoni tard, l-awtoritajiet doganali tal-Parti Kontraenti li tkun qed timporta jistgħu jaċċettaw il-provi tal-oriġini fejn il-prodotti jkunu ġew sottomessi qabel id-data finali msemmija.

Artikolu 24

Sottomissjoni ta' prova ta' oriġini

Għandhom jiġu ppreżentati provi tal-oriġini lill-awtoritajiet doganali tal-Parti Kontraenti li tkun qed timporta skont il-proċeduri applikabbi f'dak il-pajjiż. L-awtoritajiet imsemmijin jistgħu jitkolbu traduzzjoni ta' prova tal-oriġini u jistgħu wkoll jitkolbu li d-dikjarazzjoni tal-importazzjoni tkun akkumpanjata b'dikjarazzjoni mill-importatur li l-prodotti jkunu jissodisfaw il-kundizzjonijiet meħtieġin għall-implementazzjoni tal-Ftehim rilevanti.

Artikolu 25

Importazzjoni rateali

Meta, fuq it-talba tal-importatur u taħt il-kondizzjonijiet stipulati mill-awtoritajiet doganali tal-pajjiż tal-importazzjoni, jiġu importati ratealment prodotti żarmati jew mhux armati fis-sens tar-Regola Ġenerali 2(a) tar-Sistema Armonizzata li jaqgħu fit-Taqsimiet XVI u XVII jew taħt l-intestaturi Nri 7308 u 9406 tas-Sistema Armonizzata, għandha tiġi preżentata prova waħda ta' oriġini għal tali prodotti lill-awtoritajiet doganali mal-importazzjoni tal-ewwel rata.

Artikolu 26

Eżenzjonijiet minn prova ta' oriġini

- Il-prodotti mibgħutin bħala pakketti żgħar minn persuni privati lil persuni privati jew li jkunu jagħmlu parti mill-valiġġa personali ta' vjaġġaturi għandhom jiġu ammessi bħala prodotti oriġinarji mingħajr ma tkun meħtieġa l-preżentazzjoni ta' prova tal-oriġini, sakemm tali prodotti ma jkunux importati permezz tal-kummerċ u jkunu ġew iddiċċi kollha bħala li jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' din il-Konvenzjoni u fejn ma jkun hemm l-ebda dwar il-veraċità ta' tali dikjarazzjoni. Fil-każ ta' prodotti li jintbagħtu bil-posta, din id-dikjarazzjoni tista' ssir fuq id-dikjarazzjoni tad-dwana CN22/CN23 jew fuq karta annessa ma' dak id-dokument.
- Importazzjonijiet li huma fuq bażi okkażjonali u li jikkonsistu biss minn prodotti għall-użu personali ta' min jirċevihom jew tal-vjaġġaturi jew il-familji tagħhom m'għandhomx jitqiesu bħala importazzjoni permezz tal-kummerċ jekk ikun ċar min-natura u l-kwantita tal-prodotti li m'hemm l-ebda għan kummerċjali.
- Barra dan, il-valur totali ta' dawn il-prodotti ma għandux jaqbeż il-EUR 500 fil-każ ta' pakketti żgħar jew ta' EUR 1 200 fil-każ ta' prodotti li huma parti mill-valiġġi personali ta' vjaġġaturi.

Artikolu 27

Dokumenti ta' sostenn

Id-dokumenti msemmijin fl-Artikoli 16(3) u 21(5) użati bil-għan li jippruvaw li l-prodotti koperti b'ċertifikat tal-moviment EUR.1 jew EUR-MED jew b'dikjarazzjoni tal-oriġini jew b'dikjarazzjoni tal-oriġini EUR-MED ikunu jistgħu jitqiesu bħala prodotti oriġinarji f'Parti

Kontraenti u li jkunu jissodisfaw ir-rekwiżiti l-oħrajn ta' din il-Konvinzjoni jistgħu jikkonsistu *inter alia* f'dan li ġej:

- (a) prova diretta tal-ipproċessar imwettaq mill-esportatur jew mill-fornitur sabiex jakkwista l-oġġetti konċernati, li jinsabu, per eżempju, fil-kontijiet tiegħu jew fiż-żamma tal-kotba interni tiegħu;
- (b) dokumenti li jagħtu prova tal-istejtus oriġinarju tal-materjali użati, maħruġin jew magħmulin fil-Parti Kontraenti rilevanti meta dawn id-dokumenti jintużaw skont il-liġi nazzjonali;
- (c) dokumenti li jagħtu prova li x-xogħol jew l-ipproċessar tal-materjali fil-Parti Kontraenti rilevanti, maħruġin jew magħmulin fil-Parti Kontraenti rilevanti, fejn dawn id-dokumenti jintużaw skont il-liġi nazzjonali;
- (d) ċertifikati tal-moviment EUR.1 jew EUR-MED jew dikjarazzjonijiet tal-oriġini jew dikjarazzjonijiet tal-oriġini EUR-MED li jippruvaw l-istejtus oriġinarju tal-materjali użati, maħruġin jew magħmulin fil-Partijiet Kontraenti skont din il-Konvenzjoni;
- (e) evidenza xierqa dwar ix-xogħol jew l-ipproċessar li jkunu twettqu barra mill-Parti Kontraenti rilevanti skont l-Artikolu 11, li tagħti prova li r-rekwiżiti ta' dak l-Artikolu jkunu ġew issodisfati.

Artikolu 28

Preservazzjoni ta' prova ta' oriġini u dokumenti ta' sostenn

1. L-esportatur li japplika għall-ħruġ ta' ċertifikat ta' moviment EUR.1 jew EUR-MED għandu jżomm id-dokumenti msemmija fl-Artikolu 16(3) għal mill-anqas tliet snin.
2. L-esportatur li jfassal dikjarazzjoni tal-oriġini jew dikjarazzjoni tal-oriġini EUR-MED għandu jżomm kopja ta' din id-dikjarazzjoni tal-oriġini kif ukoll tad-dokumenti msemmijin fl-Artikolu 21(5) għal mill-anqas tliet snin.
3. L-awtoritajiet doganali tal-Parti Kontraenti li tkun qed tesporta li joħorġu ċertifikat tal-moviment EUR.1 jew EUR-MED għandhom iżommu d-dokumenti msemmijin fl-Artikolu 16(2) għal mill-anqas tliet snin.
4. L-awtoritajiet doganali tal-Parti Kontraenti li tkun qed timporta għandhom iżommu għal mill-anqas tliet snin iċ-ċertifikati tal-moviment EUR.1 u EUR-MED kif ukoll id-dikjarazzjonijiet tal-oriġini u d-dikjarazzjonijiet tal-oriġini u EUR-MED li jkunu ġew ippreżentati lilhom.

Artikolu 29

Diskrepanzi u żbalji formali

1. L-iskoperta ta' diskrepanzi żgħar bejn dikjarazzjonijiet magħmulu fil-provi tal-oriġini u dawk magħmulu fid-dokumenti ppreżentati lill-uffiċċju doganali bil-għan li jsiru l-

formalitajiet biex jiġu importati l-prodotti ma jagħmlux ipso facto l-provi tal-oriġini nulli u mhux valida jekk ikun stabbilit li dan id-dokument jikkorrispondi għall-prodotti ppreżentati.

2. Żbalji formali ovvji bħal ma huma żbalji tat-tajpjär fuq prova ta' oriġini m'għandhomx iwasslu sabiex dan id-dokument jiġi miċħud jekk dawn l-iżbalji mhumiex tali li joħolqu dubji rigward il-korrettezza tad-dikjarazzjonijiet li saru f'dan id-dokument.

Artikolu 30

Ammonti espressi f'euro

1. Għall-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 21(1)(b) u tal-Artikolu 26(3) fkażiżiet fejn il-prodotti jkunu fatturati f'valuta li mhix l-ewro, l-ammont fil-valuti nazzjonali tal-Partijiet Kontraenti li jkunu ekwivalenti għall-ammonti espressi f'ewro għandhom jiġu ffissati kull sena minn kull wieħed mill-pajjiżi kkonċernati.

2. Kunsinna għandha tibbenefika mid-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 21(1)(b) jew l-Artikolu 26(3) b'referenza għall-munita li fiha titfassal il-fattura, skont l-ammont stabbilit mill-pajjiż ikkonċernat.

3. L-ammonti li għandhom jintużaw f'kull munita nazzjonali partikolari għandhom ikunu ekwivalenti f'dik il-munita għall-ammonti espressi f'euro hekk kif kienu fl-ewwel ġurnata ta' xogħol tax-xahar ta' Ottubru. L-ammonti għandhom jiġu kkomunikati lill-Kummissjoni Ewropea sal-15 ta' Ottubru u għandhom japplikaw mill-1 ta' Jannar tas-sena ta' wara. Il-Kummissjoni Ewropea għandha tinnotifika lill-pajjiżi kollha konċernati bl-ammonti rilevanti.

4. Pajjiż jista' jnaqqas jew iżid l-ammont li jirriżulta mill-kambju għall-munita nazzjonali tiegħu ta' ammont espress f'euro, biex jagħti ċifra għad-dritt. L-ammont arrotondat ma jistax ikun differenti minn aktar minn 5 % mill-ammont li jirriżulta mill-konverżjoni. Pajjiż jista' jżomm bla ma jibdel l-ekwivalenti tal-munita nazzjonali tiegħu ta' ammont espress f'euro jekk, fiż-żmien tal-aġġustament annwali previst fil-paragrafu 3, il-konverżjoni ta' dak l-ammont, qabel ma jsir l-arrotondament, jirriżulta f'żieda ta' anqas minn 15 % fl-ekwivalenti tal-munita nazzjonali. L-ekwivalenti tal-munita nazzjonali tista' tinżamm mhux mibdula jekk il-konverżjoni kella tirriżulta fi tnaqqis ta' dak il-valur ekwivalenti.

5. L-ammonti espressi f'ewro għandhom jiġu rriveduti mill-Kumitat Konġunt fuq talba ta' kwalunkwe Parti Kontraenti. Meta titwettaq din ir-reviżjoni, il-Kumitat Konġunt għandu jqis sa liema punt huwa mixtieq li jkunu ppreservati f'termini reali l-effetti tal-limiti kkonċernati. Għal dan il-għan, jista' tiddeċiedi li jimmodifika l-ammonti espressi f'euro.

TITOLU VI

ARRANĠAMENTI GĦAL KOOPERAZZJONI AMMINISTRATTIVA

Artikolu 31

Kooperazzjoni amministrattiva

1. L-awtoritajiet doganali tal-Partijiet Kontraenti għandhom jipprovdu lil xulxin, permezz tal-Kummissjoni Ewropea, b'kampjuni tal-impressjonijiet tat-timbri użati fl-uffiċċi doganali tagħhom għall-ħruġ taċ-ċertifikati tal-moviment EUR.1 u EUR-MED, flimkien mal-indirizzi tal-awtoritajiet doganali responsabbi mill-verifikazzjoni ta' dawk iċ-ċertifikati, tad-dikjarazzjonijiet tal-oriġini u tad-dikjarazzjonijiet tal-oriġini EUR-MED.
2. Sabiex tkun żgurata l-applikazzjoni xierqa ta' din il-Konvenzjoni, il-Partijiet Kontraenti għandhom jgħinu lil xulxin, permezz tal-amministrazzjonijiet doganali kompetenti, fil-kontroll tal-awtentiċità taċ-ċertifikati tal-moviment EUR.1 u EUR-MED, tad-dikjarazzjonijiet tal-oriġini u tad-dikjarazzjonijiet tal-oriġini EUR-MED u tal-eżattezza tat-tagħrif mogħti f'dawn id-dokumenti.

Artikolu 32

Verifika ta' provi ta' oriġini

1. Il-verifikazzjonijiet sussegwenti tal-provi tal-oriġini għandhom jitwettqu b'mod każwali jew kulmeta l-awtoritajiet doganali tal-Parti Kontraenti li tkun qed timporta jkollhom dubji raġonevoli dwar l-awtentiċità ta' tali dokumenti, dwar l-istejtus oriġinarju tal-prodotti kkonċernati jew dwar l-issodisfar tar-rekwiżiti l-oħrajn ta' din il-Konvenzjoni.
2. Għall-finijiet tal-implementazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 1, l-awtoritajiet doganali tal-Parti Kontraenti li tkun qed timporta għandhom jagħtu lura ċ-ċertifikat tal-moviment EUR.1 jew EUR-MED u l-fattura, jekk tkun ġiet ippreżentata, id-dikjarazzjoni tal-oriġini jew id-dikjarazzjoni tal-oriġini EUR-MED, jew kopja ta' dawn id-dokumenti, lill-awtoritajiet doganali tal-Parti Kontraenti li tkun qed tesporta filwaqt li jagħtu, fejn ikun xieraq, ir-raġunijiet għat-talba għal verifikazzjoni. Kull dokument u tagħrif miksub li jissuġġerixxu li t-tagħrif mogħti fil-prova ta' oriġini huwa żbaljat għandu jintbagħħat biex isostni t-talba għal verifika.
3. Il-verifikazzjoni għandha ssir mill-awtoritajiet doganali tal-Parti Kontraenti li tkun qed tesporta. Għal dan il-għan, għandhom ikollhom id-dritt li jitolbu kwalunkwe prova u jwettqu kwalunkwe ispezzjoni tal-kontijiet tal-esportatur jew li jagħmlu kwalunkwe kontroll ieħor meqjus xieraq.
4. Jekk l-awtoritajiet doganali tal-Parti Kontraenti li tkun qed timporta jiddeċiedu li jissospendu l-għoti tat-trattament preferenzjali lill-prodotti kkonċernati waqt li jkunu qiegħdin jistennew ir-riżultati tal-verifikazzjoni, l-importatur għandu jkun offrut il-possibbiltà li l-prodotti jinħarġu sogħetti għal kwalunkwe miżuri ta' prekawzjoni kkunsidrati meħtiġa.

5. L-awtoritajiet doganali li jitbolbu l-verifika għandhom ikunu informati bir-riżultati tagħha malajr kemm jista' jkun. Dawn ir-riżultati għandhom jindikaw b'mod ċar jekk id-dokumenti jkunux awtentiċi u jekk il-prodotti kkonċernati jkunux jistgħu jitqiesu bħala prodotti li joriġinaw f'waħda mill-Partijiet Kontraenti u jekk ikunux jissodisfaw ir-rekwiżiti l-oħrajn ta' din il-Konvenzjoni.

6. Jekk fil-każijiet ta' dubbju raġonevoli ma jkunx hemm tweġiba fi żmien għaxar xħur mid-data tat-talba għal verifika jew jekk it-tweġiba ma jkunx fiha tagħrif suffiċjenti sabiex tīgi determinata l-awtentiċità tad-dokument fil-kwistjoni jew sabiex tīgi determinata l-oriġini vera tal-prodotti, l-awtoritajiet doganali li jressqu t-talba għandhom, ħlief fċirkostanzi eċċezzjonali, jieħdu d-dritt għall-preferenzi.

Artikolu 33

Soluzzjoni għan-nuqqas ta' qbil

Fejn iqumu tilwimiet b'rabta mal-proċeduri ta' verifikazzjoni tal-Artikolu 32 li ma jkunux jistgħu jissolvew bejn l-awtoritajiet doganali li jkunu qed jitbolbu l-verifikazzjoni u l-awtoritajiet doganali li jkunu responsabbli milli jwettqi din il-verifikazzjoni, għandhom jitressqu quddiem il-korp bilaterali stabbilit mill-ftehim rilevanti. Fejn iqumu tilwimiet li ma jkunux marbutin mal-proċeduri tal-verifikazzjoni tal-Artikolu 32 b'rabta mal-interpretazzjoni ta' din il-Konvenzjoni, għandhom jitressqu lill-Kumitat Konġunt.

Fil-każijiet kollha r-riżoluzzjoni ta' tilwimiet bejn l-importatur u l-awtoritajiet doganali tal-Parti Kontraenti li tkun qed timporta għandha sseħħi taħt il-leġiżlazzjoni ta' dak il-pajjiż.

Artikolu 34

Pieni

Għandhom jiġi imposti penali fuq kull persuna li tfassal, jew tikkaġuna t-tfassil, ta' dokument li jkun fih tagħrif mhux korrett bil-għan li jinkiseb trattament preferenzjali għal prodotti.

Artikolu 35

Żoni liberi

1. Il-Partijiet Kontraenti għandhom jieħdu l-passi kollha meħtiġin sabiex jiżgħuraw li prodotti nnegozjati taħt il-kopertura ta' prova tal-oriġini li waqt it-trasport jużaw żona libera li tkun tinsab fit-territorju tagħhom, ma jinbidlux b'oġġetti oħrajn u li ma jsirilhom xejn għajr xogħlijiet normali maħsubin biex ma jħalluhomx jitħassru.

2. B'deroga mill-paragrafu 1, meta prodotti li joriġinaw minn Parti Kontraenti jiġi importati f'żona libera taħt il-kopertura ta' prova tal-oriġini u jgħaddu minn trattament jew ipproċessar, l-awtoritajiet ikkonċernati għandhom joħorġu ċertifikat tal-moviment EUR.1 jew EUR-MED ġdid fuq talba tal-esportatur, jekk it-trattament jew l-ipproċessar li jkunu għad-dew minnu jkun konformi mad-dispożizzjoni jiet ta' din il-Konvenzjoni.

Anness I

NOTI TA' INTRODUZZJONI GĦAL-LISTA FL-ANNESS II

Nota 1:

Il-lista telenka l-kundizzjonijiet meħtieġin għall-prodotti kollha li għandhom jitqiesu bħala maħdumin jew ipproċessati biżżejjed skont it-tifsira tal-Artikolu 5 tal-Appendiċi I ta' mal-Konvenzjoni.

Nota 2:

2.1. L-ewwel żewġ kolonna fil-lista jiddeskrivu l-prodott miksub. L-ewwel kolonna tagħti n-numru tal-intestatura jew in-numru tal-kapitolu użat fis-Sistema Armonizzata u t-tieni kolonna tagħti d-deskrizzjoni ta' merkanzija użata f'dik is-sistema għal dik l-intestatura jew dak il-kapitolu. For each entry in the first two columns, a rule is specified in column 3 or 4. Fejn, f'xi każijiet, id-daħla fl-ewwel kolonna hija pprecieduta minn "ex", dan ifisser li r-regoli fil-kolonna 3 jew 4 japplikaw biss għall-parti ta' dik l-intestatura kif deskritta fil-kolonna 2.

2.2. Meta diversi numri ta' intestatura ikunu miġbura flimkien fil-kolonna 1 jew meta jingħata numru ta' kapitolu u għalhekk id-deskrizzjoni tal-prodotti fil-kolonna 2 tingħata f'termini ġenerali, ir-regoli ta' ħdejha fil-kolonna 3 jew 4 japplikaw għall-prodotti kollha li, fis-Sistema Armonizzata, huma kklassifikati taħt l-intestaturi tal-kapitolu jew f'xi waħda mill-intestaturi miġbura flimkien fil-kolonna 1.

2.3. Fejn hemm regoli differenti fil-lista li japplikaw għal prodotti differenti f'intestatura, kull inċiż ikun fih d-deskrizzjoni ta' dik il-parti tal-intestatura koperta mir-regoli ta' ħdejha fil-kolonna 3 jew 4.

2.4. Fejn, għal annotazzjoni fl-ewwel żewġ kolonne, ikun hemm regola speċifikata fiż-żewġ kolonne 3 u 4, l-esportatur jista' jagħżel li japplika jew ir-regola stabbilita fil-kolonna 3 jew dik stabbilita fil-kolonna 4. Jekk ma tingħata l-ebda regola ta' orġini fil-kolonna 4, għandha tiġi applikata r-regola stabbilita fil-kolonna 3.

Nota 3:

3.1. Id-dispożizzjoni jiet tal-Artikolu 5 tal-Appendiċi I ta' ma' din il-Konvenzjoni, dwar prodotti li jkunu kisbu stejtus tal-oriġini li jkunu użati fil-manifattura ta' prodotti oħrajn, għandhom japplikaw irrispettivament minn jekk l-istejtus ikunx inkiseb fil-fabbrika fejn jintużaw dawn il-prodotti jew f'fabbrika oħra f'Parti Kontraenti.

Eżempju:

Magna tal-intestatura 8407, li għaliha r-regola tgħid li l-valur tal-materjali li ma joriġinawx li jistgħu jiġi inkorporati ma jistax ikun aktar minn 40 % tal-prezz ex-works, hija magħmula minn "liga tal-azzar oħra, iffurmata b'mod mhux irfinut fil-forġa" tal-intestatura ex 7224.

Jekk dan ix-xogħol tal-forġa jkun sar fil-Komunità minn ingott li ma joriġinax, tkun digħi kisbet status ta' oriġini permezz tar-regola tal-intestatura ex 7224 fil-lista. Ix-xogħol tal-forġa jista' mbagħad jgħodd bħala li joriġina fil-kalkolu tal-valur għall-magna irrispettivament minn jekk għixx prodotta fl-istess fabbrika jew f'fabbrika oħra fil-Komunità. Il-valur tal-ingott li ma

joriġinax mhuwiex għalhekk meqjus meta jingħadd il-valur tal-materjali li ma joriġinawx li ġew użati.

3.2. Ir-regola fil-lista tirrappreżenta l-ammont minimu ta' ħidma jew ipproċessar meħtieġ u t-twettiq ta' aktar ħidma jew ipproċessar jagħti wkoll stat ta' oriġini; min-naħħa l-oħra, it-twettiq ta' anqas ħidma jew ipproċessar ma jistax jagħti stat ta' oriġini. Għalhekk jekk regola tipprovdi li jista' jintuża materjal li ma joriġinax f'ċertu livell tal-manifattura, l-użu ta' dan il-materjali fi stadju aktar kmieni tal-manifattura huwa permess u l-użu ta' dan il-materjal fi stadju aktar tard mhuwiex.

3.3. Bla ħsara għan-Nota 3.2, meta regola tuża l-espressjoni "Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura", allura jistgħu jintużaw materjali ta' kwalunkwe intestatura/i (anke materjali tal-istess deskrizzjoni u intestatura bħall-prodott), soġġetti, madankollu, għal xi limitazzjonijiet speċifiċi li jista' jkun hemm fir-regola.

Madankollu, l-espressjoni "Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, inklużi materjali oħra taħt l-intestatura ..." jew "Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, inklużi materjali oħra taħt l-istess intestatura tal-prodott" tfisser li jistgħu jintużaw materjali ta' kwalunkwe intestatura, ħlief dawk bl-istess deskrizzjoni tal-prodott kif tidher fil-kolonna 2 tal-lista.

3.4. Fejn regola fil-lista tispeċifika li prodott jista' jiġi fabbrikat minn aktar minn materjal wieħed, dan ifisser li jistgħu jintużaw materjal wieħed jew aktar. Ma tirrikjedix li jintużaw kollha.

Eżempju:

Ir-regola għal tessuti tal-intestaturi 5208 sa 5212 tipprovdi li jistgħu jintużaw fibri natural u li materjali kimiċi, fost materjali oħra, jistgħu wkoll jintużaw. Dan ma jfissirx li għandhom jintużaw it-tnejn li huma; huwa possibbli li jintuża wieħed jew l-ieħor, jew it-tnejn.

3.5. Fejn regola fil-lista tispeċifika li prodott għandu jkun manifatturat minn xi materjal partikolari, din il-kondizzjoni ma timpedixx l-użu ta' materjali oħra li, minħabba n-natura inerenti tagħhom, ma jistgħux jissodisfaw ir-regola. (Ara wkoll in-Nota 6.2 hawn taħt fir-rigward tat-tessuti).

Eżempju:

Ir-regola dwar ikel ippreparat taħt l-intestatura 1904, li teskludi speċifikament l-użu taċ-ċereali jew prodotti derivati minnhom, ma timpedix l-użu ta' melħ minerali, kimiki u addittivi oħrajn li ma humiex prodotti miċ-ċereali.

Madankollu, dan ma japplikax għal prodotti li, għalkemm ma jistgħux jiġi fabbrikati mill-materjali partikolari speċifikati fil-lista, jistgħu jiġi prodotti minn materjal tal-istess natura fi stadju aktar bikri tal-fabbrikazzjoni.

Eżempju

Fil-każ ta' oġġett ta' lbies taħt l-ex Kapitlu 62 magħmul minn materjali mhux minsuġa, jekk huwa permess l-użu biss ta' ġejt mibruma li ma joriġinawx għal din il-klassi ta' oġġett, mhux possibbli li tibda minn drapp mhux minsuġ - anki jekk drappi jiet mhux minsuġa ma jistgħux,

normalment, isiru minn dawn il-ħjut mibruma. F'każijiet bħal dawn, il-materjal tal-bidu, normalment, ikun l-istadju ta' qabel il-ħjut mibruma, jiġifieri l-istadju ta' fibri.

2. Id-dikjarazzjoni tal-fornitur imsemmija fil-paragrafu 1 għandha sservi bħala prova tax-xogħol jew ipproċessar li għalihi ikunu ġew sottoposti l-oġġetti kkonċernati fl-Alġerija, fil-Marokk, fit-Tunežja jew fl-Unjoni Ewropea bil-għan li jiġi determinat jekk il-prodotti li fil-manifattura tagħhom ikunu ntużaw dawn l-oġġetti, ikunux jistgħu jitqiesu bħala prodotti li joriġinaw fl-Unjoni Ewropea jew fil-Marokk u jekk ikunux jissodisfaw ir-rekwiżiti l-oħrajn tal-Appendiċi I ta' ma' din il-Konvenzjoni.

3. Dikjarazzjoni separata tal-fornitur għandha, ħlief f'każijiet li jipprovdi għalihom il-paragrafu 4, issir mill-fornitur għal kull konsenza ta' oġġetti fil-formola preskritta fl-Anness A fuq folja tal-karta annessa mal-fattura, l-irċevuta postali jew kwalunkwe dokument kummerċjali ieħor li jiddekskrivi l-oġġetti kkonċernati b'dettall suffiċjenti b'tali mod li jkunu jistgħu jiġi identifikati.

4. Fejn fornitur li jipprovdi regolarmen lil klijent partikolari b'oġġetti li jkunu għaddew minn xogħol jew ipproċessar fl-Alġerija, fil-Marokk, fit-Tunežja jew fl-Unjoni Ewropea, ikun mistenni jibqa' kostanti għal perjodi konsiderevoli ta' żmien, jista' jiprovdi dikjarazzjoni tal-fornitur waħda sabiex tkopri konsenji sussegwenti ta' dawk l-oġġetti, minn issa 'l quddiem imsejħa 'dikjarazzjoni tal-fornitur li tkopri medda twila ta' żmien'.

Dikjarazzjoni ta' fornitur għal medda twila ta' żmien normalament tista' tkun valida għal perjodu ta' massimu ta' sena mid-data tat-tfassil tad-dikjarazzjoni. L-awtoritajiet doganali tal-pajjiż fejn titfassal id-dikjarazzjoni jistipulaw il-kundizzjonijiet li taħthom jistgħu jintużaw perjodi itwal.

Id-dikjarazzjoni ta' fornitur għal medda twila ta' żmien għandha titfassal fil-forma preskritta fl-Anness B u għandha tiddeskrivi l-oġġetti konċernati f'dettall suffiċjenti sabiex ikunu jistgħu jiġi identifikati. Għandha tkun provduta lill-klijent konċernat qabel ma jiġi fornir bl-ewwel konsenza ta' oġġetti koperti b'din id-dikjarazzjoni jew flimkien mal-ewwel konsenza tiegħu.

Il-fornitur għandu jinforma lill-klijent tiegħu immedjatamente jekk id-dikjarazzjoni tal-fornitur għal medda twila ta' żmien ma tkunx aktar applikabbli għall-oġġetti fornuti.

5. Id-dikjarazzjoni tal-fornitur imsemmija fil-paragrafi 3 u 4 għandha tīgħi ttajpjata jew stampata f'wieħed mill-ilsna li fihom ikun tfassal il-Ftehim, skont id-dispożizzjonijiet tal-liggi nazzjonali tal-pajjiż fejn titfassal, u għandha jkollha fuqha l-firma oriġinali bl-idejn mill-fornitur. Id-dikjarazzjoni tista' ssir ukoll bil-miktub; ftali każ, għandha tinkiteb bil-linka u bil-maħlul.

6. Il-fornitur li jfassal id-dikjarazzjoni għandu jkun lest li jippreżenta, fi kwalunkwe waqt, fuq it-talba tal-awtoritajiet doganali tal-pajjiż fejn issir id-dikjarazzjoni, id-dokumenti xerqin kollha li jagħtu prova li t-tagħrif mogħti f'din id-dikjarazzjoni jkun korrett.

Artikolu 6

Dokumenti ta' sostenn

Dikjarazzjoni tal-fornitur li tipprova x-xogħol jew l-ipproċessar li jkunu twettqu fl-Unjoni Ewropea, fit-Tuneżija, fil-Marokk jew fl-Alġerija skont il-materjali użati, magħmula fwieħed minn dawn il-pajjiżi, għandha titqies bħala dokument imsemmi fl-Artikoli 16 (3) u 21 (5) tal-Appendiċi I u fl-Artikolu 5 (6) ta' dan l-Anness użata biex tipprova li l-prodotti koperti minn ċertifikat tal-moviment EUR.1 jew minn dikjarazzjoni tal-oriġini jkunu jistgħu jitqiesu bħala prodotti li joriġinaw fl-Unjoni Ewropea jew fil-Marokk u li jkunu jissodisfaw ir-rekwiżiti l-oħrajn tal-Appendiċi I ta' ma' din il-Konvenzjoni.

Artikolu 7

Żamma tad-dikjarazzjoni tal-fornitur

Il-fornitur li jfassal dikjarazzjoni tal-fornitur għandu jżomm, għal mill-anqas tliet snin, kopji tad-dikjarazzjoni u tal-fattura, noti tal-kunsinna jew kwalunkwe dokument kummerċjali ieħor li miegħu tkun annessa din id-deċiżjoni kif ukoll id-dokumenti msemmijin fl-Artikolu 5(6) ta' dan l-Anness.

Il-fornitur li jagħmel dikjarazzjoni tal-fornitur għal medda twila ta' żmien għandu jżomm, għal mill-anqas tliet snin, kopji tad-dikjarazzjoni u tal-fattura, noti tal-kunsinna jew kwalunkwe dokument kummerċjali ieħor li għandu x'jaqsam mal-oġġetti koperti b'din id-dikjarazzjoni mibgħuta lill-kljjent ikkonċernat kif ukoll id-dokumenti msemmijin fl-Artikolu 5 (6) ta' dan l-Anness . Dan il-perjodu għandu jibda mid-data ta' skadenza tal-validità tad-dikjarazzjoni tal-fornitur li tifrex fuq medda twila ta' żmien.

Artikolu 8

Assistenza reċiproka

Sabiex tkun żgurata l-applikazzjoni xierqa ta' dan l-Anness, l-Unjoni Ewropea u t-Tuneżija għandhom jgħinu 'l xulxin, permezz tal-amministrazzjonijiet doganali kompetenti, fil-verifikazzjoni tal-awtentiċità taċ-ċertifikati tal-moviment EUR.1, tad-dikjarazzjonijiet tal-oriġini jew tad-dikjarazzjonijiet tal-fornitur u tal-korrettezza tal-informazzjoni mogħtija f'dawn id-dokumenti.

Artikolu 9

Verifikazzjoni tad-dikjarazzjonijiet tal-fornitur

1. Il-verifikazzjonijiet sussegwenti tad-dikjarazzjonijiet tal-fornitur jew tad-dikjarazzjonijiet tal-fornitur għal medda twila ta' żmien għandhom jitwettqu fuq bażi każwali jew kulmeta l-awtoritajiet doganali tal-pajjiż fejn iż-ķunu tqiesu tali

dikjarazzjonijiet sabiex jinħareġ ċertifikat tal-moviment EUR.1 jew sabiex titfassal dikjarazzjoni tal-oriġini, ikollhom dubji raġonevoli fir-rigward tal-awtentiċità tad-dokument jew tal-korrettezza tal-informazzjoni mogħtija f'dan id-dokument.

2. Għall-finijiet tal-implementazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 1, l-awtoritajiet doganali tal-pajjiż imsemmi fil-paragrafu 1 għandhom jirritornaw id-dikjarazzjoni u l-fattura jew fatturi tal-fornitur, in-nota jew noti tal-kunsinna jew kull dokument ieħor li jikkonċerna ogħġetti koperti b'din id-dikjarazzjoni, lill-awtoritajiet doganali tal-pajjiż fejn tkun tfasslet din id-dikjarazzjoni, filwaqt li jagħtu, fejn ikun il-każ, ir-raġunijiet ta' sustanza jew ta' forma tat-talba għal verifikazzjoni.

Bħala sostenn tat-talba għal verifika sussegwenti, għandhom jibagħtu kwalunkwe dokument u informazzjoni miksubin li jissuġġerixxu li l-informazzjoni mogħtija fid-dikjarazzjoni tal-fornitur hija skorretta.

3. Il-verifikazzjoni għandha titwettaq mill-awtoritajiet doganali tal-pajjiż fejn tfasslet id-dikjarazzjoni tal-fornitur. Għal dan il-għan, għandu jkollhom id-dritt li jitbolu kwalunkwe prova u jwettqu kwalunkwe ispezzjoni tal-kontijiet tal-fornitur jew kwalunkwe kontroll ieħor meqjus xieraq.

4. L-awtoritajiet doganali li jitbolu l-verifikazzjoni għandhom ikunu informati birriżultati tagħha malajr kemm jista' jkun. Dawn ir-riżultati għandhom jindikaw b'mod ċar jekk l-informazzjoni mogħtija fid-dikjarazzjoni tal-fornitur tkunx korretta u jippermettulhom jiddeterminaw jekk tistax titqies id-dikjarazzjoni tal-fornitur sabiex jinħareġ ċertifikat tal-moviment EUR.1 jew sabiex titfassal dikjarazzjoni tal-oriġini, u sa liema punt dan jista' jsir.

Artikolu 10

Sanzjonijiet

Għandhom jiġu imposti penali fuq kull persuna li tfassal, jew tikkaġuna t-tfassil, ta' dokument li jkun fih tagħrif mhux korrett bil-għan li jinkiseb trattament preferenzjali għal prodotti.

Artikolu 11

Żoni liberi

1. L-Unjoni Ewropea u l-Marokk għandhom jieħdu l-passi kollha meħtieġa sabiex jiżguraw li prodotti kummerċjalizzati taħt il-kopertura ta' prova tal-oriġini, li waqt it-trasport jużaw żona libera li tinsab fit-territorju tagħhom, ma jinbidlux b'oġġetti oħra u ma jgħaddu minn l-ebda tip ta' trattament għajnejha operazzjonijiet normali maħsuba sabiex jipprev jenu d-deterjorazzjoni tagħhom.

2. B'deroga mill-paragrafu 1, meta prodotti li joriġinaw fl-Unjoni Ewropea jew fil-Marokk jiġu importati f'żona libera taħt il-kopertura ta' prova tal-oriġini u jgħaddu minn trattament jew ipproċessar, l-awtoritajiet konċernati għandhom joħorġu ċertifikat tal-moviment EUR.1 għid fuq talba tal-esportatur, jekk it-trattament jew l-ipproċessar li jkunu għaddew minnu jkun konformi mad-dispożizzjonijiet ta' din il-Konvenzjoni.

ANNESS IV

Kummerċ bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tat-Tuneżija

Artikolu 1

Il-prodotti li jkunu kisbu l-oriġini tagħhom permezz tal-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet maħsubin f'dan l-Anness għandhom jiġu eskużi mill-akkumulazzjoni kif imsemmi fl-Artikolu 3 tal-Appendiċi I.

Artikolu 2

Akkumulazzjoni fl-Unjoni Ewropea

Bl-għan li jiġi implementat l-Artikolu 2(1)(b) tal-Appendiċi I, xogħol jew ipproċessar imwettaq fil-Marokk, fl-Alġerija jew fit-Tuneżija għandu jitqies bħala li jkun twettaq fl-Unjoni Ewropea meta l-prodotti miksubin jgħaddu minn xogħol jew ipproċessar sussegamenti fl-Unjoni Ewropea. Fil-każ fejn, skont din id-dispożizzjoni, il-prodotti orīginarji jinkisbu f'żewġ pajjiżi kkonċernati jew aktar, għandhom jitqiesu bħala li jorġinaw fl-Unjoni Ewropea fil-każ biss li x-xogħol jew l-ipproċessar ikun imur lil hinn mix-xogħliljet imsemmijin fl-Artikolu 6 tal-Appendiċi I.

Artikolu 3

Akkumulazzjoni fit-Tuneżija

Bl-għan li jiġi implementat l-Artikolu 2(1)(b) tal-Appendiċi I, xogħol jew ipproċessar imwettqin fl-Unjoni Ewropea, fil-Marokk jew fl-Alġerija għandhom jitqiesu bħala li twettqu fit-Tuneżija meta l-prodotti miksubin jgħaddu minn xogħol jew ipproċessar sussegamenti fit-Tuneżija. Fil-każ fejn, skont din id-dispożizzjoni, il-prodotti orīginarji jinkisbu fi tnejn jew aktar mill-pajjiżi kkonċernati, għandhom jitqiesu li jorġinaw fit-Tuneżija fil-każ biss li x-xogħol jew l-ipproċessar ikun imur lil hinn mix-xogħliljet imsemmijin fl-Artikolu 6 tal-Appendiċi I.

Artikolu 4

Provi tal-oriġini

1. Mingħajr ħsara għall-Artikolu 16 (4) u (5) tal-Appendiċi I, ċertifikat tal-moviment EUR.1 għandu jinħareġ mill-awtoritajiet doganali ta' Stat Membru tal-Unjoni Ewropea jew tat-Tuneżija jekk il-prodotti kkonċernati jkunu jistgħu jitqiesu bħala prodotti li jorġinaw fl-Unjoni Ewropea jew fit-Tuneżija, bl-applikazzjoni tal-akkumulazzjoni msemmija fl-Artikoli 2 u 3 ta' dan l-Anness, u jkunu jissodisfaw ir-rekwiżiti l-oħrajn tal-Appendiċi I ta' ma' din il-Konvenzjoni.

2. Mingħajr ħsara għall-Artikolu 21 (2) u (3) tal-Appendiċi I, dikjarazzjoni tal-oriġini tista' ssir jekk il-prodotti kkonċernati jkunu jistgħu jitqiesu bħala prodotti li jorġinaw fl-Unjoni Ewropea jew fit-Tuneżija, bl-applikazzjoni tal-akkumulazzjoni msemmija fl-Artikoli 2 u 3 ta' dan l-Anness, u jkunu jissodisfaw ir-rekwiżiti l-oħrajn tal-Appendiċi I ta' ma' din il-Konvenzjoni.

Dikjarazzjoni tal-fornitur

1. Meta jinħareġ ċertifikat tal-moviment EUR.1, jew tiġi mfassla dikjarazzjoni tal-oriġini, fl-Unjoni Ewropea jew fit-Tuneżija, għal prodotti oriġinarji, li fil-manifattura tagħhom ikunu ntużaw oġġetti li jkunu ġejjin mill-Alġerija, mill-Marokk, mit-Tuneżija jew mill-Unjoni Ewropea li jkunu ġew sottoposti għal xogħol jew ipproċessar f'dawn il-pajjiż mingħajr ma jkunu kisbu stejtus oriġinarju preferenzjali, għandu jingħata kas tad-dikjarazzjoni tal-fornitur mogħtija fir-rigward ta' dawn il-prodotti skont dan l-Artikolu.

2. Id-dikjarazzjoni tal-fornitur imsemmija fil-paragrafu 1 għandha sservi bħala prova tax-xogħol jew ipproċessar li għalihi ikunu ġew sottoposti l-oġġetti kkonċernati fl-Alġerija, fil-Marokk, fit-Tuneżija jew fl-Unjoni Ewropea bil-għan li jiġi ddeterminat jekk il-prodotti li fil-manifattura tagħhom ikunu ntużaw dawn l-oġġetti jkunux jistgħu jitqiesu bħala prodotti li joriġinaw fl-Unjoni Ewropea jew fit-Tuneżija u jekk ikunux jissodisfaw ir-rekwiżiti l-oħrajn tal-Appendiċi I ta' ma' din il-Konvenzjoni.

3. Dikjarazzjoni separata tal-fornitur għandha, ħlief f'każijiet li jipprovd għalihom il-paragrafu 4, issir mill-fornitur għal kull konsenza ta' oġġetti fil-formola preskritta fl-Anness A fuq folja tal-karta annessa mal-fattura, man-nota ta' kunsinna jew ma' kwalunkwe dokument kummerċjali ieħor li jiddeskrivi l-oġġetti kkonċernati b'bizzżejjed dettall li jkunu jistgħu jiġi identifikati.

4. Fejn fornitur li jipprovd regolarmen lil klijent partikolari b'oġġetti li jkunu għaddew minn xogħol jew ipproċessar fl-Alġerija, fil-Marokk, fit-Tuneżija jew fl-Unjoni Ewropea, ikun mistenni jibqa' kostanti għal perjodi konsiderevoli ta' żmien, jista' jipprovd dikjarazzjoni tal-fornitur waħda sabiex tkopri kunsinni sussegwenti ta' dawk l-oġġetti, minn issa 'l quddiem imsejħa 'dikjarazzjoni tal-fornitur li tkopri medda twila ta' żmien'.

Dikjarazzjoni tal-fornitur għal medda twila ta' żmien normalament tista' tkun valida għal perjodu massimu ta' sena mid-data tat-tfassil tad-dikjarazzjoni. L-awtoritajiet doganali tal-pajjiż fejn titfassal id-dikjarazzjoni jistipulaw il-kundizzjonijiet li taħthom jistgħu jintużaw perjodi itwal.

Id-dikjarazzjoni tal-fornitur għal medda twila ta' żmien għandha titfassal fil-forma preskritta fl-Anness B u għandha tiddeskrivi l-oġġetti kkonċernati f'bizzżejjed dettall sabiex ikunu jistgħu jiġi identifikati. Għandha tkun provdua lill-klijent ikkonċernat qabel ma jīġi fornir bl-ewwel konsenza ta' oġġetti koperti b'din id-dikjarazzjoni jew flimkien mal-ewwel konsenza tiegħi.

Il-fornitur għandu jinforma lill-klijent tiegħi immedjatamente jekk id-dikjarazzjoni tal-fornitur għal medda twila ta' żmien ma tkun aktar applikabbli għall-oġġetti fornuti.

5. Id-dikjarazzjoni tal-fornitur imsemmija fil-paragrafi 3 u 4 għandha tīgħi ttajpjata jew stampata f'wieħed mill-ilsna li fihom ikun tfassal il-Ftehim, skont id-dispożizzjonijiet tal-l-iġi nazzjonali tal-pajjiż fejn titfassal, u għandha jkollha fuqha l-firma oriġinali tal-fornitur bl-idejn. Id-dikjarazzjoni tista' ssir ukoll bil-miktub; f'tali każ, għandha tinkiteb bil-linka u bil-maħlul.

6. Il-fornitur li jfassal id-dikjarazzjoni għandu jkun lest li jippreżenta, fi kwalunkwe waqt, fuq talba tal-awtoritajiet doganali tal-pajjiż fejn issir id-dikjarazzjoni, id-dokumenti xerqin kollha li jagħtu prova li t-tagħrif mogħti f'din id-dikjarazzjoni jkun korrett.

Artikolu 6

Dokumenti ta' sostenn

Dikjarazzjoni tal-fornitur li tipprova x-xogħol jew l-ipproċessar li jkunu twettqu fl-Unjoni Ewropea, fit-Tuneżija, fil-Marokk jew fl-Alġerija skont il-materjali użati, magħmula fwieħed minn dawn il-pajjiżi, għandha titqies bħala dokument imsemmi fl-Artikoli 16 (3) u 21 (5) tal-Appendiċi I u fl-Artikolu 5 (6) ta' dan l-Anness użata biex tipprova li l-prodotti koperti minn ġertifikat tal-moviment EUR.1 jew minn dikjarazzjoni tal-oriġini jkunu jistgħu jitqiesu bħala prodotti li jorġiñaw fl-Unjoni Ewropea jew fit-Tuneżija u li jkunu jissodisfaw ir-rekwiżiti l-oħrajn tal-Appendiċi I ta' ma' din il-Konvenzjoni.

Artikolu 7

Żamma tad-dikjarazzjoni tal-fornitur

Il-fornitur li jfassal dikjarazzjoni tal-fornitur għandu jżomm, għal mill-anqas tliet snin, kopji tad-dikjarazzjoni u tal-fattura, noti tal-kunsinna jew kwalunkwe dokument kummerċjali ieħor li miegħu tkun annessa din id-deċiżjoni kif ukoll id-dokumenti msemmijin fl-Artikolu 5(6) ta' dan l-Anness.

Il-fornitur li jagħmel dikjarazzjoni tal-fornitur għal medda twila ta' żmien għandu jżomm, għal mill-anqas tliet snin, kopji tad-dikjarazzjoni u tal-fattura, noti tal-kunsinna jew kwalunkwe dokument kummerċjali ieħor li jkollu x'jaqsam mal-oġġetti koperti b'din id-dikjarazzjoni mibgħuta lill-klient ikkonċernat kif ukoll id-dokumenti msemmijin fl-Artikolu 5 (6) ta' dan l-Anness . Il-perjodu għandu jibda mid-data tal-iskadenza tal-validità tad-dikjarazzjoni tal-fornitur għal medda twila ta' żmien.

Artikolu 8

Assistenza reċiproka

Sabiex tkun żgurata l-applikazzjoni xierqa ta' dan l-Anness, l-Unjoni Ewropea u t-Tuneżija għandhom jgħinu 'l xulxin, permezz tal-amministrazzjonijiet doganali kompetenti, fil-verifikazzjoni tal-awtentiċità taċ-ċertifikati tal-moviment EUR.1, tad-dikjarazzjonijiet tal-oriġini jew tad-dikjarazzjonijiet tal-fornitur u tal-korrettezza tal-informazzjoni mogħtija f'dawn id-dokumenti.

Artikolu 9

Verifikazzjoni tad-dikjarazzjonijiet tal-fornitur

1. Il-verifikazzjonijiet sussegwenti tad-dikjarazzjonijiet tal-fornitur jew tad-dikjarazzjonijiet tal-fornitur għal medda twila ta' żmien għandhom jitwettqu fuq bażi każwali jew kulmeta l-awtoritajiet doganali tal-pajjiż fejn iż-ikunu tqiesu tali dikjarazzjonijiet sabiex jinħareġ ġertifikat tal-moviment EUR.1 jew sabiex titfassal

dikjarazzjoni tal-oriġini, ikollhom dubji raġonevoli fir-rigward tal-awtentiċità tad-dokument jew tal-korrettezza tal-informazzjoni mogħtija f'dan id-dokument.

2. Għall-finijiet tal-implementazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 1, l-awtoritajiet doganali tal-pajjiż imsemmi fil-paragrafu 1 għandhom jirritornaw id-dikjarazzjoni u l-fattura jew fatturi tal-fornitur, in-nota jew noti ta' kunsinna jew dokumenti kummerċjali oħrajn li jikkonċernaw ogħġetti koperti b'din id-dikjarazzjoni, lill-awtoritajiet doganali tal-pajjiż fejn tkun tfasslet din id-dikjarazzjoni, filwaqt li jagħtu, fejn ikun il-każ, ir-raġunijiet ta' sustanza jew ta' forma tat-talba għal verifikazzjoni.

Bħala sostenn tat-talba għal verifikazzjoni sussegwenti, għandhom jibagħtu kwalunkwe dokument u informazzjoni miksubin li jkunu jissuġġerixxu li l-informazzjoni mogħtija fid-dikjarazzjoni tal-fornitur tkun skorretta.

3. Il-verifikazzjoni għandha titwettaq mill-awtoritajiet doganali tal-pajjiż fejn tkun tfasslet id-dikjarazzjoni tal-fornitur. Għal dan il-għan, għandu jkollhom id-dritt li jitkolbu kwalunkwe prova u jwettqu kwalunkwe ispezzjoni tal-kontijiet tal-fornitur jew kwalunkwe kontroll ieħor meqjus xieraq.

4. L-awtoritajiet doganali li jitkolbu l-verifikazzjoni għandhom ikunu infurmati birriżultati tagħha malajr kemm jista' jkun. Dawn ir-riżultati għandhom jindikaw b'mod ċar jekk l-informazzjoni mogħtija fid-dikjarazzjoni tal-fornitur tkunx korretta u jippermettulhom jiddeterminaw jekk id-dikjarazzjoni tal-fornitur tkunx tista' titqies sabiex jinħareġ ġertifikat tal-moviment EUR.1 jew sabiex titfassal dikjarazzjoni tal-oriġini, u sa liema punt dan jista' jsir.

Artikolu 10

Sanzjonijiet

Għandhom jiġu imposti penali fuq kull persuna li tfassal, jew tikkagħuna t-tfassil, ta' dokument li jkun fih tagħrif mhux korrett bil-għan li jinkiseb trattament preferenzjali għal prodotti.

Artikolu 11

Żoni liberi

1. L-Unjoni Ewropea u t-Tuneżija għandhom jieħdu l-passi kollha meħtieġ sabiex jiżguraw li prodotti kkummerċjalizzati taħt il-kopertura ta' prova tal-oriġini, li waqt it-trasport jużaw żona libera li tkun tinsab fit-territorju tagħhom, ma jinbidlux b'oġġetti oħrajn u ma jgħaddu minn l-ebda tip ta' trattament għajr xogħlijet normali maħsubin sabiex ma jħalluhomx jitħassru.

2. B'deroga mill-paragrafu 1, meta prodotti li joriġinaw fl-Unjoni Ewropea jew fit-Tuneżija jiġu importati f'żona libera taħt il-kopertura ta' prova tal-oriġini u jgħaddu minn trattament jew ipproċessar, l-awtoritajiet konċernati għandhom joħorġu ġertifikat tal-moviment EUR.1 ġdid fuq talba tal-esportatur, jekk it-trattament jew l-ipproċessar li jkunu għaddew minnu jkun konformi mad-dispożizzjonijiet ta' din il-Konvenzjoni.

ANNESS V

CEUTA U MELILLA

Artikolu 1

Applikazzjoni tal-Konvenzjoni

1. It-terminu 'Unjoni Ewropea' ma jkoprix lil Ceuta u Melilla.
2. Prodotti li joriġinaw f'Parti Kontraenti ħlief l-Unjoni Ewropea, meta jiġu importati f'Ceuta jew f'Melilla, għandhom igawdu f'kull aspett l-istess reġim doganali bħal dak applikat għal prodotti li joriġinaw fit-territorju doganali tal-Unjoni Ewropea li jaqa' taħt il-Protokoll 2 tal-Att tal-Adeżjoni tar-Renju ta' Spanja u tar-Repubblika Portugiża mal-Komunitajiet Ewropej. Il-Partijiet Kontraenti, ħlief l-Unjoni Ewropea, għandhom jagħtu lill-importazzjoni koperta mill-Ftehim u li joriġinaw f'Ceuta u Melilla l-istess reġim doganali bħal dak mogħti lil prodotti importati mill-Unjoni Ewropea u li joriġinaw fiha.
3. Għall-fini tal-applikazzjoni tal-paragrafu 2 li jikkonċerna prodotti oriġinati minn Ceuta u Melilla, din il-Konvenzjoni għandha tapplika *mutatis mutandis* soġġett għall-kundizzjonijiet speċjali preskritti fl-Artikolu 2.

Artikolu 2

Kundizzjonijiet speċjali

1. Sakemm ikunu ġew ittrasportati direttament skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 12 tal-Appendiċi I dawn li ġejjin għandhom jitqiesu bħala:
 - (1) prodotti li joriġinaw f'Ceuta u Melilla:
 - (a) prodotti miksubin għal kollex f'Ceuta u Melilla;
 - (b) prodotti miksubin minn Ceuta u Melilla li, fil-fabbrikazzjoni tagħhom, jintużaw prodotti oħrajn minbarra dawk imsemmijin f'(a), sakemm:
 - (i) dawn l-imsemmijin prodotti jkunu għaddew minn biżżejjed xogħlilijiet jew ipproċessar skont it-tifsira tal-Artikolu 5 tal-Appendiċi I;
 - (ii) dawk il-prodotti joriġinaw fil-Parti Kontraenti li tkun qed timporta jew fl-Unjoni Ewropea, sakemm ikun sarilhom xogħol jew ipproċessar li jmur lil hinn mix-xogħlilijiet imsemmijin fl-Artikolu 6 tal-Appendiċi I.
 - (2) prodotti li joriġinaw fil-Parti Kontraenti li tkun qed tesporta, ħlief l-Unjoni Ewropea:
 - (a) prodotti miksubin għal kollex fil-Parti Kontraenti li tkun qed tesporta;

(b) prodotti miksubin fil-Parti Kontraenti li tkun qed tesporta, li fil-manifattura tagħhom ikunu ntużaw prodotti differenti minn dawk imsemmijin f(a), sakemm:

(i) dawn l-imsemmijin prodotti jkunu għaddew minn biżżejjed xogħlijiet jew ipproċessar skont it-tifsira tal-Artikolu 5 tal-Appendiċi I;

jew li

(ii) dawk il-prodotti joriġinaw f'Ceuta u Melilla jew fl-Unjoni Ewropea, sakemm ikun sarilhom xogħol jew ipproċessar li jmur lil hinn mix-xogħlijiet imsemmijin fl-Artikolu 6 tal-Appendiċi I.

2. Ceuta u Melilla għandhom jitqiesu bħala territorju wieħed.

3. L-esportatur, jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu, għandu jniżżeġ isem il-Parti Kontraenti li tkun qed tesporta jew timporta u 'Ceuta u Melilla' fil-Kaxxa 2 taċ-ċertifikati tal-moviment EUR.1 jew EUR-MED jew fid-dikjarazzjonijiet tal-oriġini jew fuq id-dikjarazzjonijiet tal-oriġini EUR-MED. Barra minn hekk, fil-każ ta' prodotti li joriġinaw f'Ceuta u Melilla, dan għandu jiġi indikat fil-Kaxxa 4 taċ-ċertifikati tal-moviment EUR.1 jew EUR-MED jew fid-dikjarazzjonijiet tal-oriġini jew fuq id-dikjarazzjonijiet tal-oriġini EUR-MED.

4. L-awtoritajiet doganali Spanjoli għandhom ikunu responsabbli mill-applikazzjoni ta' din il-Konvenzjoni f'Ceuta u Melilla.

ANNESS VI

DIKJARAZZJONI KONĠUNTA

dwar il-Prinċipat ta' Andorra

1. Prodotti li joriġinaw mill-Prinċipat ta' Andorra li jaqgħu taħt il-Kapitoli minn 25 sa 97 tas-Sistema Armonizzata għandhom ikunu aċċettati mill-Partijiet Kontraenti, ħlief l-Unjoni Ewropea, bħala li joriġinaw fl-Unjoni Ewropea skont it-tifsira ta' din il-Konvenzjoni.

2. Il-Konvenzjoni għandha tapplika *mutatis mutandis* għall-fini li jiġi ddefinit l-istejtus tal-oriġini tal-prodotti hawn fuq imsemmijin.

ANNESS VII

DIKJARAZZJONI KONĠUNTA

dwar ir-Repubblika ta' San Marino

1. Prodotti li joriġinaw fir-Repubblika ta' San Marino għandhom ikunu aċċettati mill-Partijiet Kontraenti, ħlief l-Unjoni Ewropea, bħala li joriġinaw fl-Unjoni Ewropea skont it-tifsira ta' din il-Konvenzjoni.

2. Il-Konvenzjoni għandha tapplika *mutatis mutandis* għall-fini li jiġi ddefinit l-istejtus tal-oriġini tal-prodotti hawn fuq imsemmijin.

ANNESS VIII

Kummerċ bejn ir-Repubblika tat-Turkija u l-pajjiżi parteċipanti fil-Proċess ta'
Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni

Artikolu 1

Il-prodotti elenkti hawn taħt għandhom jiġu esklużi mill-akkumulazzjoni li jipprovd iċċaliha l-Artikolu 3 tal-Appendiċi I, jekk:

a) il-pajjiż tad-destinazzjoni aħħarija jkun ir-Repubblika tat-Turkija, u:

- (i) il-materjali użati fil-manifattura ta' dawn il-prodotti jkunu oriġinaw fi kwalunkwe wieħed mill-pajjiżi parteċipanti fil-Proċess ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni; jew
- (ii) dawn il-prodotti jkunu kisbu l-oriġini tagħhom fuq il-bażi ta' xogħol jew ipproċessar li jkun sar fi kwalunkwe wieħed mill-pajjiżi parteċipanti fil-Proċess ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni;

jew

b) il-pajjiż tad-destinazzjoni aħħarija jkun kwalunkwe wieħed mill-pajjiżi parteċipanti fil-Proċess ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni, u:

- (i) il-materjali użati fil-manifattura ta' dawn il-prodotti jkunu joriġinaw fir-Repubblika tat-Turkija; jew
- (ii) dawn il-prodotti jkunu kisbu l-oriġini tagħhom fuq il-bażi ta' xogħol jew ipproċessar imwettqin fir-Repubblika tat-Turkija.

Kodiċi tan-NM	Deskrizzjoni
1704 90 99	Prodotti tal-ħelu taz-zokkor, li ma jkunx fihom kawkaw
1806 10 30	Ċikkulata u preparati oħra tal-ikel li fihom il-kawkaw
1806 10 90	<ul style="list-style-type: none">- Trab tal-kawkaw, li fih zokkor jew xi sustanza oħra ta' ħlewwa miżjud:– Li fihom 65 % jew aktar iżda inqas minn 80 % tal-piż sukrows (inkluż zokkor maqlub (invert) magħruf bħala sukrows) jew isoglukows imfisser bħala sukrows– Li fihom 80 % jew aktar tal-piż sukrows (inkluż zokkor maqlub (invert) magħruf bħala sukrows) jew isoglukows imfisser bħala sukrows
1806 20 95	<ul style="list-style-type: none">- Preparati oħra fi blokok jew ċangaturi jew biċċiet li jiżnu aktar minn 2 kg jew fforma likwidha, pejst, trab, granulat jew xi forma oħra fil-kwantità fkontenituri jew ippakkjati għall-konsum, b'kontenut ta' aktar

Kodiċi tan-NM	Deskrizzjoni
	<p>minn 2 kg</p> <ul style="list-style-type: none"> -- Oħrajn --- Oħrajn
1901 90 99	<p>Estratt tax-xgħir, preparazzjonijiet tal-ikel tad-dqiq, xgħir u barli mitħun oħxon, nuġġala, lamtu jew estratt tax-xgħir, li ma fihx trab tal-kakaw anqas minn 40% tal-piż ikkalkulat fuq bażi totalment mingħajr xaħam, mhux spċifikat x'imkien ieħor jew inkluż, preparazzjoni tal-ikel ta' oġġett tal-intestatura 0401 sa 0404, li ma fihx kakaw jew li fih anqas minn 5% tal-piż tal-kakaw illalkulat fuq bażi totalment mingħajr xaħam, mhux spċifikat x'imkien ieħor</p> <ul style="list-style-type: none"> - Oħrajn -- Oħrajn (ħlief estratt tax-xgħir) --- Oħrajn
2101 12 98	Preparati oħrajn b'bażi ta' kafè
2101 20 98	Preparati oħrajn b'bażi ta' tè jew matè
2106 90 59 ⁽¹⁾	<p>Preparati tal-ikel mhux imsemmija jew inklużi band'oħra</p> <ul style="list-style-type: none"> - Oħrajn -- Oħrajn
2106 90 98	<p>Preparati tal-ikel mhux imsemmija jew inklużi band'oħra:</p> <ul style="list-style-type: none"> - Oħrajn (minbarra konċentrati ta' proteina u sustanzi ta' proteina b'konsistenza) -- Oħrajn --- Oħrajn
3302 10 29	<p>Taħlit ta'sustanzi bir-riħa u taħlit (inklużi soluzzjonijiet alkoħoliċi) b'bażi ta'waħda jew aktar minn dawn is-sustanzi, ta'tip użati bħala materja prima fl-industrija; preparati oħrajn ibbażati fuq sustanzi bir-riħa, ta' tip użati għall-manifattura ta' xarbiet:</p> <ul style="list-style-type: none"> - Ta' tip użat fl-industriji tal-ikel jew tax-xorb -- Tat-tip użat fl-industriji tax-xarbiet: --- Preparazzjonijiet li fihom is-sustanzi kollha li jagħtu t-togħma

Kodiċi tan-NM	Deskrizzjoni
	<p>karatteristika ta' xarba:</p> <p>----B'saħħa alkoħolika attwali bil-volum aktar minn 0.5 %</p> <p>----Oħrajn:</p> <p>-----Li ma fihomx sustanzi grassi tal-ħalib, zokkorosju, isoglukosju, glukosju jew lamtu jew li, bil-piż, fihom anqas minn 1.5% sustanza grassa tal-ħalib, 5% zokkorosju jew isoglukosju, 5% glukosju jew lamtu</p> <p>-----Oħrajn</p>

⁽¹⁾ Dan il-prodott m'għandux jiġi eskuż mill-akkumulazzjoni msemmija fl-Artikolu 1 ta' dan l-Anness fil-kummerċ preferenzjali bejn ir-Repubblika tat-Turkija u dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja.

ANNESS IX

Kummerċ bejn ir-Repubblika tat-Turkija u r-Renju tal-Marokk

Artikolu 1

Il-prodotti li jkunu kisbu l-oriġini tagħhom permezz tal-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet maħsubin f'dan l-Anness għandhom jiġu eskuži mill-akkumulazzjoni kif imsemmi fl-Artikolu 3 tal-Appendiċi I.

Artikolu 2

Akkumulazzjoni fit-Turkija

Bl-għan li jiġi implementat l-Artikolu 2(1)(b) tal-Appendiċi I, xogħol jew ipproċessar imwettaq fil-Marokk, fl-Alġerija jew fit-Tunezja għandu jitqies bħala li jkun twettaq fit-Turkija meta l-prodotti miksubin jgħaddu minn xogħol jew ipproċessar sussegwenti fit-Turkija. Fil-każ fejn, skont din id-dispożizzjoni, il-prodotti orīginarji jinkisbu fi tnejn jew aktar mill-pajjiżi konċernati, għandhom jitqiesu li jorġinaw fit-Turkija fil-każ biss jekk ix-xogħol jew l-ipproċessar ikun imur lil hinn mix-xogħliljet imsemmijin fl-Artikolu 6 tal-Appendiċi I.

Artikolu 3

Akkumulazzjoni fil-Marokk

Bl-għan li jiġi implementat l-Artikolu 2(1)(b) tal-Appendiċi I, xogħol jew ipproċessar imwettaq fit-Turkija, fl-Alġerija jew fit-Tunezja għandu jitqies bħala li jkun twettaq fil-Marokk meta l-prodotti miksubin jgħaddu minn xogħol jew ipproċessar sussegwenti fil-Marokk. Fil-każ fejn, skont din id-dispożizzjoni, il-prodotti orīginarji jinkisbu fi tnejn jew aktar mill-pajjiżi konċernati, għandhom jitqiesu li jorġinaw mill-Marokk fil-każ biss jekk ix-xogħol jew l-ipproċessar ikun imur lil hinn mix-xogħliljet imsemmijin fl-Artikolu 6 tal-Appendiċi I.

Artikolu 4

Provi tal-oriġini

1. Mingħajr ħsara għall-Artikolu 16 (4) u (5) tal-Appendiċi I, ċertifikat tal-moviment EUR.1 għandu jinħareġ mill-awtoritajiet doganali tat-Turkija jew tal-Marokk jekk il-prodotti kkonċernati jkunu jistgħu jitqiesu bħala prodotti li jorġinaw fit-Turkija jew fil-Marokk, bl-applikazzjoni tal-akkumulazzjoni msemmija fl-Artikoli 2 u 3 ta' dan l-Anness, u jkunu jiissodisfaw ir-rekwiżiti l-oħrajn tal-Appendiċi I ta' ma' din il-Konvenzjoni.

2. Mingħajr ħsara għall-Artikolu 21 (2) u (3) tal-Appendiċi I, dikjarazzjoni tal-oriġini tista' ssir jekk il-prodotti kkonċernati jkunu jistgħu jitqiesu bħala prodotti li jorġinaw fit-Turkija jew fil-Marokk, bl-applikazzjoni tal-akkumulazzjoni msemmija fl-Artikoli 2 u 3 ta' dan l-Anness, u jkunu jiissodisfaw ir-rekwiżiti l-oħrajn tal-Appendiċi I ta' ma' din il-Konvenzjoni.

Dikjarazzjoni tal-fornitur

1. Meta jinħareġ ċertifikat tal-moviment EUR.1, jew issir dikjarazzjoni tal-oriġini, fit-Turkija jew fil-Marokk għal prodotti oriġinarji, li fil-manifattura tagħhom jintużaw oġġetti li jkunu ġejjin mill-Alġerija, mill-Marokk, mit-Tuneżija jew mit-Turkija li jkun sarilhom xogħol jew ipproċessar f'dawn il-pajjiżi mingħajr ma jkunu kisbu stejtus oriġinarju preferenzjali, id-dikjarazzjoni tal-fornitur mogħtija fuq dawn il-prodotti għandha tittieħed inkunsiderazzjoni skont dan l-Artikolu.

2. Id-dikjarazzjoni tal-fornitur imsemmija fil-paragrafu 1 għandha sservi bħala prova tax-xogħol jew ipproċessar li għaliex ikunu ġew sottopost i-l-oġġetti kkonċernati fl-Alġerija, fil-Marokk, fit-Tuneżija jew fit-Turkija bil-għan li jiġi ddeterminat jekk il-prodotti li fil-manifattura tagħhom ikunu ntużaw dawn l-oġġetti jkunux jistgħu jitqiesu bħala prodotti li joriġinaw fit-Turkija jew fil-Marokk u jekk ikunux jissodisfaw ir-rekwiżiti l-oħrajn tal-Appendiċi I ta' ma' din il-Konvenzjoni.

3. Dikjarazzjoni separata tal-fornitur għandha, ħlief f'każijiet previsti fil-paragrafu 4, tīgħi mfassla mill-fornitur għal kull konsenza ta' oġġetti fil-forma preskritta fl-Anness C fuq folja tal-karta annessa mal-fattura, man-nota tal-kunsinna jew ma' kwalunkwe dokument kummerċjali ieħor li jiddeskrivi l-oġġetti kkonċernati b'bizzżejjed dettall sabiex ikunu jistgħu jiġi identifikati.

4. Fil-każijiet fejn fornitur jipprovdi regolarmen lil klijent partikouari b'oġġetti li x-xogħol jew ipproċessar li jkunu għaddew minnu fl-Alġerija, fil-Marokk, fit-Tuneżija jew fit-Turkija jkun mistenni jibqa' kostanti għal perjodi konsiderevoli ta' żmien, dan jista' jipprovdi dikjarazzjoni tal-fornitur waħda sabiex tkopri kunsinni sussegwenti ta' dawk l-oġġetti, minn issa 'l quddiem imsejħa 'dikjarazzjoni tal-fornitur għal medda twila ta' żmien'.

Dikjarazzjoni ta' fornitur għal medda twila ta' żmien normalament tista' tkun valida għal perjodu massimu ta' sena mid-data tat-tfassil tad-dikjarazzjoni. L-awtoritajiet doganali tal-pajjiż fejn titfassal id-dikjarazzjoni jistipulaw il-kundizzjonijiet li taħthom jistgħu jintużaw perjodi itwal.

Id-dikjarazzjoni tal-fornitur għal medda twila ta' żmien għandha titfassal fil-forma preskritta fl-Anness D u għandha tiddeskrivi l-oġġetti kkonċernati f'bizzżejjed dettall sabiex ikunu jistgħu jiġi identifikati. Għandha tkun provduta lill-klijent konċernat qabel ma jiġi fornir bl-ewwel konsenza ta' oġġetti koperti b'din id-dikjarazzjoni jew flimkien mal-ewwel konsenza tiegħu.

Il-fornitur għandu jinforma lill-klijent tiegħu immedjatamente jekk id-dikjarazzjoni tal-fornitur għal medda twila ta' żmien ma tkunx aktar applikabbli għall-oġġetti fornuti.

5. Id-dikjarazzjoni tal-fornitur imsemmija fil-paragrafi 3 u 4 għandha tīgħi ttajpjata jew stampata f'wieħed mill-ilsna li fihom ikun tfassal il-Ftehim, skont id-dispożizzjonijiet tal-liġi nazzjonali tal-pajjiż fejn titfassal, u għandha jkollha fuqha l-firma oriġinali tal-fornitur bl-idejn. Id-dikjarazzjoni tista' ssir ukoll bil-miktub; f'tali każ, għandha tinkiteb bil-linka u bil-maħlul.

6. Il-fornitur li jfassal id-dikjarazzjoni għandu jkun lest li jippreżenta, fi kwalunkwe waqt, fuq talba tal-awtoritajiet doganali tal-pajjiż fejn issir id-dikjarazzjoni, id-dokumenti xerqin kollha li jagħtu prova li t-tagħrif mogħti f'din id-dikjarazzjoni jkun korrett.

Artikolu 6

Dokumenti ta' sostenn

Dikjarazzjoni tal-fornitur li tipprova x-xogħol jew l-ipproċessar li jkunu twettqu fit-Turkija, fit-Tunezja, fil-Marokk jew fl-Alġerija skont il-materjali użati, magħmula f'wieħed minn dawn il-pajjiżi, għandha titqies bħala dokument imsemmi fl-Artikoli 16 (3) u 21 (5) tal-Appendiċi I u fl-Artikolu 5 (6) ta' dan l-Anness użata biex tipprova li l-prodotti koperti minn ċertifikat tal-moviment EUR.1 jew minn dikjarazzjoni tal-oriġini jkunu jistgħu jitqiesu bħala prodotti li jorġiñaw fit-Turkija jew fil-Marokk u li jkunu jissodisfaw ir-rekwiżiti l-oħrajn tal-Appendiċi I ta' ma' din il-Konvenzjoni.

Artikolu 7

Żamma tad-dikjarazzjoni tal-fornitur

Il-fornitur li jfassal dikjarazzjoni tal-fornitur għandu jżomm, għal mill-anqas tliet snin, kopji tad-dikjarazzjoni u tal-fattura, noti tal-kunsinna jew kwalunkwe dokument kummerċjali ieħor li miegħu tkun annessa din id-deċiżjoni kif ukoll id-dokumenti msemmijin fl-Artikolu 5(6) ta' dan l-Anness.

Il-fornitur li jagħmel dikjarazzjoni tal-fornitur għal medda twila ta' żmien għandu jżomm, għal mill-anqas tliet snin, kopji tad-dikjarazzjoni u tal-fattura, ta' noti tal-kunsinna jew ta' kwalunkwe dokument kummerċjali ieħor li jkollu x'jaqsam mal-oġġetti koperti b'din id-dikjarazzjoni mibgħuta lill-klijent ikkonċernat kif ukoll id-dokumenti msemmijin fl-Artikolu 5 (6) ta' dan l-Anness . Il-perjodu għandu jibda mid-data tal-iskadenza tal-validità tad-dikjarazzjoni tal-fornitur għal medda twila ta' żmien.

Artikolu 8

Assistenza reċiproka

Sabiex tkun żgurata l-applikazzjoni xierqa ta' dan l-Anness, it-Turkija u l-Marokk għandhom jgħinu 'l xulxin, permezz tal-amministrazzjonijiet doganali kompetenti, fil-verifikazzjoni tal-awtentiċità taċ-ċertifikati tal-moviment EUR.1, tad-dikjarazzjonijiet tal-oriġini jew tad-dikjarazzjonijiet tal-fornitur u tal-korrettezza tal-informazzjoni mogħtija f'dawn id-dokumenti.

Artikolu 9

Verifikazzjoni tad-dikjarazzjonijiet tal-fornitur

1. Il-verifikazzjonijiet sussegwenti tad-dikjarazzjonijiet tal-fornitur jew tad-dikjarazzjonijiet tal-fornitur għal medda twila ta' żmien għandhom jitwettqu fuq bażi każwali jew kulmeta l-awtoritajiet doganali tal-pajjiż fejn ikunu tqiesu tali dikjarazzjonijiet sabiex jinħareġ ċertifikat tal-moviment EUR.1 jew sabiex titfassal

dikjarazzjoni tal-oriġini, ikollhom dubji raġonevoli fir-rigward tal-awtentiċità tad-dokument jew tal-korrettezza tal-informazzjoni mogħtija f'dan id-dokument.

2. Għall-finijiet tal-implementazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 1, l-awtoritajiet doganali tal-pajjiż imsemmi fil-paragrafu 1 għandhom jirritornaw id-dikjarazzjoni u l-fattura jew fatturi tal-fornitur, in-nota jew noti ta' kunsinna jew dokumenti kummerċjali oħrajn li jkunu jikkonċernaw ogħġetti koperti b'din id-dikjarazzjoni, lill-awtoritajiet doganali tal-pajjiż fejn tkun tfasslet din id-dikjarazzjoni, filwaqt li jagħtu, fejn ikun il-każ, ir-raġunijiet ta' sustanza jew ta' forma tat-talba għal verifikazzjoni.

Bħala sostenn tat-talba għal verifikazzjoni sussegwenti, għandhom jibagħtu kwalunkwe dokument u informazzjoni miksubin li jkunu jissuġġerixxu li l-informazzjoni mogħtija fid-dikjarazzjoni tal-fornitur tkun skorretta.

3. Il-verifikazzjoni għandha titwettaq mill-awtoritajiet doganali tal-pajjiż fejn tkun tfasslet id-dikjarazzjoni tal-fornitur. Għal dan il-għan, għandu jkollhom id-dritt li jitbolu kwalunkwe prova u jwettqu kwalunkwe ispezzjoni tal-kontijiet tal-fornitur jew kwalunkwe kontroll ieħor meqjus xieraq.

4. L-awtoritajiet doganali li jitbolu l-verifikazzjoni għandhom ikunu informati birriżultati tagħha malajr kemm jista' jkun. Dawn ir-riżultati għandhom jindikaw b'mod ċar jekk l-informazzjoni mogħtija fid-dikjarazzjoni tal-fornitur tkunx korretta u jippermettulhom jiddeterminaw jekk id-dikjarazzjoni tal-fornitur tkunx tista' titqies sabiex jinħareġ ċertifikat tal-moviment EUR.1 jew sabiex titfassal dikjarazzjoni tal-oriġini, u sa liema punt dan ikun jista' jsir.

Artikolu 10

Sanzjonijiet

Għandhom jiġu imposti penali fuq kull persuna li tfassal, jew tikkaġuna t-tfassil, ta' dokument li jkun fih tagħrif mhux korrett bil-għan li jinkiseb trattament preferenzjali għal prodotti.

Artikolu 11

Żoni liberi

1. It-Turkija u l-Marokk għandhom jieħdu l-passi kollha meħtieġin sabiex jiżguraw li prodotti nnegozjati taħt il-kopertura ta' prova tal-oriġini li waqt it-trasport jużaw żona libera li tkun tinsab fit-territorju tagħhom, ma jinbidlux b'oġġetti oħrajn u ma jsirulhomx għajnej xogħlijet normali maħsubin sabiex ma jħalluhomx jitħassru.

2. B'deroga mill-paragrafu 1, meta prodotti li joriġinaw fit-Turkija jew fil-Marokk jiġu importati f'żona libera taħt il-kopertura ta' prova tal-oriġini u jgħaddu minn trattament jew ipproċessar, l-awtoritajiet ikkonċernati għandhom joħorġu ċertifikat tal-moviment EUR.1 ġdid fuq talba tal-esportatur, jekk it-trattament jew l-ipproċessar li jkunu għaddew minnu jkun konformi mad-dispożizzjonijiet ta' din il-Konvenzjoni.

ANNESS X

Kummerċ bejn ir-Repubblika tat-Turkija u r-Repubblika tat-Tuneżija

Artikolu 1

Il-prodotti li jkunu kisbu l-oriġini tagħhom permezz tal-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet maħsubin f'dan l-Anness għandhom jiġu eskuži mill-akkumulazzjoni kif imsemmi fl-Artikolu 3 tal-Appendiċi I.

Artikolu 2

Akkumulazzjoni fit-Turkija

Bl-għan li jiġi implementat l-Artikolu 2(1)(b) tal-Appendiċi I, xogħol jew ipproċessar imwettaq fil-Marokk, fl-Alġerija jew fit-Tuneżija għandu jitqies bħala li jkun twettaq fit-Turkija meta l-prodotti miksubin jgħaddu minn xogħol jew ipproċessar sussegwenti fit-Turkija. Fil-każ fejn, skont din id-dispożizzjoni, il-prodotti orīginarji jinkisbu fi tnejn jew aktar mill-pajjiżi konċernati, għandhom jitqiesu li jorīginaw fit-Turkija fil-każ biss jekk ix-xogħol jew l-ipproċessar ikun imur lil hinn mix-xogħliljet imsemmijin fl-Artikolu 6 tal-Appendiċi I.

Artikolu 3

Akkumulazzjoni fit-Tuneżija

Bl-għan li jiġi implementat l-Artikolu 2(1)(b) tal-Appendiċi I, xogħol jew ipproċessar imwettaq fit-Turkija, fil-Marokk jew fl-Alġerija għandu jitqies bħala li jkun twettaq fit-Tuneżija meta l-prodotti miksubin jgħaddu minn xogħol jew ipproċessar sussegwenti fit-Tuneżija. Fil-każ fejn, skont din id-dispożizzjoni, il-prodotti orīginarji jinkisbu fi tnejn jew aktar mill-pajjiżi kkonċernati, għandhom jitqiesu li jorīginaw fit-Tuneżija fil-każ biss jekk ix-xogħol jew l-ipproċessar ikun imur lil hinn mix-xogħliljet imsemmijin fl-Artikolu 6 tal-Appendiċi I.

Artikolu 4

Provi tal-oriġini

1. Mingħajr ħsara għall-Artikolu 16 (4) u (5) tal-Appendiċi I, ċertifikat tal-moviment EUR.1 għandu jinħareġ mill-awtoritajiet doganali tat-Turkija jew tat-Tuneżija jekk il-prodotti kkonċernati jkunu jistgħu jitqiesu bħala prodotti li jorīginaw fit-Turkija jew fit-Tuneżija, bl-applikazzjoni tal-akkumulazzjoni msemmija fl-Artikoli 2 u 3 ta' dan l-Anness, u jkunu jissodisfaw ir-rekwiżi l-oħrajn tal-Appendiċi I ta' ma' din il-Konvenzjoni.

2. Mingħajr ħsara għall-Artikolu 21 (2) u (3) tal-Appendiċi I, dikjarazzjoni tal-oriġini tista' ssir jekk il-prodotti kkonċernati jkunu jistgħu jitqiesu bħala prodotti li jorīginaw fit-Turkija jew fit-Tuneżija, bl-applikazzjoni tal-akkumulazzjoni msemmija fl-Artikoli 2 u 3 ta' dan l-Anness, u jkunu jissodisfaw ir-rekwiżi l-oħrajn tal-Appendiċi I ta' ma' din il-Konvenzjoni.

Dikjarazzjoni tal-fornitur

1. Meta jinħareġ ċertifikat tal-moviment EUR.1, jew issir dikjarazzjoni tal-oriġini, fit-Turkija jew fit-Tuneżija għal prodotti orīginarji, li fil-manifattura tagħhom ikunu ntużaw ogħġetti li jkunu ġejjin mill-Alġerija, mill-Marokk, mit-Tuneżija jew mit-Turkija li jkun sarilhom xogħol jew ipproċessar f'dawn il-pajjiż mingħajr ma' jkunu kisbu stejtus orīginarju preferenzjali, id-dikjarazzjoni tal-fornitur mogħtija fuq dawn il-prodotti għandha tittieħed inkunsiderazzjoni skont dan l-Artikolu.

2. Id-dikjarazzjoni tal-fornitur imsemmija fil-paragrafu 1 għandha sservi bħala prova tax-xogħol jew l-ipproċessar li għalihi ikunu ġew sottoposti l-ogħġetti kkonċernati fl-Alġerija, fil-Marokk, fit-Tuneżija jew fit-Turkija bil-għan li jiġi determinat jekk il-prodotti li fil-manifattura tagħhom ikunu ntużaw dawn l-ogħġetti jkunux jistgħu jitqiesu bħala prodotti li joriġinaw fit-Turkija jew fit-Tuneżija u jekk ikunux jissodisfaw ir-rekwiżiti l-oħrajn tal-Appendiċi I ta' ma' din il-Konvenzjoni.

3. Dikjarazzjoni separata tal-fornitur għandha, ħlief f'każijiet previsti fil-paragrafu 4, tīgħi mfassla mill-fornitur għal kull konsenja ta' ogħġetti fil-forma preskritta fl-Anness C fuq folja tal-karta annessa mal-fattura, man-nota tal-kunsinna jew ma' kwalunkwe dokument kummerċjali ieħor li jiddeskrivi l-ogħġetti klonċernati b'bizzżejjed dettall sabiex ikunu jistgħu jiġi identifikati.

4. Fil-każijiet fejn fornitur jipprovdi regolarment lil klijent partikolari b'ogħġetti li x-xogħol jew l-ipproċessar li jkunu għaddew minnu fl-Alġerija, fil-Marokk, fit-Tuneżija jew fit-Turkija jkun mistenni jibqa' kostanti għal perjodi konsiderevoli ta' żmien, dan jista' jipprovdi dikjarazzjoni tal-fornitur waħda sabiex tkopri kunsinni sussegamenti ta' dawk l-ogħġetti, minn issa 'l quddiem imsejħa 'dikjarazzjoni tal-fornitur għal medda twila ta' żmien'.

Dikjarazzjoni tal-fornitur għal medda twila ta' żmien normalment tista' tkun valida għal perjodu massimu ta' sena mid-data tat-tfassil tad-dikjarazzjoni. L-awtoritajiet doganali tal-pajjiż fejn titfassal id-dikjarazzjoni jistipulaw il-kundizzjonijiet li taħthom jistgħu jintużaw perjodi itwal.

Id-dikjarazzjoni tal-fornitur għal medda twila ta' żmien għandha titfassal fil-forma preskritta fl-Anness D u għandha tiddeskrivi l-ogħġetti konċernati f'bizzżejjed dettall sabiex ikunu jistgħu jiġi identifikati. Għandha tkun provduta lill-klijent konċernat qabel ma jiġi fornit bl-ewwel konsenja ta' ogħġetti koperti b'din id-dikjarazzjoni jew flimkien mal-ewwel konsenja tiegħu.

Il-fornitur għandu jinforma lill-klijent tiegħu immedjatamente jekk id-dikjarazzjoni tal-fornitur għal medda twila ta' żmien ma tkunx aktar applikabbli għall-ogħġetti fornuti.

5. Id-dikjarazzjoni tal-fornitur imsemmija fil-paragrafi 3 u 4 għandha tīgħi ttajpjata jew stampata f'wieħed mill-ilsna li fihom ikun tfassal il-Ftehim, skont id-dispożizzjonijiet tal-liggi nazzjonali tal-pajjiż fejn titfassal, u għandha jkollha fuqha l-firma oriġinali tal-fornitur bl-idejn. Id-dikjarazzjoni tista' ssir ukoll bil-miktub; ftali każ, għandha tinkiteb bil-linka u bil-maħlul.

6. Il-fornitur li jfassal id-dikjarazzjoni għandu jkun lest li jippreżenta, fi kwalunkwe waqt, fuq talba tal-awtoritajiet doganali tal-pajjiż fejn issir id-dikjarazzjoni, id-dokumenti xerqin kollha li jagħtu prova li t-tagħrif mogħti f'din id-dikjarazzjoni jkun korrett.

Artikolu 6

Dokumenti ta' sostenn

Dikjarazzjoni tal-fornitur li tipprova x-xogħol jew l-ipproċessar li jkunu twettqu fit-Turkija, fit-Tunezja, fil-Marokk jew fl-Alġerija skont il-materjali użati, magħmula f'wieħed minn dawn il-pajjiżi, għandha titqies bħala dokument imsemmi fl-Artikoli 16 (3) u 21 (5) tal-Appendiċi I u fl-Artikolu 5 (6) ta' dan l-Anness użata biex tipprova li l-prodotti koperti minn ċertifikat tal-moviment EUR.1 jew minn dikjarazzjoni tal-oriġini jkunu jistgħu jitqiesu bħala prodotti li jorġinaw fit-Turkija jew fit-Tunezja u li jkunu jissodisfaw ir-rekwiżiti l-oħrajn tal-Appendiċi I ta' ma' din il-Konvenzjoni.

Artikolu 7

Żamma tad-dikjarazzjoni tal-fornitur

Il-fornitur li jfassal dikjarazzjoni tal-fornitur għandu jżomm, għal mill-anqas tliet snin, kopji tad-dikjarazzjoni u tal-fattura, tal-karti tal-konsenja jew ta' kwalunkwe dokument kummerċjali ieħor li miegħu tkun annessa din id-deċiżjoni kif ukoll id-dokumenti msemmijin fl-Artikolu 5(6) ta' dan l-Anness.

Il-fornitur li jagħmel dikjarazzjoni tal-fornitur għal medda twila ta' żmien għandu jżomm, għal mill-anqas tliet snin, kopji tad-dikjarazzjoni u ta' kull fattura, karta tal-konsenja jew kwalunkwe dokument kummerċjali ieħor li jkollu x'jaqsam mal-oġġetti koperti b'din id-dikjarazzjoni mibgħuta lill-klijent ikkonċernat kif ukoll id-dokumenti msemmijin fl-Artikolu 5 (6) ta' dan l-Anness . Il-perjodu għandu jibda mid-data tal-iskadenza tal-validità tad-dikjarazzjoni tal-fornitur għal medda twila ta' żmien.

Artikolu 8

Assistenza reċiproka

Sabiex tkun żgurata l-applikazzjoni xierqa ta' dan l-Anness, it-Turkija u t-Tunezja għandhom jgħiġu 'l xulxin, permezz tal-amministrazzjonijiet doganali kompetenti, fil-verifikazzjoni tal-awtentiċità taċ-ċertifikati tal-moviment EUR.1, tad-dikjarazzjonijiet tal-oriġini jew tad-dikjarazzjonijiet tal-fornitur u tal-korrettezza tal-informazzjoni mogħtija f'dawn id-dokumenti.

Artikolu 9

Verifikazzjoni tad-dikjarazzjonijiet tal-fornitur

1. Il-verifikazzjonijiet sussegwenti tad-dikjarazzjonijiet tal-fornitur jew tad-dikjarazzjonijiet tal-fornitur għal medda twila ta' żmien għandhom jitwettqu fuq bażi każwali jew kulmeta l-awtoritajiet doganali tal-pajjiż fejn tali dikjarazzjonijiet ikunu tqiesu sabiex jinħareġ ċertifikat tal-moviment EUR.1 jew sabiex titfassal dikjarazzjoni

tal-oriġini, ikollhom dubji raġonevoli fir-rigward tal-awtentiċità tad-dokument jew tal-korrettezza tal-informazzjoni mogħtija f'dan id-dokument.

2. Għall-finijiet tal-implementazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 1, l-awtoritajiet doganali tal-pajjiż imsemmi fil-paragrafu 1għandhom jirritornaw id-dikjarazzjoni u l-fattura jew fatturi tal-fornitur, il-karta jew karti ta' konsenja jew kull dokument ieħor li jkun jikkonċerna l-oġġetti koperti b'din id-dikjarazzjoni, lill-awtoritajiet doganali tal-pajjiż fejn tkun tfasslet id-dikjarazzjoni, filwaqt li jagħtu, fejn ikun il-każ, ir-raġunijiet ta' sustanza jew ta' forma tat-talba għal verifikazzjoni.

Bħala sostenn tat-talba għal verifikazzjoni sussegwenti, għandhom jibagħtu kwalunkwe dokument u informazzjoni miksubin li jkunu jiissu ġġerixxu li l-informazzjoni mogħtija fid-dikjarazzjoni tal-fornitur tkun skorretta.

3. Il-verifikazzjoni għandha titwettaq mill-awtoritajiet doganali tal-pajjiż fejn tkun tfasslet id-dikjarazzjoni tal-fornitur. Għal dan il-għan, għandhom ikollhom id-dritt li jitħol kwalunkwe prova u jwettqu kwalunkwe ispezzjoni tal-kontijiet tal-fornitur jew kwalunkwe kontroll ieħor meqjus xieraq.

4. L-awtoritajiet doganali li jitħol kwalunkwe l-verifikazzjoni għandhom ikunu informati birriżultati tagħha malajr kemm jista' jkun. Dawn ir-riżultati għandhom jindikaw b'mod ċar jekk l-informazzjoni mogħtija fid-dikjarazzjoni tal-fornitur tkunx korretta u jippermettulhom jiddeterminaw jekk id-dikjarazzjoni tal-fornitur tkunx tista' titqies sabiex jinħareġ ċertifikat tal-moviment EUR.1 jew sabiex titfassal dikjarazzjoni tal-oriġini, u sa liema punt dan ikun jista' jsir.

Artikolu 10

Sanzjonijiet

Għandhom jiġu imposti penali fuq kull persuna li tfassal, jew tikkäġuna t-tfassil, ta' dokument li jkun fih tagħrif mhux korrett bil-għan li jinkiseb trattament preferenzjali għal prodotti.

Artikolu 11

Żoni liberi

1. It-Turkija u t-Tuneżija għandhom jieħdu l-passi kollha meħtieġ sabiex jiżguraw li prodotti nnegozjati taħt il-kopertura ta' prova tal-oriġini li waqt it-trasport jużaw żona libera li tkun tinsab fit-territorju tagħhom, ma jinbidlux b'oġġetti oħra u ma jsirilhom xejn għajnej xogħlijet normali maħsubin sabiex ma jħalluhomx jitħassru.

2. B'deroga mill-paragrafu 1, meta prodotti li joriġinaw fit-Turkija jew fit-Tuneżija jiġu importati f'żona libera taħt il-kopertura ta' prova tal-oriġini u jgħaddu minn trattament jew ipproċessar, l-awtoritajiet ikkonċernati għandhom joħorġu ċertifikat tal-moviment EUR.1 ġdid fuq talba tal-esportatur, jekk it-trattament jew l-ipproċessar li jkunu għaddew minnu jkun konformi mad-dispożizzjonijiet ta' din il-Konvenzjoni.

ANNESS XI

Kummerċ bejn l-Istati tal-EFTA u r-Repubblika tat-Tuneżija

Artikolu 1

Il-prodotti li jkunu kisbu l-oriġini permezz tal-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet maħsubin f'dan l-Anness għandhom jiġu eskuži mill-akkumulazzjoni kif imsemmi fl-Artikolu 3 tal-Appendiċi I.

Artikolu 2

Akkumulazzjoni fi Stat tal-EFTA

Bl-għan li jiġi implementat l-Artikolu 2(1)(b) tal-Appendiċi I, xogħol jew ipproċessar imwettaq fit-Tunezja għandu jitqies bħala li jkun twettaq fi Stat tal-EFTA meta l-prodotti miksubin jgħaddu minn xogħol jew ipproċessar sussegwenti fi Stat tal-EFTA. Fil-każ fejn, skont din id-dispożizzjoni, il-prodotti oriġinarji jinkisbu fi tnejn jew aktar mill-Partijiet ikkonċernati, għandhom jitqiesu bħala li joriġinaw fi Stat tal-EFTA fil-każ biss li x-xogħol jew l-ipproċessar ikun imur lil hinn mix-xogħliljet imsemmijin fl-Artikolu 6 tal-Appendiċi I.

Artikolu 3

Akkumulazzjoni fit-Tunezja

Bl-għan li jiġi implementat l-Artikolu 2(1)(b) tal-Appendiċi I, xogħol jew ipproċessar imwettaq fl-Istati tal-EFTA għandu jitqies bħala li jkun twettaq fit-Tunezja meta l-prodotti miksubin jgħaddu minn xogħol jew ipproċessar sussegwenti fit-Tunezja. Fil-każ fejn, skont din id-dispożizzjoni, il-prodotti oriġinarji jinkisbu fi tnejn jew aktar mill-Partijiet ikkonċernati, għandhom jitqiesu bħala li joriġinaw fit-Tunezja fil-każ biss li x-xogħol jew l-ipproċessar ikun imur lil hinn mix-xogħliljet imsemmijin fl-Artikolu 6 tal-Appendiċi I.

Artikolu 4

Provi tal-oriġini

1. Mingħajr īxsara għall-Artikolu 16 (4) u (5) tal-Appendiċi I, ċertifikat tal-moviment EUR.1 għandu jinħareġ mill-awtoritajiet doganali ta' Stat tal-EFTA jew tat-Tunezja jekk il-prodotti kkonċernati jkunu jistgħu jitqiesu bħala prodotti li joriġinaw fi Stat tal-EFTA jew fit-Tunezja, bl-applikazzjoni tal-akkumulazzjoni msemmija fl-Artikoli 2 u 3 ta' dan l-Anness, u jkunu jissodisfaw ir-rekwiżiti l-oħrajn tal-Appendiċi I ta' ma' din il-Konvenzjoni.

2. Mingħajr īxsara għall-Artikolu 21 (2) u (3) tal-Appendiċi I, dikjarazzjoni tal-oriġini tista' ssir jekk il-prodotti kkonċernati jkunu jistgħu jitqiesu bħala prodotti li joriġinaw fi Stat tal-EFTA jew fit-Tunezja, bl-applikazzjoni tal-akkumulazzjoni msemmija fl-Artikoli 2 u 3 ta' dan l-Anness, u jkunu jissodisfaw ir-rekwiżiti l-oħrajn tal-Appendiċi I ta' ma' din il-Konvenzjoni.

Dikjarazzjoni tal-fornitur

1. Meta jinħareġ ċertifikat tal-moviment EUR.1, jew issir dikjarazzjoni tal-oriġini, fi Stat tal-EFTA jew fit-Tuneżija, għal prodotti oriġinarji, li fil-manifattura tagħhom ikunu ntużaw oġġetti li jkunu ġejjin mit-Tuneżija jew mill-Istati tal-EFTA li jkunu ġew sottoposti għal xogħol jew ipproċessar f'dawn il-pajjiż mingħajr ma jkunu kisbu stejtus oriġinarju preferenzjali, għandu jingħata kas tad-dikjarazzjoni tal-fornitur mogħtija firrigward ta' dawn il-prodotti skont dan l-Artikolu.

2. Id-dikjarazzjoni tal-fornitur imsemmija fil-paragrafu 1 għandha sservi bħala prova tax-xogħol jew l-ipproċessar li għalihi ikunu ġew sottoposti l-oġġetti konċernati fit-Tuneżija jew fl-Istati tal-EFTA bil-ġhan li jiġi determinat jekk il-prodotti li fil-manifattura tagħhom ikunu ntużaw dawn l-oġġetti jkunux jistgħu jitqiesu bħala prodotti li jorġinaw fl-Istati tal-EFTA jew fit-Tuneżija u jekk ikunux jissodisfaw ir-rekwiżiti l-oħrajn tal-Appendiċi I.

3. Dikjarazzjoni separata tal-fornitur għandha, ħlief f'każijiet previsti fil-paragrafu 4, timtela mill-fornitur għal kull konsenja ta' oġġetti fil-forma preskritta fl-Anness E fuq folja tal-karta annessa mal-fattura, mal-karta tal-konsenja jew ma' kwalunkwe dokument kummerċjali ieħor li jiddeskrivi l-oġġetti kkonċernati b'bizzżejjed dettall b'tali mod li jkunu jistgħu jiġi identifikati.

4. Fil-każijiet fejn fornitur li jipprovd regolarmen lil klijent partikolari b'oġġetti li x-xogħol jew ipproċessar li jkunu għaddew minnu fit-Tuneżija jew fl-Istati tal-EFTA jkun mistenni jibqa' kostanti għal perjodi konsiderevoli ta' żmien, dan jista' jipprovd id-dikjarazzjoni tal-fornitur waħda sabiex tkopri konsenji sussegwenti ta' dawk l-oġġetti, minn issa 'l-quddiem imsejħa 'dikjarazzjoni tal-fornitur għal medda twila ta' żmien'.

Dikjarazzjoni tal-fornitur għal medda twila ta' żmien normalament tista' tkun valida għal perjodu massimu ta' sena mid-data tat-tfassil tad-dikjarazzjoni. L-awtoritajiet doganali tal-pajjiż fejn titfassal id-dikjarazzjoni jistipulaw il-kundizzjonijiet li taħthom jistgħu jintużaw perjodi itwal.

Id-dikjarazzjoni tal-fornitur għal medda twila ta' żmien għandha titfassal fil-forma preskritta fl-Anness F u għandha tiddeskrivi l-oġġetti kkonċernati f'bizzżejjed dettall sabiex ikunu jistgħu jiġi identifikati. Għandha tkun provduta lill-klijent konċernat qabel ma jiġi fornit bl-ewwel konsenja ta' oġġetti koperti b'din id-dikjarazzjoni jew flimkien mal-ewwel konsenja tiegħu.

Il-fornitur għandu jinforma lill-klijent tiegħu immedjatament jekk id-dikjarazzjoni tal-fornitur għal medda twila ta' żmien ma tkunx aktar applikabbli għall-oġġetti fornuti.

5. Id-dikjarazzjoni tal-fornitur imsemmija fil-paragrafi 3 u 4 għandha tiġi ttajpjata jew stampata f'wieħed mill-ilsna li fihom ikun tfassal il-Ftehim, skont id-dispożizzjonijiet tal-liġi nazzjonali tal-pajjiż fejn titfassal, u għandu jkollha fuqha l-firma oriġinali tal-fornitur bl-idejn. Id-dikjarazzjoni tista' ssir ukoll bil-miktub; ftali każ, għandha tinkiteb bil-linka u bil-maħlul.

6. Il-fornitur li jfassal id-dikjarazzjoni għandu jkun lest li jippreżenta, fi kwalunkwe waqt, fuq talba l-awtoritajiet doganali tal-pajjiż fejn issir id-dikjarazzjoni, id-dokumenti xerqin kollha li jagħtu prova li t-tagħrif mogħti f'din id-dikjarazzjoni jkun korrett.

Artikolu 6

Dokumenti ta' sostenn

Dikjarazzjoni tal-fornitur li tipprova x-xogħol jew l-ipproċessar li jkunu twettqu fl-Istati tal-EFTA jew fit-Tuneżija skont il-materjali użati, magħmula f'wieħed minn dawn il-pajjiżi, għandha titqies bħala dokument imsemmi fl-Artikoli 16 (3) u 21 (5) tal-Appendiċi I u fl-Artikolu 5 (6) ta' dan l-Anness użata biex tipprova li l-prodotti koperti minn ċertifikat tal-moviment EUR.1 jew minn dikjarazzjoni tal-oriġini jkunu jistgħu jitqiesu bħala prodotti li joriġinaw fi Stat tal-EFTA jew fit-Tuneżija u li jkunu jissodisfaw ir-rekwiżiti l-oħrajn tal-Appendiċi I.

Artikolu 7

Żamma tad-dikjarazzjoni tal-fornitur

Il-fornitur li jfassal dikjarazzjoni tal-fornitur għandu jżomm, għal mill-anqas tliet snin, kopji tad-dikjarazzjoni u tal-fattura, ta' karti tal-konsenja jew ta' kwalunkwe dokument kummerċjali ieħor li miegħu tkun annessa din id-dikjarazzjoni kif ukoll id-dokumenti msemmijin fl-Artikolu 5(6) ta' dan l-Anness.

Il-fornitur li jagħmel dikjarazzjoni tal-fornitur għal medda twila ta' żmien għandu jżomm, għal mill-anqas tliet snin, kopji tad-dikjarazzjoni u ta' kull fattura, karta tal-konsenja jew kwalunkwe dokument kummerċjali ieħor li jkollu x'jaqsam mal-oġġetti koperti b'din id-dikjarazzjoni mibgħuta lill-klijent ikkonċernat kif ukoll id-dokumenti msemmijin fl-Artikolu 5 (6) ta' dan l-Anness . Il-perjodu għandu jibda mid-data tal-iskadenza tal-validità tad-dikjarazzjoni tal-fornitur għal medda twila ta' żmien.

Artikolu 8

Assistenza reċiproka

Sabiex tkun żgurata l-applikazzjoni xierqa ta' dan l-Anness, l-Istati tal-EFTA u t-Tuneżija għandhom jgħinu 'l xulxin, permezz tal-amministrazzjonijiet doganali kompetenti, fil-verifikazzjoni tal-awtencititac taċ-ċertifikati tal-moviment EUR.1, tad-dikjarazzjonijiet tal-oriġini jew tad-dikjarazzjonijiet tal-fornitur u tal-korrettezza tal-informazzjoni mogħtija f'dawn id-dokumenti.

Artikolu 9

Verifikazzjoni tad-dikjarazzjonijiet tal-fornitur

1. Verifikazzjonijiet sussegwenti tad-dikjarazzjonijiet tal-fornitur jew tad-dikjarazzjonijiet tal-fornitur għal medda twila ta' żmien jistgħu jitwettqu fuq bażi każwali jew kulmeta l-awtoritajiet doganali tal-pajjiż fejn tali dikjarazzjonijiet ikunu tqiesu sabiex jinħareġ ġertifikat tal-moviment EUR.1 jew sabiex tinħareġ dikjarazzjoni tal-oriġini,

ikollhom dubji rāgonevoli fir-rigward tal-awtentiċità tad-dokument jew tal-korrettezza tal-informazzjoni mogħtija f'dan id-dokument.

2. Għall-finijiet tal-implementazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 1, l-awtoritajiet doganali tal-pajjiż imsemmi fil-paragrafu 1 għandhom jirritornaw id-dikjarazzjoni u l-fattura jew fatturi tal-fornitur, il-karta jew karti tal-konsenja jew kull dokument ieħor li jkun jikkonċerna ogħġetti koperti b'din id-dikjarazzjoni, lill-awtoritajiet doganali tal-pajjiż fejn tkun tfasslet din id-dikjarazzjoni, filwaqt li jagħtu, fejn ikun il-każ, ir-raġunijiet ta' sustanza jew ta' forma tat-talba għal verifikazzjoni.

Bħala sostenn tat-talba għal verifikazzjoni sussegwenti, għandhom jibagħtu kwalunkwe dokument u informazzjoni miksubin li jkunu jissuġġerixxu li l-informazzjoni mogħtija fid-dikjarazzjoni tal-fornitur tkun skorretta.

3. Il-verifikazzjoni għandha titwettaq mill-awtoritajiet doganali tal-pajjiż fejn tkun tfasslet id-dikjarazzjoni tal-fornitur. Għal dan il-għan, għandhom ikollhom id-dritt li jitħol kwalunkwe prova u jwettqu kwalunkwe ispezzjoni tal-kontijiet tal-fornitur jew kwalunkwe kontroll ieħor meqjus xieraq.

4. L-awtoritajiet doganali li jitħol kwalunkwe l-verifikazzjoni għandhom ikunu informati birriżultati tagħha malajr kemm jista' jkun. Dawn ir-riżultati għandhom jindikaw b'mod ċar jekk l-informazzjoni mogħtija fid-dikjarazzjoni tal-fornitur tkunx korretta u jippermettulhom jiddeterminaw jekk id-dikjarazzjoni tal-fornitur ikunux jistgħu jitqiesu sabiex jinħareġ ġertifikat tal-moviment EUR.1 jew sabiex titfassal dikjarazzjoni tal-oriġini, u sa liema punt dan ikun jista' jsir.

Artikolu 10

Sanzjonijiet

Għandhom jiġu imposti penali fuq kull persuna li tfassal, jew tikkäġuna t-tfassil, ta' dokument li jkun fih tagħrif mhux korrett bil-għan li jinkiseb trattament preferenzjali għal prodotti.

Artikolu 11

Żoni liberi

1. L-Istati tal-EFTA u t-Tuneżija għandhom jieħdu l-passi kollha meħtieġin sabiex jiżguraw li prodotti kummerċjalizzati taħt il-kopertura ta' prova tal-oriġini, li waqt it-trasport jużaw żona libera li tkun tinsab fit-territorju tagħhom, ma jinbidlux b'oġġetti oħrajn u ma jsirilhom xejn għajnej xogħliljet normali maħsuben sabiex ma jħalluhomx jitħassru.

2. B'deroga mill-paragrafu 1, meta prodotti li joriġinaw fi Stat tal-EFTA jew fit-Tuneżija jiġu importati f'żona libera taħt il-kopertura ta' prova tal-oriġini u jgħaddu minn trattament jew ipproċessar, l-awtoritajiet ikkonċernati għandhom joħorġu ġertifikat tal-moviment EUR.1 ġdid fuq talba tal-esportatur, jekk it-trattament jew l-ipproċessar li jkunu għaddew minnu jkun konformi mad-dispożizzjonijiet ta' din il-Konvenzjoni.

ANNESS XII

Kummerċ fil-qafas tal-ftehim ta' kummerċ ħieles bejn il-Pajjiżi Għarab tal-Mediterran (il-Ftehim Agadir)

Prodotti miksubin fil-pajjiżi membri tal-ftehim dwar kummerċ ħieles fost il-pajjiżi Għarab tal-Mediterran (il-Ftehim Agadir) minn materjali mill-kapitoli minn 1 sa 24 tas-Sistema Armonizzata huma esklużi mill-akkumulazzjoni diAGONALI mal-partijiet kontraenti l-oħrajn, meta l-kummerċ għal dawn il-materjali ma jkunx liberalizzat fil-qafas tal-ftehimiet ta' kummerċ ħieles konklużi bejn il-pajjiż tad-destinazzjoni aħħarija u l-pajjiż tal-oriġini tal-materjali użati għall-manifattura ta' dan il-prodott.

ANNESS A

Dikjarazzjoni tal-fornitur għal prodotti li fuqhom ikun sar xogħol jew ipproċessar fl-Unjoni Ewropea, fl-Alġerija, fil-Marokk jew fit-Tunežja mingħajr ma jkunu kisbu stejtus orīginarju preferenzjali

Id-dikjarazzjoni tal-fornitur, li t-test tagħha jidher hawn taħt, għandha titfassal skont in-noti ta' qiegħ il-paġna. Madankollu, in-noti ta' qiegħ il-paġna m'għandhomx għalfejn ikunu riprodotti.

DIKJARAZZJONI TAL-FORNITUR

għal prodotti li fuqhom ikun sar xogħol jew ipproċessar fl-Unjoni Ewropea, fl-Alġerija, fil-Marokk jew fit-Tunežja mingħajr ma jkunu kisbu stejtus orīginarju preferenzjali

Jien, hawn taħt iffírmat, fornitur tal-prodotti koperti mid-dokument anness, niddikjara li:

1. Il-materjali segamenti, li ma jorīginawx mill-Unjoni Ewropea, mill-Alġerija, mill-Marokk jew mit-Tunežja, intużaw fl-Unjoni Ewropea, fl-Alġerija, fil-Marokk jew fit-Tunežja sabiex jiġi prodotti dawn l-oġġetti:

Deskrizzjoni tal-oġġetti forniti ⁽¹⁾	Deskrizzjoni tal-materjali mhux orīginarji użati	Intestatura tal-materjali mhux orīginarji użati ⁽²⁾	Valur tal-materjali mhux orīginarji użati ⁽²⁾⁽³⁾
Total			

2. Il-materjali l-oħrajn kollha użati fl-Unjoni Ewropea, fl-Alġerija, fil-Marokk jew fit-Tunežja sabiex jiġi prodotti dawn l-oġġetti jorīginaw fl-Unjoni Ewropea, fl-Alġerija, fil-Marokk jew fit-Tunežja;

3. L-oġġetti segamenti sarilhom xogħol jew ipproċessar barra mill-Unjoni Ewropea, l-Alġerija, il-Marokk jew it-Tunežja skont l-Artikolu 11 tal-Appendiċi I ta' ma' din il-Konvenzjoni u kisbu hemmhekk il-valur miżjud totali li ġej:

Deskrizzjoni tal-oġġetti forniti	Valur miżjud totali miksub barra l-Unjoni Ewropea, il-Marokk jew it-Tunežja ⁽⁴⁾

	(Post u data)
	(Indirizz u firma tal-fornitur; addizzjonalment isem il-persuna li tiffirma d-dikjarazzjoni għandu jkun indikat b'kitba ċara)

⁽¹⁾ Meta l-fattura, il-karta tal-konsenza jew xi dokument kummerċjali ieħor li magħhom tkun annessa d-dikjarazzjoni jirreferu għal tipi differenti ta' oġġetti, jew għal oġġetti li ma jinkorporawx daqstant materjali mhux oriġinarji, il-fornitur għandu jagħmel distinzjoni ċara bejniethom.

Eżempju:

Id-dokument jirriferi għal mudelli differenti ta' mutur elettriku tal-intestatura 8501 sabiex jintużaw fil-manifattura ta' magni tal-ħasil tal-ħwejjeġ tal-intestura 8540. In-natura u l-valur tal-materjali mhux oriġinarji użati fil-manifattura ta' dawn il-muturi jvarjaw minn mudell għal ieħor. Għandha għalhekk issir distinzjoni bejn il-mudelli fl-ewwel kolonna, u l-indikazzjonijiet fil-kolonnei l-oħra għandhom jiġu provdu separatament għal kull wieħed mill-mudelli sabiex ikun possibbli li l-manifattur tal-magni tal-ħasil tal-ħwejjeġ jagħmel valutazzjoni korretta tal-istatus oriġinarju tal-prodotti tiegħu skont il-mudell ta' mutur elettriku li juża.

⁽²⁾ L-indikazzjonijiet mitlubin f'dawn il-kolonnei għandhom jingħataw biss jekk ikun hemm bżonn.

Eżempji:

Ir-regola għall-ilbies tal-ex Kapitolo tgħid li jista' jintuża ħajt mhux oriġinarju. Jekk manifattur ta' tali lbies fl-Alġerija juża drapp importat mill-Unjoni Ewropea li hemmhekk kien miksub minn insiġ ta' ħajt mhux oriġinarju, ikun bizzarejjed għall-fornitur tal-Unjoni Ewropea li jiddeskrivi fid-dikjarazzjoni tiegħu l-materjal mhux oriġinarju użat bħala ħajt, mingħajr il-ħtieġa li jindika l-intestatura u l-valur ta' tali ħajt.

Produttur tal-ħadid tal-intestatura 7217 li pproċuwa l-ħadid minn vireg tal-ħadid mhux oriġinarji għandu jindika fit-tieni kolonna "vireg tal-ħadid". Fejn dawn il-vireg għandhom jintużaw fil-produzzjoni ta' magna, li għaliha r-regola tħinkludi limitazzjoni għall-materjal kollu mhux oriġinarju użat sa' ċertu valur perċentwali, jeħtieġ li jiġi indikat fit-tielet kolonna l-valur tal-vireg mhux oriġinarji.

⁽³⁾ "Valur tal-materjali" ifisser il-valur doganali fil-mument tal-importazzjoni tal-materjali mhux oriġinarji li jintużaw, jew, jekk dan mhux magħruf u ma jistax jiġi aċċertat, l-ewwel prezz imħallas li jkun jista' jiġi aċċertat għall-materjali fl-Unjoni Ewropea, fl-Alġerija, fl-Marokk jew fit-Tuneżija. Il-valur eż-żarr għal kull materjal mhux oriġinarju użat jingħata għal kull unità tal-oġġetti speċifikati fl-ewwel kolonna.

⁽⁴⁾ "Valur miżjud totali' għandha tfisser l-ispejjeż kollha akkumulati barra mill-Unjoni Ewropea, l-Alġerija, il-Marokk jew it-Tuneżija, inkluż il-valur tal-materjali kollha miżjud hemmhekk. Il-valur miżjud totali preċiż miksub barra mill-Unjoni Ewropea, l-Alġerija, il-Marokk jew it-Tuneżija għandu jingħata għal kull unita tal-oġġetti speċifikati fl-ewwel kolonna.

ANNESS B

Dikjarazzjoni tal-fornitur għal medda twila ta' żmien għal prodotti li fuqhom ikun sar xogħol jew ipproċessar fl-Unjoni Ewropea, fl-Alġerija, fil-Marokk jew fit-Tuneżija mingħajr ma jkunu kisbu stejtus oriġinarju preferenzjali

Id-dikjarazzjoni tal-fornitur għal medda twila ta' żmien, li t-test tagħha jidher hawn taħt, għandha ssir skont in-noti ta' qiegħ il-paġna. Madankollu, in-noti ta' qiegħ il-paġna m'għandhomx għalfejn ikunu riprodotti.

DIKJARAZZJONI TAL-FORNITUR GĦAL MEDDA TWILA TA' ŻMIEN

għal prodotti li fuqhom ikun sar xogħol jew ipproċessar fl-Unjoni Ewropea, fl-Alġerija, fil-Marokk jew fit-Tuneżija mingħajr ma jkunu kisbu stejtus oriġinarju preferenzjali

Jien, hawn taħt iffirmsat, fornitr tal-prodotti koperti minn dan id-dokument, li jiġu forniti regolarmen lil⁽¹⁾ niddikjara li:

1. Il-materjali segwenti, li ma joriġinaw fl-Unjoni Ewropea, fl-Alġerija, fil-Marokk jew fit-Tuneżija, intużaw fl-Unjoni Ewropea, fl-Alġerija, fil-Marokk jew fit-Tuneżija sabiex jiġu prodotti dawn l-oġġetti:

Deskrizzjoni tal-oġġetti forniti ⁽²⁾	Deskrizzjoni tal-materjali mhux oriġinarji użati	Intestatura tal-materjali mhux oriġinarji użati ⁽³⁾	Valur tal-materjali mhux oriġinarji użati ⁽³⁾⁽⁴⁾
Total			

2. Il-materjali l-oħrajn kollha użati fl-Unjoni Ewropea, fl-Alġerija, fil-Marokk jew fit-Tuneżija sabiex jiġu prodotti dawn l-oġġetti joriġinaw fl-Unjoni Ewropea, fl-Alġerija, fil-Marokk jew fit-Tuneżija;

3. L-oġġetti segwenti sarilhom xogħol jew ipproċessar barra mill-Unjoni Ewropea, l-Alġerija, il-Marokk jew it-Tuneżija skont l-Artikolu 11 tal-Appendiċi I ta' ma' din il-Konvenzjoni u kisbu hemmhekk il-valur miżjud totali li ġej:

Deskrizzjoni tal-oġġetti forniti	Valur miżjud totali miksub barra l-Unjoni Ewropea, il-Marokk jew it-Tuneżija ⁽⁵⁾

Din id-dikjarazzjoni hija valida għall-konsenji kollha sussegwenti ta' dawn l-oġġetti mibgħutin minn.....

lil..... (6)

Jiena nintrabat li ngħarraf lil.....⁽¹⁾ minnufih jekk din id-dikjarazzjoni ma tibqax valida.

(Post u data)

(Indirizz u firma tal-fornitur;
addizzjonalment isem il-persuna li tiffirma
d-dikjarazzjoni għandu ikun indikat b'kitba ċara)

⁽¹⁾ L-isem u l-indirizz tal-klijent.

⁽²⁾ Meta l-fattura, il-karta tal-konsenza jew xi dokument kummerċjali ieħor li magħhom tkun annessa d-dikjarazzjoni jirreferu għal tipi differenti ta' oġġetti, jew għal oġġetti li ma jinkorporawx daqstant materjali mhux oriġinarji, il-fornituri għandu jagħmel distinzjoni ċara bejniethom.

Eżempju:

Id-dokument jirriferi għal mudelli differenti ta' mutur elettriku tal-intestatura 8501 sabiex jintużaw fil-manifattura ta' magni tal-ħasil tal-ħwejeġ tal-intestura 8450. In-natura u l-valor tal-materjali mhux oriġinarji użati fil-manifattura ta' dawn il-muturi jvarjaw minn mudell għal ieħor. Għandha għalhekk issir distinżjoni bejn il-mudelli fl-ewwel kolonna, u l-indikazzjonijiet fil-kolonnei l-oħrajn għandhom jiġu pprovduti separatament għal kull wieħed mill-mudelli sabiex ikun possibbli li l-manifattur tal-magni tal-ħasil tal-ħwejeġ jagħmel valutazzjoni korretta tal-isteituis orġiġinarju tal-prodotti tiegħu skont il-mudell ta' mutur elettriku li ġu.

⁽³⁾ I -indikazzjonijiet mitlubin f'dawn il-kolonnji għandhom ijingħataw biss jekk ikun hemm bżonn

Ejempij:

Ir-regola għall-ilbies tal-ex Kapitolu tgħid li jista' jintuża ħajt mhux orīginarju. Jekk manifattur ta' tali ilbies fl-Alġerija juża drapp importat mill-Unjoni Ewropea li hemmhekk kien miksib minn insiġ ta' ħajt mhux orīginarju, ikun bizzżejjed għall-fornitūr tal-Unjoni Ewropea li jiddeskrivi fid-dikjarazzjoni tiegħu l-materjal mhux orīginarju użat bħala ħajt, mingħajr il-ħtieġa li jindika l-intestatura u l-valur ta' tali ħajt.

Produttur tal-ħadid tal-intestatura 7217 li pproduċa l-ħadid minn vireg tal-ħadid mhux oriġinarji għandu jindika fit-tieni kolonna “vireg tal-ħadid”. Fejn dawn il-vireg għandhom jintużaw fil-produzzjoni ta’ magna, li għaliha r-regola tinkludi limitazzjoni għall-materjal kollu mhux oriġinarju użat sa-ċertu valur percēntwali ieħtieg li iġi indikat fit-tielet kolonna l-valur tal-vireg mhux oriġinarji.

⁽⁴⁾ "Valur tal-materjali" ifisser il-valur doganali fil-mument tal-importazzjoni tal-materjali mhux orijinarji li jintużaw jew, jekk dan mhux magħruf u ma jistax jiġi aċċertat, l-ewwel prezz imħallas li jkun jista' jiġi aċċertat għall-materjali fl-Unjoni Ewropea, fl-Alġerija, fil-Marokk iew fit-Tunezja. Il-valur eżżejt għal kull material mhux orijinarju użat jingħafha għal kull unità tal-oġġekti speċifikati fl-ewwel kolonna.

⁽⁵⁾ 'Valur miżjud totali' għandha tfisser l-ispejjeż kollha akkumulati barra mill-Unjoni Ewropea, l-Alġerija, il-Marokk jew it-Tunecija, inkluż il-valur tal-materjal kollha miżjudin hemmhekk. Il-valur miżjud totali preċiż miksub barra mill-Unjoni Ewropea, l-Alġerija, il-Marokk jew it-Tunecija għandu jineħha għal kull unita tal-oġġetti speċifikati fl-ewwel kolonna.

⁽⁶⁾ Daħħal id-dati. Il-perjodu tal-validità tad-dikjarazzjoni tal-fornitur għal medda twila ta' żmien normalment m'għandux jeċċedi t-12-il xahar, soġġett għall-kundizzjonijiet stipulati mill-awtoritajiet doganali tal-pajjiż fejn titfassal id-dikjarazzjoni tal-fornitur għal medda twila ta' żmien.

ANNESS C

Dikjarazzjoni tal-fornitur għal prodotti li fuqhom ikun sar xogħol jew ipproċessar fit-Turkija, fl-Alġerija, fil-Marokk jew fit-Tuneżija mingħajr ma jkunu kisbu stejtus orīginarju preferenzjali

Id-dikjarazzjoni tal-fornitur, li t-test tagħha jidher hawn taħt, għandha ssir skont in-noti ta' qiegħ il-paġna. Madankollu, in-noti ta' qiegħ il-paġna m'għandhomx għalfejn ikunu riprodotti.

DIKJARAZZJONI TAL-FORNITUR

għal prodotti li fuqhom ikun sar xogħol jew ipproċessar fit-Turkija, fl-Alġerija, fil-Marokk jew fit-Tuneżija mingħajr ma jkunu kisbu stejtus orīginarju preferenzjali

Jien, hawn taħt iffírmat, fornitur tal-prodotti koperti mid-dokument anness, niddikjara li:

- Il-materjali segwenti, li ma joriġinawx fit-Turkija, fl-Alġerija, fil-Marokk jew fit-Tuneżija, intużaw fit-Turkija, fl-Alġerija, fil-Marokk jew fit-Tuneżija sabiex jiġu prodotti dawn l-oġġetti:

Deskrizzjoni tal-oġġetti forniti ⁽¹⁾	Deskrizzjoni tal-materjali mhux użati oriġinarji	Intestatura tal-materjali mhux użati ⁽²⁾ oriġinarji	Valur tal-materjali mhux użati ⁽²⁾⁽³⁾ oriġinarji
Total			

- Il-materjali l-oħrajn kollha użati fit-Turkija, fl-Alġerija, fil-Marokk jew fit-Tuneżija sabiex jiġu prodotti dawn l-oġġetti joriġinaw fit-Turkija, fl-Alġerija, fil-Marokk jew fit-Tuneżija;

- L-oġġetti segwenti sarilhom xogħol jew ipproċessar barra mit-Turkija, fl-Alġerija, il-Marokk jew it-Tuneżija skont l-Artikolu 11 tal-Appendiċi I ta' ma' din il-Konvenzjoni u kisbu hemmhekk il-valur miżjud totali li ġej:

Deskrizzjoni tal-oġġetti forniti	Valur miżjud totali miksub barra t-Turkija, fl-Alġerija, il-Marokk jew it-Tuneżija ⁽⁴⁾

(Post u data)
(Indirizz u firma tal-fornitur; addizzjonalment isem il-persuna li tifirma d-dikjarazzjoni għandu jkun indikat b'kitba ċara)

⁽¹⁾ Meta l-fattura, il-karta tal-konsenza jew xi dokument kummerċjali ieħor li magħhom tkun annessa d-dikjarazzjoni jirreferu għal tipi differenti ta' oġġetti, jew għal oġġetti li ma jinkorporawx daqstant materjali mhux oriġinarji, il-fornitur għandu jagħmel distinzjoni ċara bejniethom.

Eżempju:

Id-dokument jirriferi għal mudelli differenti ta' mutur elettriku tal-intestatura 8501 sabiex jintużaw fil-manifattura ta' magni tal-ħasil tal-ħwejjeġ tal-intestura 8450. In-natura u l-valur tal-materjali mhux oriġinarji użati fil-manifattura ta' dawn il-muturi jvarjaw minn mudell għaliex. Għandha għalhekk issir distinzjoni bejn il-mudelli fl-ewwel kolonna, u l-indikazzjonijiet fil-kolonnei l-oħra jgħid għandhom jiġu pprovduti separatament għal kull wieħed mill-mudelli sabiex ikun possibbli li l-manifattur tal-magni tal-ħasil tal-ħwejjeġ jaġħmel valutazzjoni korretta tal-istejtus oriġinarju tal-prodotti tiegħu skont il-mudell ta' mutur elettriku li juża.

⁽²⁾ L-indikazzjonijiet mitlubin f'dawn il-kolonnei għandhom jingħataw biss jekk ikun hemm bżonn.

Eżempji:

Ir-regola għall-ilbies tal-ex Kapitolo tgħid li jista' jintuża ħajt mhux oriġinarju. Jekk manifattur ta' tali lbies fit-Tuneżija juża drapp importat mit-Turkijsa li hemmhekk kien miksub minn insiġ ta' ħajt mhux oriġinarju, ikun bizzżejjed għall-fornitur tat-Turkijsa li jiddeskrivi fid-dikjarazzjoni tiegħi l-materjal mhux oriġinarju użat bħalha ħajt, mingħajr il-ħtieġa li jindika l-intestatura u l-valur ta' tali ħajt.

Produttur tal-ħadid tal-intestatura 7217 li pproduċa l-ħadid minn vireg tal-ħadid mhux oriġinarji għandu jindika fit-tieni kolonna "vireg tal-ħadid". Fejn dawn il-vireg għandhom jintużaw fil-produzzjoni ta' magna, li għaliha r-regola tħinkludi limitazzjoni għall-materjal kollu mhux oriġinarju użat sa' ċertu valur perċentwali, jeftieg li jiġi indikat fit-tielet kolonna l-valur tal-vireg mhux oriġinarju.

⁽³⁾ "Valur tal-materjali" tfisser il-valur doganali fil-mument tal-importazzjoni tal-materjali mhux oriġinarji li jintużaw, jew, jekk dan mhux magħruf u ma jistax jiġi aċċertat, l-ewwel prezz imħallas li jkun jista' jiġi aċċertat għall-materjali fit-Turkijsa, fl-Alġerija, fl-Marokk jew fit-Tuneżija. Il-valur eżatt għal kull materjal mhux oriġinarju użat jingħata għal kull unità tal-oġġetti speċifikati fl-ewwel kolonna.

⁽⁴⁾ "Valur miżjud totali" għandha tfisser l-ispejjeż kollha akkumulati barra mit-Turkijsa, l-Alġerija, il-Marokk jew it-Tuneżija, inkluż il-valur tal-materjali kollha miżjudin hemmhekk. Il-valur miżjud totali preċiż miksub barra mit-Turkijsa, l-Alġerija, il-Marokk jew it-Tuneżija għandu jingħata għal kull unità tal-oġġetti speċifikati fl-ewwel kolonna.

ANNESS D

Dikjarazzjoni tal-fornitur għal medda twila ta' żmien għal prodotti li fuqhom ikun sar xogħol jew ipproċessar fit-Turkija, fl-Alġerija, fil-Marokk jew fit-Tuneżija mingħajr ma jkunu kisbu stejtus oriġinarju preferenzjali

Id-dikjarazzjoni tal-fornitur għal medda twila ta' żmien, li t-test tagħha jidher hawn taħt, għandha ssir skont in-noti ta' qiegħ il-paġna. Madankollu, in-noti ta' qiegħ il-paġna m'għandhomx għalfejn ikunu riprodotti.

DIKJARAZZJONI TAL-FORNITUR GĦAL MEDDA TWILA TA' ŻMIEN

għal prodotti li fuqhom ikun sar xogħol jew ipproċessar fit-Turkija, fl-Alġerija, fil-Marokk jew fit-Tuneżija mingħajr ma jkunu kisbu stejtus oriġinarju preferenzjali

Jien, hawn taħt iffirmsat, fornitr tal-prodotti koperti minn dan id-dokument, li jiġu forniti regolarmen lil⁽¹⁾ niddikjara li:

1. Il-materjali segwenti, li ma joriġinaw fit-Turkija, fl-Alġerija, fil-Marokk jew fit-Tuneżija, intużaw fit-Turkija, fl-Alġerija, fil-Marokk jew fit-Tuneżija sabiex jiġu prodotti dawn l-oġġetti:

Deskrizzjoni tal-oġġetti forniti ⁽²⁾	Deskrizzjoni tal-materjali mhux oriġinarji użati	Intestatura tal-materjali mhux oriġinarji użati ⁽³⁾	Valur tal-materjali mhux oriġinarji użati ⁽³⁾⁽⁴⁾
Total			

2. Il-materjali l-oħrajn kollha użati fit-Turkija, fl-Alġerija, fil-Marokk jew fit-Tuneżija sabiex jiġu prodotti dawn l-oġġetti joriġinaw fit-Turkija, fl-Alġerija, fil-Marokk jew fit-Tuneżija;

3. L-oġġetti segwenti sarilhom xogħol jew ipproċessar barra mit-Turkija, l-Alġerija, il-Marokk jew it-Tuneżija skont l-Artikolu 11 tal-Appendiċi I ta' ma' din il-Konvenzjoni u kisbu hemmhekk il-valur miżjud totali li ġej:

Deskrizzjoni tal-oġġetti forniti	Valur miżjud totali miksub barra t-Turkija, l-Alġerija, il-Marokk jew it-Tuneżija ⁽⁵⁾

Din id-dikjarazzjoni hija valida għall-konsenji kollha sussegwenti ta' dawn l-oġġetti mibgħutin minn.....

lil.....(6)

(6)

Jiena nintrabat li ngħarraf lil.....⁽¹⁾ minnufih jekk din id-dikjarazzjoni ma tibqax valida.

(Post u data)

(Indirizz u firma tal-fornitur;
addizzjonalment isem il-persuna li tiffirma
d-dikjarazzjoni għandu ikun indikat b'kitba ċara)

⁽¹⁾ L-isem u l-indirizz tal-klijent.

⁽²⁾ Meta l-fattura, il-karta tal-konsenza jew xi dokument kummerċjali ieħor li magħhom tkun annessa d-dikjarazzjoni jirreferu għal tipi differenti ta' oġġetti, jew għal oġġetti li ma jinkorporawx daqstant materjali mhux oriġinarji, il-fornituri għandu jagħmel distinżjoni carà bejniethom.

Eżempju:

Id-dokument jirriferi għal mudelli differenti ta' mutur elettriku tal-intestatura 8501 sabiex jintużaw fil-manifattura ta' magni tal-ħasil tal-ħwejjeġ tal-intestura 8450. In-natura u l-valor tal-materjali mhux oriġinarji użati fil-manifattura ta' dawn il-muturi jvarjaw minn mudell għal ieħor. Għandha għalhekk issir distinżjoni bejn il-mudelli fl-ewwel kolonna, u l-indikazzjonijiet fil-kolonnei l-oħrajn għandhom jiġu provdu separatament għal kull wieħed mill-mudelli sabiex ikun possibbli li l-manifattur tal-magni tal-ħasil tal-ħwejjeġ jagħmel valutazzjoni korretta tal-isteitru orġiġinarju tal-prodotti tiegħu skont il-mudell ta' mutur elettriku li ġużże.

⁽³⁾ L-indikazzjonijiet mitlubin f'dawn il-kolonni għandhom jingħataw biss jekk ikun hemm bżonn.

Eżempji:

Ir-regola għall-ilbies tal-ex Kapitolu tgħid li jista' jintuża ħajt mhux oriġinarju. Jekk manifattur ta' tali lbies fit-Tuneżija juża drapp importat mit-Turkija li hemmhekk kien miksub minn insiġ ta' ħajt mhux oriġinarju, ikun biżżejjed għall-fornitūr tat-Turkija li jiddeskrivi fid-dikiarazzjoni tiegħu l-material mhux originariu użat bħala ħajt, mingħair il-ħtieġa li iindiċka l-intestatura u l-valur ta' tali ħajt.

Produttur tal-ħadid tal-intestatura 7217 li pproduċa l-ħadid minn vireg tal-ħadid mhux oriġinarji għandu jindika fit-tien kolonna “vireg tal-ħadid”. Fejn dawn il-vireg għandhom jintużaw fil-produzzjoni ta’ magna, li għaliha r-regola tinkludi limitazzjoni għall-materjal kollu mhux oriġinarju użat sa-ċertu valur perċentwali, jeħtieġ li jiġi indikat fit-tielet kolonna l-valur tal-vireg mhux oriġinarji.

⁽⁴⁾ "Valur tal-materjali" tfisser il-valur doganali fil-mument tal-importazzjoni tal-materjali mhux oriġinarji li jintużaw, jew, jekk dan mhux magħruf u ma jistax jiġi aċċertat, l-ewwel prezz imħallas li jkun jista' jiġi aċċertat għall-materjali fit-Turkija, fl-Algerja, fl-Marokk jew fit-Tunezjja. Il-valur ezzat għal kull material mhux oriġinarju użat iż-żejt għal kollha.

⁽⁵⁾ 'Valur miżjud totali' għandha tħisser l-ispejjeż kollha akkumulati barra mit-Turkija, l-Alġerija, il-Marokk jew it-Tunezja, inkluż il-valur tal-materjali kollha miżjud hemmhekk. Il-valur miżjud totali preċiż miksub barra mit-Turkija, l-Alġerija, il-Marokk jew it-Tunezja għandu jingħata għal kull unità tal-oġġetti speċifikati fl-ewwel kolonna.

⁽⁶⁾ Daħħal id-dati. Il-perjodu ta' validità tad-dikjarazzjoni tal-fornitur għal medda twila ta' żmien normalment m'għandux jeċċedi t-12-il xahar, soġġett għall-kundizzjonijiet stipulati mill-awtoritajiet doganali tal-pajjiż fejn titfassal id-dikjarazzjoni tal-fornitur għal medda twila ta' żmien.

ANNESS E

Dikjarazzjoni tal-fornitur għal prodotti li fuqhom ikun sar xogħol jew ipproċessar fi Stat tal-EFTA jew fit-Tuneżija mingħajr ma jkunu kisbu stejtus oriġinarju preferenzjali

Id-dikjarazzjoni tal-fornitur, li t-test tagħha jidher hawn taħt, għandha titfassal skont in-noti ta' qiegħ il-paġna. Madankollu, in-noti ta' qiegħ il-paġna m'għandhomx ġħalfejn ikunu riprodotti.

DIKJARAZZJONI TAL-FORNITUR

għal prodotti li fuqhom ikun sar xogħol jew proċessar fi Stat tal-EFTA jew fit-Tuneżija mingħajr ma jkunu kisbu stejtus oriġinarju preferenzjali

Jien, hawn taħt iffirmat, fornitur tal-prodotti koperti minn dan id-dokument, li jiġu forniti regolarmen lil niddikjara li:

- Il-materjali, li ġejjin hawn taħt, li ma joriġinawx fi Stat tal-EFTA jew fit-Tuneżija intużaw fi Stat tal-EFTA jew fit-Tuneżija sabiex jiġu prodotti dawn l-oġġetti:

Deskrizzjoni tal-oġġetti forniti ⁽¹⁾	Deskrizzjoni tal-materjali mhux oriġinarji użati	Intestatura tal-materjali mhux oriġinarji użati ⁽²⁾	Valur tal-materjali mhux oriġinarji użati ⁽²⁾⁽³⁾
Total			

- Il-materjali l-oħra kollha użati fi Stat tal-EFTA jew fit-Tuneżija sabiex jiġu prodotti dawn l-oġġetti joriġinaw minn Stat tal-EFTA jew mit-Tuneżija;

3. L-oġġetti li ġejjin sarilhom xogħol jew ipproċessar barra minn Stat tal-EFTA jew mit-Tuneżija skont l-Artikolu 11 tal-Appendiċi I ta' ma' din il-Konvenzjoni u kisbu hemmhekk il-valur miżjud totali li ġej:

Deskrizzjoni tal-oġġetti forniti	Valur miżjud totali miksub barra Stat tal-EFTA jew it-Tuneżija ⁽⁴⁾

(Post u data)
(Indirizz u firma tal-fornitur; addizzjonalment isem il-persuna li tifirma d-dikjarazzjoni għandu jkun indikat b'kitba ċara)

⁽¹⁾ Meta l-fattura, in-nota tal-konsenza jew xi dokument kummerċjali ieħor li magħhom tkun annessa d-dikjarazzjoni jirreferu għal tipi differenti ta' oġġetti, jew għal oġġetti li ma jinkorporawx daqstant materjali mhux oriġinarji, il-fornitur għandu jagħmel distinzjoni ċara bejnithom.

Eżempju:

Id-dokument jirriferi għal mudelli differenti ta' mutur elettriku tal-intestatura 8501 sabiex jintużaw fil-manifattura ta' magni tal-ħasil tal-ħwejjeġ tal-intestura 8450. In-natura u l-valur tal-materjali mhux oriġinarji użati fil-manifattura ta' dawn il-muturi jvarjaw minn mudell għaliex. Għandha għalhekk issir distinzjoni bejn il-mudelli fl-ewwel kolonna, u l-indikazzjonijiet fil-kolonnei l-oħra għandhom jiġu provdu separatament għal kull wieħed mill-mudelli sabiex ikun possibbli li l-manifattur tal-magni tal-ħasil tal-ħwejjeġ jaġħmel valutazzjoni korretta tal-istatus oriġinarju tal-prodotti tiegħu skont il-mudell ta' mutur elettriku li juża.

⁽²⁾ L-indikazzjonijiet mitluba f'dawn il-kolonnei għandhom jingħataw biss jekk ikun hemm bżonn.

Eżempji:

Ir-regola għall-ilbies tal-ex Kapitolo 62 tħid li jista' jintuża ħajt mhux oriġinarju. Jekk manifattur ta' tali lbies fit-Tnejja juża drapp importat minn Stat tal-EFTA li hemmhekk kien miksub minn insiġ ta' ħajt mhux oriġinarju, ikun bizzżejjed għall-fornitur tal-Istat tal-EFTA li jiddeskrivi fid-dikjarazzjoni tiegħu l-materjal mhux oriġinarju użat bħala ħajt, mingħajr il-ħtieġa li jindika l-intestatura u l-valur ta' tali ħajt.

Proddut tal-ħadid tal-intestatura 7217 li pproduċa l-ħadid minn vireg tal-ħadid mhux oriġinarji għandu jindika fit-tieni kolonna "vireg tal-ħadid". Fejn dawn il-vireg għandhom jintużaw fil-produzzjoni ta' magna, li għaliha r-regola tħalli limitazzjoni għall-materjal kollu mhux oriġinarju użat sa' ċertu valur perċentwali, jeftieg li jiġi indikat fit-tielet kolonna l-valur tal-vireg mhux oriġinarji.

⁽³⁾ "Valur tal-materjali" ifisser il-valur doganali fil-mument tal-importazzjoni tal-materjali mhux oriġinanti li jintużaw, jew, jekk dan mhux magħruf u ma jistax jiġi aċċertat, l-ewwel prezz imħallas li jkun jista' jiġi aċċertat għall-materjali fi Stat tal-EFTA jew fit-Tnejja. Il-valur eż-żatt għal kull materjal mhux oriġinarju użat jingħata għal kull unità tal-oġġetti spċificati fl-ewwel kolonna.

⁽⁴⁾ "Valur miżjud totali" għandha tfisser l-ispejjeż kollha akkumulati barra minn Stat tal-EFTA jew mit-Tnejja, inkluż il-valur tal-materjali kollha miżjudin hemmhekk. Il-valur miżjud totali preċiż miksub barra minn Stat tal-EFTA jew mit-Tnejja għandu jingħata għal kull unità tal-oġġetti spċificati fl-ewwel kolonna.

ANNESS F

Dikjarazzjoni tal-fornitur fuq medda twila ta' żmien għal prodotti li fuqhom ikun sar xogħol jew proċessar fi Stat tal-EFTA jew fit-Tuneżija mingħajr ma jkunu kisbu stejtus orīginarju preferenzjali

Id-dikjarazzjoni ta' fornitur għal medda twila ta' żmien, li t-test tagħha jidher hawn taħt, għandha ssir skont in-noti ta' qiegħ il-pażna. In-noti ta' qiegħ il-pażna m'għandhomx għalfejn ikunu riprodotti.

DIKJARAZZJONI TA' FORNITUR GĦAL MEDDA TWILA TA' ŻMIEN

għal prodotti li fuqhom ikun sar xogħol jew proċessar fi Stat tal-EFTA jew fit-Tuneżija mingħajr ma jkunu kisbu stejtus orīginarju preferenzjali

Jien, hawn taħt iffirmsat, fornitur tal-prodotti koperti minn dan id-dokument, li jiġu forniti regolarmen lil⁽¹⁾ niddikjara li:

1. Il-materjali, li ġejjin hawn taħt, li ma joriġinawx fi Stat tal-EFTA jew fit-Tuneżija intużaw fi Stat tal-EFTA jew fit-Tuneżija sabiex jiġu prodotti dawn l-oġġetti:

Deskrizzjoni tal-oġġetti forniti ⁽²⁾	Deskrizzjoni tal-materjali mhux oriġinarji użati	Intestatura tal-materjali mhux oriġinarji użati ⁽³⁾	Valur tal-materjali mhux oriġinarji użati ⁽³⁾⁽⁴⁾
Total			

2. Il-materjali l-oħra kollha użati fi Stat tal-EFTA jew fit-Tuneżija sabiex jiġu prodotti dawn l-oġġetti joriġinaw minn Stat tal-EFTA jew mit-Tuneżija;

3. L-oġġetti li ġejjin sarilhom xogħol jew ipproċessar barra minn Stat tal-EFTA jew mit-Tuneżija skont l-Artikolu 11 tal-Appendiċi I ta' ma' din il-Konvenzjoni u kisbu hemmhekk il-valur miżjud totali li ġej:

Deskrizzjoni tal-oġġetti forniti	Valur miżjud totali miksub barra Stat tal-EFTA jew it-Tuneżija ⁽⁵⁾

Din id-dikjarazzjoni hija valida għall-konsenji kollha sussegwenti ta' dawn l-oġġetti mibgħutin minn.....

lil..... (6)

Jiena nintrabat li ngħarraf lil.....⁽¹⁾ minnufih jekk din id-dikjarazzjoni ma tibqax valida.

.....
(Post u data)

.....
.....
.....
(Indirizz u firma tal-fornitur;
addizzjonalment isem il-persuna li tiffirma
d-dikjarazzjoni għandu jkun indikat b'kitba ċara)

⁽¹⁾ L-isem u l-indirizz tal-kljent.

⁽²⁾ Meta l-fattura, in-nota tal-konsenja jew xi dokument kummerċjali ieħor li magħhom tkun annessa d-dikjarazzjoni jirreferu għal tipi differenti ta' oġġetti, jew għal oġġetti li ma jinkorporawx daqstant materjali mhux oriġinarji, il-fornitur għandu jagħmel distinzjoni ċara bejniethom.

Eżempju:

Id-dokument jirriferi għal mudelli differenti ta' mutur elettriku tal-intestatura 8501 sabiex jintużaw fil-manifattura ta' magni tal-ħasil tal-ħwejjeġ tal-intestura 8450. In-natura u l-valur tal-materjali mhux oriġinarji użati fil-manifattura ta' dawn il-muturi jvarjaw minn mudell għal ieħor. Għandha għalhekk issir distinzjoni bejn il-mudelli fl-ewwel kolonna, u l-indikazzjonijiet fil-koloni l-oħra għandhom jiġu provdu separatalement għal kull wieħed mill-mudelli sabiex ikun possibbli li l-manifattur tal-magni tal-ħasil tal-ħwejjeġ jagħmel valutazzjoni korretta tal-istatus oriġinarju tal-prodotti tiegħu skont il-mudell ta' mutur elettriku li juża.

⁽³⁾ L-indikazzjonijiet mitluba f'dawn il-koloni għandhom jingħataw biss jekk ikun hemm bżonn.

Eżempji:

Ir-regola għall-ilbies tal-ex Kapitolo 62 tgħid li jista' jintuża ħajt mhux oriġinarju. Jekk manifattur ta' tali lbies fit-Tnejja juża drapp importat minn Stat tal-EFTA li hemmhekk kien miksub minn insiġ ta' ħajt mhux oriġinarju, ikun biżżejjed għall-fornitur tal-Istat tal-EFTA li jiddeskrivi fid-dikjarazzjoni tiegħu l-materjal mhux oriġinarju użat bħala ħajt, mingħajri il-ħtieġa li jindika l-intestatura u l-valur ta' tali ħajt.

Proddutur tal-ħadid tal-intestatura 7217 li pproduċa l-ħadid minn vireg tal-ħadid mhux oriġinarji għandu jindika fit-tieni kolonna "vireg tal-ħadid". Fejn dawn il-vireg għandhom jintużaw fil-produzzjoni ta' magna, li għaliha r-regola tħalli limitazzjoni għall-materjal kollu mhux oriġinarju użat sa' ċertu valur perċentwali, jeħtieġ li jiġi indikat fit-tielet kolonna l-valur tal-vireg mhux oriġinarji.

⁽⁴⁾ "Valur tal-materjali" ifisser il-valur doganali fil-mument tal-importazzjoni tal-materjali mhux oriġinanti li jintużaw, jew, jekk dan mhux magħruf u ma jistax jiġi aċċertat, l-ewwel prezz imħallas li jkun jista' jiġi aċċertat għall-materjali fi Stat tal-EFTA jew fit-Tnejja. Il-valur eż-żarr għal kull materjal mhux oriġinarju użat jingħata għal kull unità tal-oġġetti speċifikati fl-ewwel kolonna.

⁽⁵⁾ 'Valur miżjud totali' għandha tfisser l-ispejjeż kollha akkumulati barra minn Stat tal-EFTA jew mit-Tnejja, inkluż il-valur tal-materjali kollha miżjudin hemmhekk. Il-valur miżjud totali preċiż miksub barra minn Stat tal-EFTA jew mit-Tnejja għandu jingħata għal kull unità tal-oġġetti speċifikati fl-ewwel kolonna.

⁽⁶⁾ Daħħal id-dati. Il-perjodu ta' validità tad-dikjarazzjoni ta' fornitur għal medda twila ta' żmien m'għandux normalment jeċċedi 12-il xahar, sugħġi għall-kondizzjonijiet stipulati mill-awtoritajiet doganali tal-pajjiż fejn titfassal id-dikjarazzjoni ta' fornitur għal medda twila ta' żmien.